# Għaqda Mużikali Imperial



Festa Marija Bambina 2022 Il-Mellieħa

perfumes & more




6 x 100 ML PERFUMES
FOR ONLY
€100

Apply Coupon Code: 6FOR100

SLIEMA | FGURA | MINUSTHREE - THE POINT | MOSTA | MELLIEĦA | BIRKIRKARA | ĦAMRUN

www.perfumesandmore.com.mt | 2015 1818 | manager@perfumesandmore.com.mt

Terms & Conditions Apply

# Werrej

L-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar sena – Josef Borg – President ....5
Familja waħda – Dario Vella – Sindku ....8
Inġeddu l-festi tagħna – Kan. Dun Joe Caruana – Arċipriet ....9
Min għandu ċans? – Dr John Baptist Gauci – Segretarju Ġenerali ....12
Bil-ftit tal-ħafna – Anthony Schembri – Segretarju Finanzjarju ....16
Ħsibijieti – Mro Anthony Borg – Surmast Direttur… ....18
Sena ta' ħidma – Clayton Vella – Direttur ....22
Nerġgħu nqumu fuq saqajna – Ryan Micallef – Membru tal-Kummissjoni Banda u Kor ....23
Business as usual – Julie Thomas – Director of the Imperial Choir ....25
Għalfejn il-banda? – Philip Schembri – Għalliem tal-mużika ....29
Inħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu – L-Avukat Noel Camilleri – President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda ....30
Djarju 2021 - 2022 ....31
Nifirħu lil… ....36
Niftakru f'ħutna li ħallewna ....37
Tislima lil Nenu – Dr John Baptist Gauci ....38
Tislima liż-żewġ membri onorarji Vincent Debono u John Pisani ....39
Appreciation: Rev. Mgr Moses Debono – Seminarian Karl Andrew Schembri ....40
Programm t'Attivitajiet ....42
Programme of Activities ....45
Proġetti ta' restawr fil-Każin Imperial ....46
Ritorn tant mistenni – L-Onor. Clayton Bartolo – Il-Ministru għat-Turiżmu ....49
Nistgħu nerġgħu ngawdu l-festi flimkien – L-Onor. Dr Jonathan Attard – Il-Ministru għall-Ġustizzja ....52
Reviving Malta's Musical Heritage – Geoff Thomas ....53
Meta Ġbarthom taħt il-Mant – Christopher Bartolo – Sagristan ....60
Apprezzament: Lawrence Farrugia (1938 – 2022) – L-Avukat Noel Camilleri – President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda ....64
Messaġġ mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana – Clifford Galea Vella Maslennikov – Il-President tar-Reġjun Tramuntana ....65
It-Traġedja tal-Latnija – Joseph F. Cachia ....68
Ir-Razzett tax-Xjaten – Joseph F. Cachia ....72
Awguri lil Patri Alfred Debono ....76
Wheelchair Dancing – Pippa Roberts ....77
Prattika bl-artillerija fiż-żona ta' partijiet mill-Mellieħa, Kemmuna u Kemmunett fl-1927 – Charles Debono – Il-Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra ....80
The Fusion of Tradition and Innovation in Carmel Muscat's Funeral Marches – Mro Anthony Borg ....84
Il-Mellieħa fiċ-ċinema u aspetti relatati – David Bartolo ....89
Il-Festa Maltija – Kav. Duncan Brincat – Iċ-Chairperson Kummissjoni "Il-Festa bħala Wirt Intanġibbli" fi ħdan l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda ....94
Ċakkura –Paul P. Borg ....96
Malta's election to the United Nations Security Council – Professor Stephen Calleya – University of Malta ....99
Il-Kobor ta' Marija – Ġanni Camilleri ....101
Stejjer mid-Dahar – Jeffrey Sammut ....102
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ....116

**VO/0841**

*Pubblikazzjoni:*
Għaqda Mużikali Imperial
Misraħ tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Leħen l-Imperial
Għaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, John Baptist Gauci, Anthony Borg, Carmen Schembri, Anthony Schembri

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'għandhom qatt jinftehmu bħala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

**Typing:**
Carmen Schembri,
John Baptist Gauci

**Disinn tal-Faċċata:**
Stephen Grima

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
John Baptist Gauci

**Qari tal-Provi:**
David Muscat
Grazio Barbara

Pittura tal-Faċċata:
Misraħ il-Parroċċa, il-pjazza prinċipali tal-Mellieħa li fiha nsibu l-Każin tal-Għaqda Mużikali Imperial.
Pittura ta' Stephen Grima.

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprintqrendi@gmail.com


THE CORE
RESTAURANT & LOUNGE
FOR RESERVATIONS
Tel: (+356) 27600223 / 4
reservations@lurehotelmalta.com
www.lurehotelmalta.com

# Jevon's Fruit Shop

27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024

**Tel: 2152 3546**
**Mob: 9947 3825**



***Free Delivery***



EST. 1927

# Dingli Butcher

MELLIEĦA

: 21523588
: Dingli Butcher Mellieħa

BILLY'S




113, George Borg Olivier Street,
Mellieha MLH 1020, MALTA

Tel: (+356) 21 523 676
(+356) 21 523 784

Mob: (+356) 9949 7575
(+356) 9942 7575

www.billyscarhire.com
info@billyscarhire.com

CHAUFFEUR SERVICE | CAR HIRE | HOLIDAY HOMES



# L-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar sena

**Josef Borg**
*President*



Waslet il-festa, u din is-sena nistgħu niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina b'mod sħiħ u normali wara waqfa ta' sentejn. Il-pandemija COVID-19 li laqtet lid-dinja, ħalliet l-effetti negattivi tagħha u r-restrizzjonijiet li kienu imposti fil-ħajja ta' kuljum laqtu b'mod dirett l-ħidma u l-operat tal-għaqdiet mużikali fejn saħansitra għal perjodu twil kellhom jagħlqu l-bibien tagħhom. L-għeluq tal-każini kellu effett dirett fuq il-ħidma tas-soċjetà u għal żmien twil dawn ma setgħux joperaw. Konsegwenza ta' dan, is-sorsi li minnhon konna niġġeneraw id-dħul biex immexxu l-għaqda waqfu. Ma kienx żmien feliċi, iżda f'dawn iċ-ċirkostanzi trid tingħaqad flimkien biex issib il-mod kif tegħleb dawn id-diffikultajiet ħalli meta d-dinja u l-ħajja terġa' għan-normal, inkunu nistgħu nkomplu bil-ħidma tagħna.

Bħala kumitat direttiv ħadna d-deċiżjoni li meta u sa fejn ikun possibbli l-attività ġewwa l-każin trid tkompli għaddejja normali, iżda dejjem nosservaw ir-restrizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet tas-saħħa. Il-provi tal-banda u tal-kor, flimkien mat-tagħlim tal-mużika ngħataw l-ewwel importanza. Dawn baqgħu jsiru b'mod regolari għax ilkoll nemmnu li dawn huma l-qalb li madwarha hija mibnija soċjetà mużikali.

Hawn irrid nirringrazzja lis-Surmast Direttur, id-Direttriċi tal-Kor, flimkien mal-bandisti u l-membri tal-kor li f'dawn il-mumenti diffiċli aktar ingħaqdu biex bis-sehem tagħhom żammejna l-ħidma għaddejja. L-istess nistgħu ngħidu għat-tagħlim tal-mużika li dan kompla għaddej ħalli kemm ikun possibbli l-allievi tagħna jibgħu jitħarrġu biex in-numru tal-membri fil-banda jkompli dejjem jikber. Tħossok kburi meta f'dan iż-żmien diffiċli l-banda u l-kor jibqgħu miexja 'l quddiem u jtellgħu programmi mużikali, u dan kollu grazzi għall-impenn ta' ħafna persuni li minkejja d-diffikultajiet kollha, ħadmu flimkien b'għan wieħed, dak li l-Għaqda Mużikali Imperial tkompli miexja 'l quddiem.

Għalkemm kien hemm pressjoni fuq il-finanzi tal-każin, dan ma qatax qalb il-kumitat biex ikompli l-ħidma tiegħu. Applikajna għal diversi proġetti u fondi li permezz tagħhom stajna nkomplu għaddejjin bil-ħidma tagħna li nwettqu diversi proġetti biex inkomplu nsebbħu l-każin tagħna. Għamilna proġetti ta' restawr biex nikkonservaw opri li għandna fil-każin. Biex tagħmel dan ix-xogħol trid ħidma kbira ta' diversi persuni li tibda mal-applikazzjoni tal-proġett u tkompli wara billi dan kollu jitwettaq b'mod strutturali. Għandna ħafna proġetti li tlestew u oħrajn li bdew u jridu jitkomplew. Proġett li ilu mistenni huwa dak tat-tisbiħ tal-bar u l-entratura tal-każin.

Dan huwa ppjanat li jibda wara l-festa tal-Vitorja, u hawn irrid nirringrazzja lill-Ministru tat-Turiżmu l-Onorevoli Clayton Bartolo li permezz tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għadda fondi sostanzjali lill-għaqda tagħna fost oħrajn biex inkomplu nagħtu dehra isbaħ u moderna lill-entratura tal-każin. Dawn il-proġetti kienu jinvolvu ħafna ħidma u minn qalbi ngħid grazzi lil kull min b'mod jew ieħor ta s-sehem tiegħu biex ikunu jistgħu jitwettqu.

Fil-ħajja tiltaqa' ma' realtajiet ta' diqa u niket. Qed nagħmel referenza għat-telfa tal-bandist Carmel Fenech, u l-membri onorarji Vincent Debono u John Pisani (fl-Awstralja), kif ukoll membri tal-każin u benefatturi li lkoll mietu matul din is-sena. Telfa ta' membru mill-familja tnikktek dejjem, iżda huwa d-dmir tagħna li nibgħu niftakru fihom u nirringrazzjawhom għall-ħidma tagħhom.

Bħalma semmejt hawn fuq, din il-ħidma kollha tkun possibbli biss bl-għajnuna ta' diversi persuni li jaħdmu mill-qalb għax għandhom għal qalbhom il-każin. Lil sħabi tal-Kumitat Direttiv, Kummissjoni Banda u Kor, Kummissjoni Żgħażagħ, Surmast Direttur, Direttriċi tal-Kor, bandisti, membri tal-kor, għalliema u allievi nirringrazzjakom tal-impenn u l-ħidma tagħkom.

L-impenn volontarju ta' dawn in-nies huwa l-aqwa garanzija biex is-soċjetajiet tagħna jkollhom futur sabiħ. Hawn nagħmel appell biex aktar persuni joffru l-għajnuna tagħhom b'risq is-soċjetà, biex il-kultura u l-identità tagħna nkomplu nsaħħuha.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.


WE STRIVE TO TEACH YOU TO
DRIVE SAFELY & SECURELY FOR A LIFETIME
THE ONLY DRIVING SCHOOL YOU NEED TO CALL TO GET YOUR LICENCE
OVER 25 YEARS EXPERIENCE
• Truck Driving Licence Package
- Ideal for companies with truck fleets
• Category 'C' & 'C+E' Licences
• Professional Qualified Instructor
• Instructor Service on Test Day
• European Licence
• We offer B+E Towing Tuition, allowing your Licence to cover your Towing legally
Male & Female Instructors • Manual & Automatic Cars • Individual Tuition
We Guarantee The Best Prices & Most Of All The Best Professional Service & Tuition
CALL: 99 498 240
... And We'll Take Care of the Rest!
DRIVE WELL
www.drivewellmalta.com
E: drivewell.ms@hotmail.com
drivewellmsmalta


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
WE DELIVER FUEL AND LPG TO
Hotels Domestic Industrial Farms Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
24/7 delivery service
Flexible credit terms
Excellent quality products
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles.
FUEL & L.P.G SUPPLIER
find us on facebook
Ph.Borg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Għasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com

Aalayah's
Stop & Shop

12, Main Street
Mellieħa.

FREE PACKET OF
WATER WITH
EVERY €33 SPENT

OPEN ALL DAY
FROM MONDAY TO SUNDAY


FREE DELIVERY TO
MELLIEĦA

Find us on Facebook

Bayleaves
Restaurant and Pizzeria



Open From
**Thursday to Monday**
6pm Onwards

9, Triq il-Kbira
Mellieħa, MLH2310
Malta

**Tel: 21521281**



# Familja waħda

**Dario Vella**
*Is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa*



Nixtieq nibda billi nirringrazzja minn qalbi lill-Għaqda Mużikali Imperial ta' din l-opportunità biex inwassal il-messaġġ tiegħi bħala Sindku tal-Mellieħa fil-ktejjeb li l-għaqda tippubblika ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa.

Għaddiet sena u wasal iż-żmien tal-festa. Għalkemm il-festa tiġi darba fis-sena, fejn issa ħa jkun ilna ma niċċelebrawha għal dawn l-aħħar sentejn, però naf l-impenn ta' dawk kollha involuti fix-xogħol ta' preparazzjoni biex tiġi ċċelebrata festa mill-aqwa. Dak hu l-pjaċir tal-festa, li tara familja waħda magħquda fejn bi mħabba jagħmlu sigħat twal ta' volontarjat. Naf u nifhem kemm huma kbar l-ispejjeż biex issir festa speċjalment wara sentejn bla attivitajiet, iżda bl-appoġġ u bl-għajnuna ta' kulħadd, nemmen li naslu wkoll biex tittella' festa oħra mill-isbaħ.

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jagħti wkoll is-sehem tiegħu biex tiġi ċċelebrata l-festa tar-raħal tagħna, fejn b'mod partikolari din is-sena, anke bħala Kunsill ħadna numru ta' deċiżjonijiet bżonjużi u importanti biex naraw li t-tradizzjonijiet tal-festa jibqgħu jiġu ċċelebrati anke fil-futur u ma jintilfux. Dan għamilnieh bħala familja waħda b'taħditiet mal-għaqdiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-festa tar-raħal. Barra minn hekk, matul is-sena l-Kunsill jorganizza numru t'attivitajiet fejn ma jonqosx is-sehem tal-għaqdiet tal-lokal ukoll. Minn qalbi nirringrazzjahom tal-impenn li juru lejn il-komunità.

Il-festa ta' Marija Bambina hija festa unika u għaldaqstant għandna nibqgħu niċċelebraw din il-festa qaddisa kif jixraq, bħala familja waħda. Minn qalbi nħeġġeġ lill-Melleħin kollha biex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi u anke dawk esterni li jsiru f'dawn il-jiem tal-festa. Nitlob lil Marija Bambina tħarisna u tkompli tgħaqqadna biex inkomplu niċċelebrawha bħala familja waħda.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi f'ismi u f'isem sħabi l-kunsilliera kollha u l-istaff tal-kunsill, nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg u lil sħabu kollha tal-ħidma bla waqfien tagħhom matul is-sena kollha u lill-familjari tagħhom tas-sapport. Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Marija Bambina!





# Inġeddu l-festi tagħna

**Kan. Dun Joe Caruana**
*L-Arċipriet tal-Mellieħa*



Wara sentejn bla festi minħabba l-famuża COVID-19, jidher li din is-sena se jirnexxilna nerġgħu nagħmlu l-festa. Nitolbu lil Alla bis-serjetà biex ma jinqalax xi gwaj ieħor. Ovvjament dan iġib ferħ kbir, f'dawk li jaħdmu għall-festa, f'dawk li jgawdu l-festa u f'dawk li jiggwadanjaw mill-festa. Iġib ferħ ukoll fil-membri tal-Knisja tal-Mellieħa għax għalkemm il-festa tat-8 ta' Settembru mhix il-festa prinċipali tal-Knisja (dik hi l-Għid), imma żgur li għalina l-membri ta' din il-parroċċa u tal-Knisja kollha, it-twelid tal-Verġni Marija, dik li hi l-Omm tas-Salvatur tagħna, hi ta' importanza mill-akbar.

Hemm festi u festi. Hi festa għal dawk l-eluf li jmorru jaraw logħba futbol, forsi mhux għal dawk li jitilfu, imma żgur hi festa li tara eluf ta' nies jifirħu flimkien. Hi festa l-festival tan-nar għal dawk id-dilettanti li jaraw kif jagħmlu biex igawduh. Hi festa l-festivals tal-mużika li huma mfittxija minn tant eluf. Hi festa wkoll l-festa parrokkjali li tiċċelebra kull parroċċa. Biss b'differenza. Liema hi din id-differenza? Li suppost kull festa parrokkjali hi r-riżultat ta' festa reliġjuża. Suppost li l-attivitajiet kollha, anke ta' barra l-knisja, huma riżultat tal-festa reliġjuża li nkunu qed niċċelebraw. Il-baned, in-nar, l-armar, il-mużika, l-ikel u xorb flimkien… dan kollu fi żmien il-festa suppost li huwa riżultat tal-għajxien reliġjuż tagħna bħala komunità li nemmnu u li qed nifirħu flimkien waqt li niċċelebraw it-twelid t'Ommna Marija.

SUPPOST. Għaliex qed ninsisti fuq din il-kelma. Għax sfortunatament, numru sewwa minn dawk li jieħdu sehem f'dawn il-festi jiġu jaqgħu u jqumu mill-element reliġjuż tal-festa u jirriduċuha għal sempliċement żvog għad-delizzji jew qligħ tagħhom. Ħalli niftiehem sewwa; hemm numru sabiħ ukoll minn dawk kollha li jaħdmu għall-festi esterni li huma mhux biss Insara prattikanti imma wkoll jaraw li jieħdu sehem regolari fl-għajxien tal-ħajja Nisranija mhux biss fi żmien il-festa imma matul is-sena kollha. U lil dawn irrid nurihom l-apprezzament tiegħi għax nifhem li ġieli jiġu f'diffikultà bejn dak li tirrikjedi festa Nisranija u dak li forsi jkun propost minn sħabhom stess li ma jaħsbuhiex bħalhom.

Meta l-festa ma narawhiex f'dan is-sens veru u Nisrani tagħha, nistiednu diversi problemi. Nissugraw li, kif naraw f'diversi bnadi oħra, il-festa minflok ċelebrazzjoni Nisranija aktar tispiċċa ġlied. Flok l-entitajiet kollha jaħdmu id f'id għal skop wieħed, jispiċċaw f'pika bejniethom. Minflok in-nies tinġabar biex tieħu pjaċir flimkien tispiċċa f'esaġerazzjoni li aktar tixbah lil xi orġja milli festa Nisranija.

Għalhekk ejjew waqt li nifirħu li għandna ċ-ċans li nistgħu nerġgħu niċċelebraw il-festi tagħna anke b'mod estern, fl-istess ħin nieħdu l-okkażjoni ta' din il-waqfa li ġarrabna biex issa naraw li nerġgħu nibdew dawn il-festi tagħna kif għandhom ikunu, espressjoni Nisranija ta' qima vera lil Ommna Marija fi twelidha u mezz kif niltaqgħu flimkien, niċċelebraw u nifirħu, ta' aħwa Nsara li aħna.

ID-DROGA TEQIRDEK…
Ħajtek f'idejk… TITLIFHIEX!!





General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com

**fieldsports**
Shooting Sports & The Outdoor Life



IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF THE WORLD'S LEADING BRANDS

HAND GUNS - SHOTGUNS - RIFLES - AIR GUNS - AMMUNITION - SCOPES - KNIVES - FOOTWEAR - EYEWEAR - CLOTHING - ACCESSORIES

**Shop:** 21/22 Parish Square, Mellieha. **Telephone:** 21523036. **Email:** info@fieldsportsmalta.com. **Website:** www.fieldsportsmalta.com.

Benelli · BERETTA · BROWNING · COLT · Perazzi · GAMO · FIOCCHI · Rizzini · B&P Baschieri & Pellagri · WINCHESTER · EOTech · GLOCK · Blaser · BUCK KNIVES · Aimpoint · CCI · meopta

*Office:* ***Stoneage, Triq San Silvestru, Mosta***
*Tel:* ***21423662***
*Mobile:* ***99422197*** *(on-site visits);* ***99526254*** *(administration)*
*Facebook:* ***Zammitconcretemalta***
*e-mail:* ***info@zammitconcrete.com***
*Website:* ***www.zammitconcrete.com***

ZAMMIT CONCRETE
WORKS LTD



*Professional Concrete Contractor*
*for both residential and commercial sectors.*
*Specialising in various outdoor concrete finishes*
*for garages, roofscreeds, terraces, driveways, pool areas,*
*factories, warehouses, etc.*



# Min għandu ċans?

**Dr John Baptist Gauci**
*Segretarju Ġenerali*



Il-ħin… dejjem għaddej b'pass meqjus sew u bla waqfien, imma qatt m'għandu xi għaġla partikolari. Aħna li bħal donnu dejjem mgħaġġlin, nippruvaw niġru warajh biex inlaħħqu miegħu, imma qisu dejjem għalxejn. Ċans ta' xejn, daqslikieku għada ma jisbaħx ukoll. Min hu involut f'xi xogħol volontarju, imma mhux biss, jaf sewwa x'qed ngħid. Għax ngħidulha kif inhi, bħal donnu ix-xogħol dejjem jaqa' fuq l-istess erbgħa, sitta, jew forsi tużżana min-nies. Mhux għax ma jkunx hemm min ma jkunx jinqala' biex jagħmel l-istess biċċa xogħol, imma ċertu nies tkun qisek trid timbuttahom biex jiċċaqalqu xi ftit. Xi wħud jippreferu jżommu lura milli jxammru l-kmiem u jmiddu għonqhom għax-xogħol, ħalli mbagħad jaf issibhom li jkunu jieħdu l-ewwel biex jikkritikaw meta xi ħaġa ma tmurx bl-aħjar mod possibbli. U biex tkompli tgħaxxaq kollox, bħal qisu min hu msallab bix-xogħol, inżiduhulu, filwaqt li min qed ibandal saqajh, inħalluh jibqa' jbandalhom. Nistħajjilkom tgħiduli "Hekk sewwa!"

Wieħed ħabib tiegħi darba qalli frażi li bqajt niftakarha. Qalli li x-xogħol trid ittih lil min għandu x'jagħmel għax b'hekk tkun ċert li se jsir, u probabilment isir tajjeb mill-ewwel. U tifhimha jekk taħsibha ftit. Min għandu ħafna x'jagħmel ma jistax jippermetti li joqgħod jitlajja, għax inkella ma jispiċċa qatt. Lanqas jista' jissogra li jagħmel biċċa xogħol ta' kafkaf, għax inkella jaf li x'aktarx se terġa' tispiċċa f'ħoġru. Ara min mhux imħabbat, jippreferi jibqa' hekk u biċċa xogħol ta' kwarta jara kif jagħmel biex iġebbidha għal siegħa, jekk mhux iktar. Nistħajjilkom tgħiduli "Hekk ġusta l-ħajja!"

Jekk hux sew jew ġust inħalli f'idejkom tiddeċiedu; jien opinjoni għandi, imma nippreferi nżommha ftit għalija. Li hu żgur hu li aħna li dħalna għall-volontarjat ma nistgħux nippretendu li kulħadd għandu jagħmel bħalna. Ma nistgħux inġiegħlu lil ħaddieħor jimxi fuq l-istess passi tagħna. Dik trid tkun deċiżjoni tagħhom. Forsi n-nuqqas ġej xi ftit jew wisq min-naħa tagħna. Forsi m'aħniex qed inħajru biżżejjed lin-nies biex jidħlu għax-xogħol volontarju. Jista' jkun li bl-imġiba tagħna jew bid-diskors tagħna, forsi mingħajr ma biss nintebħu u bla ebda intenzjoni ħażina, qegħdin innaffru lin-nies minflok nattirawhom. Tifhmunix ħażin: mhux qed inpoġġi l-ebda tort għan-nuqqas tal-volontarjat fuq min b'ħafna sagrifiċċju qed jiddedika ħinu għal dan l-għan nobbli; kulma qed ngħid hu li ta' min forsi wieħed jagħmel ftit eżami tal-kuxjenza.

Jista' jkun li xi ftit mit-tort hu tagħna wkoll għax forsi m'għandniex paċenzja nispjegaw bil-kalma, jew forsi nkunu nervużi wisq u taqbżilna malajr. Hu minnu li xi kultant tħossok li kważi kważi sakemm tispjega kif trid issir biċċa xogħol, tkun stajt ilħaqt għamiltha inti stess. Imma hemm fejn, fl-opinjoni tiegħi, qed nonqsu. Għax anke jekk l-ewwel darba tieħu iktar fit-tul biex tispjega lil ħaddieħor x'għandu jagħmel, id-drabi li jmiss forsi jkun jista' jagħmel il-biċċa xogħol iktar malajr, u possibilment mingħajr l-intervent tiegħek. Minbarra li dan jiffrankalek il-ħin, dik il-persuna tibda wkoll tħossha utli u jaf titħajjar tagħmel pass ieħor biex taqbad it-triq tal-volontarjat. Jekk ma jsib xejn li jattirah, kif jista' wieħed jiddeċiedi li jagħti xi ftit mill-ħin diġà limitat għall-ħidma volontarja? Għax jekk inkunu sinċiera magħna nfusna, illum tista' tgħid li ħadd m'għandu ċans għalxejn. Fil-verità, nafu sew li ċ-ċans irridu nagħmluh aħna stess jekk verament irridu li nagħmlu xi ħaġa, u ma nistgħux nistennewh li se jiġi waħdu, għax inkella dejjem jirnexxilna nsibu xi ħaġa oħra differenti fiex nhedew.

Kull min hu involut fix-xogħol volontarju hemm bżonn li jwassal stampa sabiħa ta' dan l-aspett tant importanti fil-ħajja ta' kwalunkwe komunità. B'hekk biss nistgħu forsi nibdew nittamaw li iktar nies jitħajru jiddedikaw ftit minn ħinhom biex, mingħajr ma jistennew xejn lura, ikunu t'għajnuna għall-

istess komunità li jgħixu fiha. It-triq mhix għanniżla, imma pjuttost bil-kontra – irridu nitħabtu qatigħ jekk nixtiequ li dan il-messaġġ tagħna jasal. Fil-ħajja tal-lum jeżistu distrazzjonijiet ta' kull tip li jtellfu milli wieħed jara u jifhem għalfejn ix-xogħol volontarju hu prezzjuż u ta' fejda mhux biss għal min jirċevih, imma bil-wisq iktar għal min jagħmlu. Il-lezzjonijiet li wieħed jieħu bl-involviment fissettur tal-volontarjat ma jeħodhom minn imkien aktar – la minn fuq il-bank tal-iskola, la minn fuq il-post tax-xogħol u lanqas mill-familja.

Iżda dawn il-problemi u d-diffikultajiet m'għandhomx jaqtgħu qalb dawk li huma involuti fil-volontarjat, u lanqas dawk li mhumiex involuti m'għandhom jitfgħu l-isponża u jċedu l-armi. Kollha kemm aħna rridu nemmnu b'rieda sħiħa li għad jista' jkollna iktar nies li jagħrfu li x-xogħol volontarju hu verament sabiħ. Kuraġġ!

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

**Interested in joining the Imperial Choir?**

*New Members Welcome!*

Contact us on
**info@imperialbandclub.com**

**J & G**
**Discount**
Discount Detergent Shop

Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948

**Opening Hours**
Mon-Fri:
9.00 – 13.00 & 16.00 – 19.00
Sat: 9.00 – 14.00



***Free Delivery***



# Cash & Carry

Tel: 21524685 80A, Main Street, Mellieħa

**Special Offers!**

**Phone Orders are accepted!**

**Vast range of top-brand products at super-saver prices!**

Perfumes Baby Products Skin Care

Detergents Toiletries Cleaning Equipment

Car Care Products Washing Liquids & Powders

... and much, much more!

**Free Deliveries!**

Opening Hours: Mon - Fri: 09:00 - 13:00 & 16:00 - 19:00
Thursday: 09:00 - 19:00
Saturday: 09:00 - 14:00



# A.J.M. Service Station

Car-Computer Diagnostic on site

Auto-Mechanic & Car Service

Battery Change

Tyre Services & Repairs

24/7 Car Wash

Mellieha Bypass
Mellieha
T: 27525200
E: ajm@mzfuels.com




FREE DELIVERY
bottles & bottles
www.bottlesandbottles.com
" your wholesale beverage store "
OPEN ALL DAY, 7 DAYS A WEEK
7, TRIQ L-ETNA, MELLIEHA
Find us on Facebook
Contact Us: 21521235


THAI THAI
AUTHENTIC
KITCHEN & BAR
Outdoor and Indoor Seating
Bookings Advised.
Take Away Available.
Delivery Through Bolt.
9938 9689
16, Triq Il-Marfa, Mellieħa.
/thaithaimellieha
/thai.thai.mellieha



# Bil-ftit tal-ħafna

**Anthony Schembri**
*Segretarju Finanzjarju*



L-espressjoni Maltija "Bil-qatra l-qatra timtela l-ġarra" tiddeskrivi eżatt il-qofol ta' dawn l-erba' kelmiet li xtaqt naqsam magħkom hawnhekk. L-għaqdiet volontarji f'Malta, nazzarda ngħid, anke xi soċjetajiet tal-banda, għal żmien twil kienu bħal qishom jiddependu minn dawk l-uħud li kienu jifilħu finanzjarjament ftit mhux ħażin u minn għal żmien kienu jdaħħlu idhom fil-but, jew fil-kont tal-bank, u jagħmlu xi donazzjoni ftit jew wisq sostanzjali. Permezz t'hekk kienu jagħti spinta 'l quddiem il-finanzi ta' dawn l-għaqdiet u jżommuhom għaddejjin mhux ħażin. Mhux qed ngħid li kien hemm xi ħaġa ħażina b'hekk, però din il-prattika llum il-ġurnata qiegħda dejjem tonqos u ftit għadek issib min lest jaġixxi b'dan il-mod. Forsi hi bidla fil-mentalità, forsi bis-saħħa tal-għarfien u l-biża' li hawn fuq il-ħasil tal-flus, forsi m'għadx hawn min għadu daqshekk akkanit, jew forsi tort ta' dawn li semmejt kollha kemm huma.

Fil-ġurnata tal-lum, tista' tgħid li l-iktar mezz effettiv li bih tkun tista' tiġbor xi ftit fondi għall-għaqdiet volontarji hu billi tifrex fuq diversi sorsi ta' dħul. L-iskemi ta' fondi li joffru d-diversi aġenziji li jkunu ffinanzjati jew mill-Gvern jew mill-Unjoni Ewropea huma ta' għajnuna kbira għall-għaqdiet bħal tagħna. Imbagħad hemm ukoll id-diversi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi li l-għaqdiet itellgħu minn żmien għal żmien. Għajnuna oħra hi l-miżata annwali li l-membri jħallsu biex ikunu msieħba fl-għaqda. Individwalment, l-ebda sors ta' dħul li semmejt mhu sostanzjali, imma flimkien jgħinu sabiex il-finanzi tal-għaqda jibqgħu sodi. Imbagħad hemm ukoll l-għaqal ta' min imexxi li, filwaqt li ma jxekkilx il-progress tal-għaqda u jkompli jinvesti fejn hemm bżonn, irid joqgħod attent li ma jidħolx għal djun eċċessivi li jaf ikunu jfissru d-daqqa tal-mewt tal-istess għaqda.

Fejn jidħlu l-membri tal-għaqda, hu l-ftit tal-ħafna li jagħmel id-differenza kollha. L-għaqdiet iridu joqogħdu attenti li ma jippruvawx jaħtfu wisq mingħand xi wħud, għax dawn jistgħu jitnaffru u jnaffru oħrajn. Ir-regħba mhi tajba għal ħadd. U meta qed insemmi l-ftit tal-ħafna, mhux qed ngħid biss għall-flus jew affarijiet materjali oħra, iżda dan l-istess kunċett jgħodd ukoll għal xi daqqa t'id li jista' jkun hemm bżonn minn żmien għal żmien. Ikun x'ikun, il-ġarra nistgħu nimlewha kollha flimkien, kulħadd bil-qatra li jista' jagħti. Dan ikompli jgħin sabiex l-għaqda li tant inħobbu, l-Għaqda Mużikali Imperial, tibqa' miexja 'l quddiem u tkompli tissaħħaħ għaż-żmien li ġej.

Nawgura l-festa t-tajba lill-anzjani, lill-emigranti u lill-Melleħin kollha.



Cross Street, Mellieha
Tel: 21571692 • Mob: 99223908
Email: stardustationary@gmail.com


HaILYS
for Men & Women
SCOTCH&SODA
Jus d'Orange
PARIS
MINOTI
for Kids
RIP CURL
TIMEZONE
adidas
DAINTY
CLOTHING & FOOTWEAR
85 g. borg olivier street
mellieha • malta
2152 3538


Paws 'n' Claws
Pet Shop
Selling Best Food
Accessories & Toys
find us on
facebook
Paws 'n' Claws Mellieha
Triq L-Għorgħar, Mellieħa
Tel:21522717
Mob: 9988 3434



# Ħsibijieti...

**Mro Anthony Borg**
*Surmast Direttur*



Huwa ta' pjaċir għalija li wara kważi tliet snin mill-aħħar li ċċelebrajna l-festa ta' Marija Bambina kif konna mdorrijin niċċelebraw qabel il-pandemija, din is-sena se nerġgħu jkollna ċ-ċans li niċċelebraw il-festa tant għażiża bl-istess ħeġġa tas-snin ta' qabel. Is-sentejn li għaddew kienu diffiċli għal kulħadd imma issa rridu nħarsu 'l quddiem u nkomplu bir-ritmu li diġà qbadna u nħallu warajna dan iż-żmien diffiċli. Inrodd ħajr lill-mużiċisti tal-Banda Imperial u lill-membri tal-Kor Imperial, flimkien mat-Tenur Brian Cefai u l-Baritonu Alfred Camilleri, li fi żmien daqstant diffiċli żammew l-appuntament ta' kull sena mal-poplu Mellieħi f'jum il-festa, u flimkien fiċ-ċirkustanzi li konna għaddejjin minnhom, esegwejna l-innu tant sabiħ u devot ad unur Marija Bambina minn fuq il-bejt tal-każin.

**L-Arkivju...**

Matul dawn l-aħħar xhur sar xogħol kbir ta' rinovazzjoni fl-arkivju tal-mużika li għandna ġewwa l-każin. L-arkivju mużikali f'kull għaqda mużikali għandu importanza kbira u huwa parti importanti mill-istorja tal-Banda. Huwa xhieda ta' kif żviluppa matul is-snin ir-repertorju mużikali u x'direzzjoni mużikali taw id-diversi surmastrijiet matul iż-żminijiet. Jekk tifli l-mużika li tinsab f'dawn l-arkivji tista' wkoll tinnota kif żviluppat l-istrumentazzjoni tal-baned lokali matul is-snin.

Fl-arkivju tal-Għaqda Mużikali Imperial insibu diversi ġeneri ta' mużika kemm, għall-banda u kemm għall-kor. Tajjeb insemmu li l-aktar mużika antika li għandna fl-arkivju tal-Għaqda Mużikali



***Selezzjoni mill-Opera Carmen ta' George Bizet, transkrizzjoni ta' E. Bartoli, Awwissu 1880 (Arkivju Għaqda Muzikali Imperial, Mellieħa)***

Imperial huma bċejjeċ operistiċi u sinfoniċi li wħud minnhom imorru lura sal-aħħar kwart tas-seklu dsatax. Mużika operistika u sinfonika flimkien ma' marċi brijużi u funebri, baqgħu jiddominaw ir-repertorju bandistiku f'Malta sa nofs is-snin tmenin tas-seklu l-ieħor.

Minn dakinhar 'l hawn ir-repertorju bandistiku lokali baqa' jikber u jinbidel. Ir-raġunijiet għal dan kienu:

1. F'dawn l-aħħar snin l-aċċess biex tinxtara l-mużika sar ħafna aktar faċli.
2. Ħafna aktar mużiċisti lokali qed jagħmlu arranġamenti għal baned lokali.
3. Mużiċisti mhux Maltin li ġew jgħixu Malta u ngħaqdu bħala mużiċisti ma' baned lokali.

Matul l-aħħar għoxrin sena żdiedu bil-kbir ukoll in-numru ta' kompożizzjonijiet ta' kompożituri Maltin, fosthom kompożituri Melleħin. Xi ħaġa li tagħmilna ferm kburin. Għadni niftakar it-taħdita li kelli ma' kompożitur, direttur mużikali u pubblikatur tal-mużika Żvizzeru waqt il-Mellieħa International Band Festival madwar għoxrin sena ilu. Qalli hekk: "Il-mużika tagħkom (Maltija) intom tridu twassluha lill-udjenzi. Tistennewx lil ħaddieħor iwassalilkom hu. Għalhekk ġejna hawn aħna biex nisimgħu l-mużika tagħkom." Parir li ma nsejtu qatt!

Mat-twaqqif tal-Kor Imperial lejn l-aħħar tas-snin disgħin, l-arkivju mużikali kompla jikber b'mużika korali biex illum nistgħu ngħidu li l-arkivju mużikali jaqdi l-ħtiġijiet mużikali kollha kemm tal-Banda u kif ukoll tal-Kor Imperial.

Nixtieq hawnhekk inrodd ħajr lil dawk kollha li b'mod jew ieħor ħadmu biex il-proġett tal-arkivju jsir realtà. Prosit u grazzi mill-ġdid.

**Nenu...**

Tnikkitt bil-kbir u ma ridtx nemmen meta infurmawni bil-mewt għal għarrieda u mhux mistennija ta' Carmel Fenech, jew kif nafuh aktar bħala Nenu. Il-klarinett kien wieħed mill-akbar ħbieb li kellu. Kien membru attiv tal-Banda Imperial u jattendi dejjem kemm għall-kunċerti ta' kull ġimgħa kif ukoll għas-servizzi. Nibqa' niftakru b'dik id-daħka fuq fommu, biex ifakkarni li qed nikber kien jgħidli li ilu bandist tal-Banda Imperial mill-istess sena li twelidt jien. Strieħ fis-sliem, Nen!

Insellem ukoll il-memorja tal-membri kollha li ngħaqdu mal-Ħallieq matul l-aħħar sena u nibqgħu niftakru fihom fit-talb tagħna.

**Ħajr...**

Intemm din il-kontribuzzjoni tiegħi billi nrodd ħajr lil kull min ħadem u għen biex il-Banda u l-Kor Imperial baqgħu mexjin 'il quddiem. Il-festa t-tajba lil kulħadd!

**Evergreen**
*Discount Mini Market*

**Triq Napuljun Caruana Dingli**
**Tel: 2152 2738**
**Mob: 9985 9100**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma nagħlqu xejn.
Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.

Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet

Nella's™ by Antonella
hairdressing | beauty | nails
skincare | make-up

Fortizza Street, Il-Mellieħa

e: antonellavella82@gmail.com
t: 2152 2705 | 2752 2705
m: 9989 8335


&
TÀ DRONK
Wines, Spirits, Cigars & Tobacco
"Għamillom wieħed
tal-festa!"
Miftuħin mit-Tnejn sas-Sibt,
għal kull bżonn tà xorb, spirti u minerali,
biex torganizza festin sabiħ bejn il-ħbieb!
GUNPOWDER IRISH GIN
COURVOISIER
Triq Borg Olivier, Mellieha • 21520883 - 99461433 - 99498855 • cvellasons@gmail.com


The HILLTOP MELLIEHA RESTAURANT
+356 99445484
reservations@thehilltopmellieha.com
www.thehilltoplobsters.com
Gorg Borg Olivier Street MLH 1027
Mellieħa, Northern Region, Malta
50
ANNIVERSARY
The HILLTOP MELLIEHA
EST. 1972

# Enjoy your space

Whether you are purchasing a new home or setting up an office, Eight24 offers a complete bespoke service.







Eight24
PROPERTY & INTERIORS

info@eight24.mt
+356 2752 1035 / +356 7982 6535
68, Triq is-Sagħtar, Mellieħa

eight24.mt



# Sena ta' ħidma

**Clayton Vella**
*Direttur*



Għaddiet sena oħra u erġajt ninsab hawn nikteb żewġ versi għall-magażin li l-għaqda tagħna toħroġ ta' kull sena għal żmien il-festa ta' Marija Bambina. Din is-sena hija ta' stennija għal kulħadd għax wara sentejn ma ssirx festa, din is-sena erġajna lura għan-normalità. Iżda huwa veru li erġajna kollox għan-normal? Wara sentejn tista' tgħid kollox wieqaf, għad hemm dik il-ħeġġa li kien hemm qabel? Inħalli lilkom taħsbu ftit u tirriflettu fuq dan.

Matul din l-aħħar sena x-xogħol fil-każin ma waqaf xejn, anzi nista' ngħid li kienet sena mimlija daqs bajda għax kellna diversi proġetti qed isiru fl-istess ħin. Dan għax kellna xi proġetti li minħabba l-pandemija waqgħu naqra lura u oħrajn ġodda li ġew fl-istess ħin minħabba li parti minn dawn il-proġetti jkunu taħt xi skema u għalhekk tkun marbut bi żmien meta trid tlesti. Se nagħti naqra rendikont ħafif tax-xogħlijiet li saru f'din l-aħħar sena.

L-ikbar proġett għal din is-sena nista' ngħid li kien it-tqegħid tal-lavur tas-sular tan-nofs biex ikompli jikkumplimenta mal-lavur tal-ġebel li kien sar fis-snin preċedenti. Hekk kif għalqet il-wirja 'Iċ-Ċaħda' mtellgħa mill-Kummissjoni Żgħażagħ, ingħata bidu għal dan ix-xogħol. Dan il-proġett kien jirrikjedi li jintrama scaffolding fit-taraġ biex jkun jista' jsir ix-xogħol ta' twaħħil tal-lavur kif ukoll dak taż-żebgħa. Sar ukoll ropelight mad-dawra kollha biex jikkumplimenta max-xogħol. Kif jgħidu l-ftira sħuna tajba, u hekk kif kienu qed isiru dawn ix-xogħlijiet inqala' benefattur li għoġbu jirregala linfa lill-każin biex jinbidel id-dawl li kien hemm preżenti u din tiġi tikkumplimenta iżjed l-istil tal-post. Dan kien jirrikjedi iżda li ssir toqba fuq il-bejt biex inkunu nistgħu ngħaddu katina ġdida għal isfel u hekk il-linfa tkun tista' tinżel u titla' bla problemi f'każ li jkollha bżonn xi manutenzjoni. U kif kellna l-armar biex żarmajna, tellajna l-linfa l-ġdida, ir-ružun ġie miżbugħ kulur il-ġebla. Ġew ordnati wkoll sett ta' purtieri ġodda peress li dawk preżenti ma jikkumplimentawx mal-istil il-ġdid.

Proġett ieħor li kien għaddej matul din is-sena u li tista' tgħid imxejna sew fuqu taħt l-iskema "Small Initiatives Support Scheme" huwa d-diġitalizzazzjoni tal-mużika kif ukoll sistema ġdida ta' filing għall-mużika. Tneħħa l-ixkaffar antik fil-kamra tal-arkivju u saru oħrajn ġodda sabiex ikunu jistgħu jilqgħu fihom b'mod aħjar il-mużika. Il-problema ta' spazju dejjem kbira u għalhekk ħadna l-opportunità u għamilna raff fl-istess kamra biex nerfgħu affarijiet li ma tantx jintużaw. Barra l-vetrini ġodda għal filing tal-mużika, inxtraw ukoll kaxxi ġodda biex il-mużika tiġi preservata kif suppost. Biex isir l-iscanning kollu tal-mużika nxtara kompjuter ġdid kif ukoll scanner. Dawn se jitpoġġew fl-istess kamra u saret mejda ġdida biex il-kamra tkun organizzata kif suppost.

Hekk kif tgħaddi l-festa se jitkompla x-xogħol ta' lavur fuq il-bibien t'isfel. Il-ħsieb kien li dawn ikunu lesti sal-festa, iżda minħabba ċirkostanzi illi ma kellniex kontroll fuqhom, dan ma sarx. Hemm proġetti oħra li se jibdew wara l-festa, iżda fuq dan se nħallikom bil-kurżità. Minn hawn nagħmel appell lil min jixtieq jgħin finanzjarjament jew permezz tax-xogħol volontarju sabiex ikellem lil xi membru tal-kumitat. Dan se jkun proġett kbir fis-sular t'isfel tal-każin.

Dawn huma ftit mix-xogħlijiet maġġuri illi saru din is-sena, jew li se jkunu qed isiru sal-aħħar tas-sena. Kif wieħed jista' jara, ix-xogħol ma jsirx biss matul il-ġimgħa tal-festa, kif forsi hemm min jaħseb, iżda matul is-sena kollha.

Nagħlaq billi nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, lil sħabi tal-kumitat u lil dawk li qed jaqraw din il-pubblikazzjoni u nħeġġiġkom biex fil-festa tgħaddu sal-każin ħalli wieħed jkun jista' jara b'għajnejh ix-xogħol li sar matul is-sena.



# Nerġgħu nqumu fuq saqajna

**Ryan Micallef**
*Membru tal-Kummissjoni Banda u Kor*



Ma kien żmien faċli xejn għal kull wieħed u waħda minna, però jidher li qegħdin inqumu fuq saqajna bil-mod il-mod. Wara d-diżappunt tas-sena li għaddiet li fiha reġgħet ma saritx il-festa ta' Marija Bambina għat-tieni sena konsekuttiva bil-mod li jitqies bħala "normali", din is-sena jidher li se nerġgħu nibdew niċċelebraw iż-żmien tal-festa bil-mod li konna niċċelebrawh qabel. Dan inissel fina ferħ, għax kif jaf kulħadd, din hija l-vetrina tax-xogħol kollu li jsir matul is-sena.

Minkejja ċ-ċirkostanzi li għexna fihom dawn l-aħħar snin, l-għaqda tagħna ħadet ħsieb li tinżamm ħajja l-attività tal-Banda u l-Kor Imperial, ovvjament, dejjem skont il-protokolli maħruga mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Infatti, fil-festa li għaddiet l-għaqda tagħna tellgħet xi kunċerti fuq il-bejt tal-każin bis-sehem tal-banda u l-kor biex b'hekk, in-nies tal-madwar u dawk li għoġobhom isegwu online setgħu jisimgħu xi marċi brijużi u l-innijiet li l-għaqda ddoqq u tesegwixxi ad unur Marija Bambina. Ma waqafniex hemm. Ftit wara, il-banda u l-kor bdew il-preparamenti għall-programm vokali u strumentali fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Mellieħa. F'temp ta' ġimgħa, il-banda u l-kor tal-għaqda tagħna sabu ruħhom fil-pjazza tal-Imġarr Malta, fejn l-għaqda esegwiet programm mużikali fuq stedina tar-Reġjun Tramuntana bħala parti mill-Festival tal-Baned u n-Nar. Propju ġimagħtejn wara, l-għaqda tellgħet programm mużikali ieħor fil-Pjazza tal-Parroċċa wkoll fuq stedina tar-Reġjun Tramuntana bħala parti mill-istess festival.

Wara li f'Novembru l-għaqda sellmet il-memorja tal-membri u l-benefatturi li għaddew għal ħajja aħjar bil-parteċipazzjoni ta' membri tal-Banda u l-Kor Imperial, bdejna minnufih nippreparaw ftit mużika tal-Milied, biex b'hekk, f'okkażjonijiet differenti, il-banda u l-kor tellgħu programmi żgħar f'lukandi fil-Mellieħa.

Attività oħra li kienet daħlet fil-kalendarju tagħna hu l-programm vokali u strumentali f'Ħadd il-Palm, li din is-sena seta' jsir mill-ġdid fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa. Dan jippermetti li dawk il-bosta nies li ġew jarawna kif ukoll dawk li setgħu jsegwu online jidħlu iżjed fl-ispirtu tal-Ġimgħa Mqaddsa. Iżjed tard din is-sena, l-għaqda ħadet sehem ukoll fil-programm mużikali bħala parti mill-attivitajiet tal-festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, filwaqt li l-Kor Imperial ipparteċipa fl-Iljieli Melliħin, organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. B'hekk wieħed jista' jara kif kemm il-Banda u kif ukoll il-Kor Imperial kienu impenjati ferm, bi sfidi mhux żgħar f'termini ta' mużika u kif ukoll ta' kontinwazzjoni ta' dak li kien isir qabel il-pandemija.

Filwaqt li dejjem inkompli nħeġġeġ iżjed nies biex jissieħbu fl-għaqdiet volontarji li bihom tiġi ppreservata l-kultura Maltija, nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ ċkejken billi nirringrazzja lil sħabi l-bandisti u l-membri tal-kor tax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom biex l-għaqda tagħna tkompli tpaxxi l-widna ta' dawk il-Melliħin u mhux, kif ukoll ħutna emigranti f'pajjiżi oħra. Nixtieq ukoll li nirringrazzja lil sħabi membri tal-Kummissjoni Banda u Kor tal-għajnuna u s-sostenn tagħhom fil-każin tal-għaqda, biex b'hekk l-għaqda tagħna dejjem timxi 'l quddiem!

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd!

# VILLAGER

BY MUNCHIES







*Your meeting spot at the heart of Mellieha*



# Business as usual

**Julie Thomas**
*Director of the Imperial Choir*



Business as usual? Well. Yes in a way, as the Imperial Ladies Choir have now done most of their usual concerts and masses, as well as a few other new engagements. We even managed to sing our Hymn to Our Lady of Victories last year with the band and soloists, albeit on the roof of our band club on the 7th of September and then an actual proper concert for the Feast of Our Lady of Mellieħa in the Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II later in the same month.

In October we sang two concerts with the band, one at Mġarr and the other in the Parish Square, as part of the "Festival tal-Baned u Nar" organised by Reġjun Tramuntana. Members of the band and choir took part in the Service of Remembrance in November, and we also returned, later the same month, to one of our favourite venues in Valletta, the Monastery of St. Catherine to sing the mass for their festa there. December found us celebrating 'The Season to be Jolly' both at the Solana and Maritim hotels and also on the stage of the "Milied Mellieħi" in the Parish Square. Unfortunately, the COVID-19 numbers began to creep up and things were again put on hold. However, we did manage to keep rehearsing. Luckily, we were able to sing again at the opening of the Easter exhibition at the Imperial Band Club and at the beautiful Palm Sunday concert at the Parish Church, despite being down one or two members due to quarantine or COVID-19.

We kept going, and things started to become busy again. We sang with the band in June at the "San Ġwann tal-Ħġejjeġ" concert in the Parish Square to a very appreciative audience. This was also the debut for a new alto, Gail Borg, who is managing to continue attending despite recently becoming a new mother. Our July 6th performance was at a new venue, singing with the Imperial Band at the Festa in Tarxien and then came our own concert on the 30th at the Sanctuary Church as part of the "Iljieli Melleħin" weekend. We are now cramming in rehearsals for our main festa concert on the 2nd of September. It is lovely to be back doing what we enjoy as a choir. I hope you enjoy the choir's choice of music for this concert as much as they enjoy singing it.

One song, *Requiem for a Soldier*, has become a favourite of the ladies. The melody is taken from the music for *Band of Brothers*, an American war drama, composed by Michael Kamen. Lyrics were added by Frank Musker. Although *Band of Brothers* is based during the Second World War, the lyrics are suitable for any war that has been or is being waged at the moment.

You never lived to see what you gave to me,
one shining dream of hope and love, Life and Liberty.
With a host of brave unknown soldiers for your company
you will live forever deep in our memory.

In fields of sacrifice heroes paid the price,
young men who died for old men's wars, gone to Paradise.
We are all one great band of brothers and one day you'll see
we will live forever when all the world is free.

I wish you'd lived to see what you gave to me,
your shining dream of hope and love, life and liberty.
We are all one great band of brothers and one day you'll see
we will live forever when all the world is free.

Whilst 'We few, we happy few, we **band of brothers**' is one of the well-known lines from the rousing St Crispin's Day speech given by the eponymous king in Shakespeare's Henry V, these verses remind me so much of some poetry I studied




at school, written by a young Welsh farming boy turned poet who was tragically killed on the first day of the Battle of Passchendaele. The story has stayed with me ever since then and my family were inspired to visit his grave a few years ago to pay our respects.

His name was Ellis Humphrey Evans, born on the 13th of January 1887 in the village of Trawsfynydd in Wales to a farming family. The eldest of eleven children, he left school when he was fourteen to become a shepherd and continued writing his poetry. From the age of eleven he had been competing in local Eisteddfodau (Welsh cultural competitions for music and literature) and had won his first prize when he was aged 12. He was inspired by both the Welsh and English ‘Romantic’ styles of poetry (such as the works of Percy Bysshe Shelley) and his work featured themes of nature and religion. He had won several bardic chairs for his poems, his first in 1907. In 1910 he was given his bardic name ‘Hedd Wyn’ by the very respected and accomplished bard ‘Bryfdir’. Hedd is Welsh for peace and Wyn can mean white or pure. Although Hedd Wyn was successful as a poet, he had not yet achieved his goal of being awarded the highest prize a Welsh poet could be given, the chair at the National Eisteddfod. The chairing of a bard is an important event in the Welsh Eisteddfod tradition and the most prestigious chairing takes place at the National Eisteddfod of Wales each year.

When the First World War broke out, young men were called up to join the armies. Although providing food for the nation was of huge importance during wartime, Ellis’s family had to send one son to fight. Despite being a Christian pacifist, in 1916, the 29 year old Hedd Wyn volunteered to go to war in order to spare his younger brother Robert. The war inspired much of Hedd Wyn’s work and includes some of his most notable and quoted poetry.



He had started work on his Eisteddfod entry, ‘Yr Arwr’ (The Hero), in March 1917, when he was allowed home on leave to help with the ploughing after a particularly wet start to the year. Unfortunately, he left his manuscript behind when he had to leave in a hurry and had to begin rewriting it on his journey to Belgium.

In June 1917, Hedd Wyn joined the 15th Battalion of The Royal Welch Fusiliers at Flechin, France. His arrival depressed him but, nevertheless, it was here that he finished his National Eisteddfod entry and signed it with the nom de plume ‘Fleur de Lys’. It was sent back to Wales at the end of the month.

On July 31st, the battalion marched towards Pilckem Ridge, for the major offensive which would become known as the Third Battle of Ypres and later, the Battle of Passchendaele. Hedd Wyn

**Rhyfel**

Gwae fi fy myw mewn oes mor ddreng,
A Duw ar drai ar orwel pell;
O’i ôl mae dyn, yn deyrn a gwreng,
Yn codi ei awdurdod hell.

Pan deimlodd fyned ymaith Dduw
Cyfododd gledd i ladd ei frawd;
Mae sŵn yr ymladd ar ein clyw,
A’i gysgod ar fythynnod tlawd.

Mae’r hen delynau genid gynt,
Ynghrog ar gangau’r helyg draw,
A gwaedd y bechgyn lond y gwynt,
A’u gwaed yn gymysg efo’r glaw.

**War**

Woe that I live in times so dreadful
that God disappears over the distant horizon;
In his place comes man, as lord and tyrant,
Raising forth his hideous authority.

When he felt that God had gone away,
He raised his sword and slew his brother;
The sound of fighting fills our ears,
And its shadow hangs over the cottages of the poor.

The old harps (played) long ago
Are now strung up on the branches of far-off willows,
And the cries of the young boys fill the wind,
While their blood mingles with the rain.






was fatally wounded within the first few hours of the battle which had begun at 3:50am. He was carried to a dressing station where he died from his wounds at about 11am.

The National Eisteddfod was held at Birkenhead on 6th of September later that year. The adjudicators announced that the winner of the chair was the poet 'Fleur de Lys'. The trumpets were sounded for the author to identify himself. After three summons by the trumpets, nobody had come forward and the chief druid announced that the poet had been killed in action six weeks earlier. The empty chair was then draped with a black cloth and that year's event became known as 'Eisteddfod y Gadair Ddu' (The Eisteddfod of the Black Chair).

Private Ellis H. Evans was buried at Artillery Wood Cemetery near Boezinge, Belgium. After a petition was submitted to the Imperial War Graves Commission, his headstone was given the additional words 'Y Prifardd Hedd Wyn' (The Chief Bard, Hedd Wyn). By coincidence, the Irish poet, Francis Ledwidge also died at this battle on the same day as Hedd Wyn and was also buried in the same cemetery. The chair was delivered to Hedd Wyn's family at their farm in Trawsfynydd, where it can still be seen today at the poet's home (Yr Ysgwrn), now a museum in his memory.

In 1924 a renowned Welsh poet, R. Williams Parry, wrote a tribute poem entitled Hedd Wyn. Its last verse goes as follows:

Gadair unig ei drig draw! Ei dwyfraich
Fel pe'n difrif wrandaw,
Heddiw estyn yn ddistaw
Mewn hedd hir am un ni ddaw.

Lonely chair, its occupant far away! The two arms,
As if listening intently,
Today reach out silently
In long peace for one who will not come.

I hope you enjoy our performance at this year's festa. I thank all my lovely ladies for their commitment, hard work, and enthusiasm over the last year, and I wish you all a happy and peaceful festa.

**Excerpt from Yr Arwr (The Hero)**

Un Hwyr, pan heliodd niwl i'r panylau

Rwydi o wead dieithr y duwiau,
Mi wybum weld y mab mau - yn troi'n rhydd
O hen fagwyrydd dedwydd ei dadau.
Y llanc a welwn trwy'r gwyll yn cilio
I ddeildre hudol werdd Eldorado,
O'i ôl bu'r coed yn wylo, - a nentydd
Yn nhawch annedwydd yn ucheneidio.
Y macwy heulog, paham y ciliodd?
Ba ryw hud anwel o'm bro a'i denodd?
Ei oed a'i eiriau dorrodd, - ac o'i drig
Diofal unig efe ddiflannodd.

**The Hero**

One evening, when the mist collected into the panels
Of the nets, strangely woven by the gods,
I know I saw my own young man – turning freely
From the happy old home of his fathers.
I saw the youth, through the dusk, retreat
Into a magical, leafy, green Eldorado.
Behind him the trees wept – the streams
With an air of unhappiness, sighed.
The sunny youth, why did he leave?
What unseen magic drew him from my homeland?
His tryst and his word broken – and from his dwelling
Carefree and lonely, he vanished.

TONY'S BAKERY

*Triq il-Madonna Tal-Għar,*
*Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta*

***Tel: 2152 3432***
***Mob: 9945 1519***
***99451514***

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin kollha l-Festa t-Tajba

MĠARR United Bar & Restaurant Since 1995

**MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT**

Triq il-Magħkuba, Mġarr
(close to Football Ground)

T: 2157 4630    M: 7905 0283

www.united.com.mt



# J. Vella

**Għal kull xogħol ta' kisi, żebgħa u tikħil fuq il-fil.**

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**




# IR-RAZZETT FRUIT SHOP

**BEST QUALITY FRUIT AND VEGETABLES!!**

244, Main Street, Mellieħa
2152 1473 / 9944 6545



# Għalfejn il-banda?

**Philip Schembri**
*Għalliem tal-mużika*



Hawn min jaħseb li l-għan ewlieni li għalih twaqqfu l-baned Maltin kien biss sabiex dawn jagħtu sehem ewlieni fil-marċijiet matul il-ġimgħa tal-festa tar-raħal. Imma l-ħsieb nobbli li kellhom missirijietna meta bdew jiffurmaw dawn l-għaqdiet kien imur ħafna 'l bogħod minn hekk. Huma kellhom f'moħħhom l-iskop soċjali, kulturali, artistiku u edukattiv. Permezz ta' dan kollu huma rnexxielhom jgħollu isem kull belt u raħal Malti u Għawdxi. Bla tlaqliq ngħid li l-għaqda tagħna taħdem qatigħ sabiex tilħaq dan l-għan għax hija attiva mhux biss fil-marċijiet imma wkoll fid-diversi kunċerti mużikali oħra li tagħti minn żmien għal żmien matul is-sena kollha f'bosta okkażjonijiet. Wieħed irid japprezza wkoll is-sehem impekkabbli tal-kor tas-soċjetà li huwa attiv is-sena kollha. Inżid ngħid b'wiċċi minn quddiem li b'mod ġenerali l-poplu Mellieħi japprezza ħafna dan l-impenn u l-involviment tas-soċjetà tagħna. Dan kollu jinkuraġġina sabiex inkomplu bl-impenn u x-xogħol tagħna.

Bħal kull sena nerġa' ntenni l-appell tiegħi lill-ġenituri sabiex iħajru 'l uliedhom jitgħallmu l-mużika fi ħdan l-għaqda tagħna għax b'hekk biss nistgħu niggarantixxu futur sabiħ u sostenibbli għall-banda tagħna.

Ma nixtieqx intemm dan il-messaġġ tiegħi mingħajr ma nsellem il-memorja tal-ħabib tiegħi tal-qalb, il-mibki Carmel Fenech (Nenu) li ħalliena bla mistenni ftit tal-ġimgħat ilu. Nenu ħalla vojt kbir fil-Banda Imperial bħal kull bandist ieħor li ġie nieqes fl-imgħoddi. Il-Mulej jagħtih it-tgawdija ta' dejjem.

Nagħti l-festa t-tajba mimlija paċi, saħħa u ferħ.

Bejn it-26 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru 2022
ser inxandru 'live'
l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial
u l-funzjonijiet reliġjużi
fl-okkażjoni tal-

Festa ta' Marija Bambina 2022
fuq is-sit elettroniku
www.imperialbandclub.com



# Inħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu

**L-Avukat Noel Camilleri**
*Il-President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda*



F'dawn l-aħħar sentejn, pajjiżna bħall-bqija taddinja għadda minn perjodu ferm diffiċli meta kien milqut mill-pandemija. Effett dirett ta' dan kien li l-festi tant sbieħ għalina l-Maltin u l-Għawdxin u li huma parti mill-identità tagħna, ma setgħux isiru. Kienu sentejn diffiċli għal kulħadd imma b'mod partikolari għas-soċjetajiet tal-banda li kienu kostretti li l-ħidma tagħhom tkun xi ftit limitata. Imma agħar minn hekk kien meta l-każini tagħna kienu magħluqin minħabba l-effetti tal-pandemija. Deher ċar kemm huma punt ta' referenza importanti fl-ibliet u l-irħula tagħna. Madanakollu, kif jgħid il-Malti, kull bidu fih it-tmiem u wara dan il-perjodu xejn faċli, kull min għandu verament għal qalbu l-festa Maltija qed iħares b'ottimiżmu biex flimkien nerġgħu nibdew niċċelebraw il-festi fl-ibliet u l-irħula tagħna.

L-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda temmen li kif f'dawn is-sentejn urejna maturità u serjetà, u dejjem żammejna saħħet il-poplu fuq nett fil-prioritajiet tagħna, hekk ukoll għandna naraw li dawn il-festi jkunu ċċelebrati b'sens akbar ta' responsabiltà u serjetà. Dan biex nuru li s-soċjetajiet tal-banda għandhom tmexxija serja u reżiljenti, u sabiex nerġgħu nagħtu lill-poplu Malti dak li huwa parti importanti milli jagħmilna poplu. Għaliex il-festa Maltija, flimkien mal-lingwa tant sabiħa tagħna, jagħtuna identità ta' poplu u pajjiż.

Minkejja li l-pandemija ħalliet effetti fuq s-soċjetajiet tal-banda u l-ħidma volontarja, kif ħalliet fuq kulħadd, xorta waħda r-reżiljenza tal-kumitati fil-każini tagħna kienet waħda kbira għaliex minkejja dawn id-diffikultajiet kollha xorta x-xogħol baqa' għaddej ħalli dak li huwa patrimonju tagħna bħala poplu jitħares u jibqa' ħaj ġewwa l-komunitajiet tagħna.

Madanakollu nkunu boloh jekk ngħidu li m'hemmx diffikultajiet, u dawn għandna bżonn negħlbuhom. Huwa żgur li qed jinħass nuqqas ta' żgħażagħ li lesti jimpenjaw irwieħhom fil-ħidma kontinwa ġewwa s-soċjetajiet tal-banda. Huwa ċar li dawn is-sentejn ħallew u se jħallu effett fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-każini tagħna. Kif qed jinħass ukoll n-nuqqas ta' mużiċisti li lesti jerġgħu jimpenjaw irwieħhom b'umiltà u b'sens t'appartenenza fil-baned tagħna. Dawn huma żewġ pedamenti importanti fil-ħolqa tal-ħidma ta' soċjetà tal-banda daqs kemm huma l-ħidma tal-mijiet ta' nies oħra fl-amministrazzjoni u fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet fi ħdan is-soċjetà tal-banda.

L-għaqda temmen li jekk naħdmu flimkien b'sens verament kollettiv u mhux individwalista, jekk immiddu jdejna għal aktar ħidma b'umiltà, jekk inkomplu naħdmu b'serjetà u b'sens ta' responsabiltà, allura, iva, nemmen li nistgħu nkomplu niċċelebraw il-festi tagħna kif jixraq. Il-kollettività trid tkun f'sens l-aktar wiesa' li tinkludi wkoll l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Dan għax il-festa tibda biċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u tkompli b'dawk popolari. It-tnejn għandhom l-importanza tagħhom. It-tnejn huma intrinsikament marbuta biex jagħmlu festa sħiħa. Madanakollu, iż-żmien li għaddejna minnu għandu jgħallimna li hemm ħtieġa urġenti li lill-festi tagħna nerġgħu nagħtuhom dak is-sens sabiħ ta' ċelebrazzjoni komunitarja fejn il-komunità, il-familji u l-ħbieb jerġgħu verament jħossu b'mod kollettiv dak is-sens t'appartenenza, dak is-sens ta' imħabba mhux biss lejn l-patrun, mhux biss lejn dik is-soċjetà tal-banda, li huma importanti, imma aktar minn hekk lejn il-komunità inġenerali.

Ma nistax ma nagħlaqx dan il-messaġġ mingħajr ma nħeġġeġ lil kull wieħed u waħda minna biex jiftakar f'dak li qed jiġri ġewwa l-Ukrajna. Traġedja umana oħra ta' sofferenza kbira liema bħalha, bħal dik tas-Sirja, tal-Palestina u ta' popli oħra. M'għandniex inkunu indifferenti għal dawn il-ġrajjiet li ħallew u se jħallu tebgħa li ma titħassarx għall-popli kollha, inkluż tagħna.

Nagħlaq billi f'isem l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, u nirringrazzja lis-soċjetà tal-banda u lill-membri tagħha għax-xogħol volontarju kbir li jsir. Nappella sabiex dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet denji ta' festa li tgħaqqad il-poplu.



# Djarju 2021 - 2022

31 t'Awwissu 2021 - L-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

2 ta' Settembru 2021 - Tombla speċjali organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial.

3 ta' Settembru 2021 - Ikla tal-festa f'Misraħ il-Parroċċa.

6 ta' Settembru 2021 – Membri tal-Kumitat Direttiv attendew għall-attività organizzata f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II mill-Awtorità tat-Turiżmu fejn ġiet imnedija skema ta' għajnuna lill-għaqdiet mużikali Melleħin.

6 ta' Settembru 2021 - Programm ta' marċi mill-Banda Imperial minn fuq il-bejt tal-każin.



7 ta' Settembru 2021 - Il-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony



Borg esegwew l-Innu Ad Unur Marija Bambina minn fuq il-bejt tal-każin.

26 ta' Settembru 2021 – Il-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg tellgħu programm vokali u strumentali fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Mellieħa f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Mellieħa.

2 t'Ottubru 2021 – Il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem waqt il-"Festival tal-Baned u Nar" organizzat mir-Reġjun Tramuntana permezz ta' programm vokali u strumentali fil-pjazza tal-Imġarr, Malta.

8 t'Ottubru 2021 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li saret fl-Università l-Qadima, il-Belt Valletta.

16 t'Ottubru 2021 – Programm vokali u strumentali ieħor mill-Banda u l-Kor Imperial waqt il-"Festival tal-Baned u Nar" organizzat mir-Reġjun Tramuntana f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

31 t'Ottubru 2021 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

14 ta' Novembru 2021 - Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa għar-ruħ il-mejtin kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial. F'din il-quddiesa ħadu sehem membri tal-Banda u l-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-Ċimiterju 'Sultana tal-Vittorji', fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, tkantaw innijiet, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.

14 ta' Novembru 2021 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

20 ta' Novembru 2021 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja, organizzata mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Baned.

23 ta' Novembru 2021 - Il-Kor Imperial ħa

sehem f'quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Membri mill-Kumitat Direttiv attendew għal din l-okkażjoni.

24 ta' Novembru 2021 - Sar il-funeral ta' Vincent Debono, membru onorarju tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

25 ta' Novembru 2021 – Membri tal-Kumitat Direttiv attendew għall-funeral tas-Sinjura Pawlina Caurana, omm il-Kanonku Dun Joe Caruana, l-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mellieħa.

27 ta' Novembru 2021 –Membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ingħaqdu ma' membri ġejjin mis-soċjetajiet mużikali ta' Malta f'kampanja nazzjonali ta' għoti ta' demm organizzata minn One Radio fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fi Gwardamanja.




28 ta' Novembru 2021 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

12 ta' Diċembru 2021 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

14 ta' Diċembru 2021 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied fis-Solana Hotel & Spa, il-Mellieħa.



16 ta' Diċembru 2021 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal Jum il-Kunsill tal-Mellieħa 2021 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

19 ta' Diċembru 2021 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied waqt l-attività "Milied Mellieħi 2021" organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Misraħ il-Parroċċa.

21 ta' Diċembru 2021 - Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Mellieħa Holiday Centre, fil-Mellieħa



23 ta' Diċembru 2021 - Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Labranda Riviera Hotel & Spa, il-Marfa.

24 ta' Diċembru 2021 - Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied quddiem il-Każin Imperial f'Misraħ il-Parroċċa.

26 ta' Diċembru 2021 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Maritim Antonin Hotel & Spa, fil-Mellieħa.

21 ta' Jannar 2022 - Sar il-funeral ta' Vincenza Sammut, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawha waqt il-funeral.

4 ta' Frar 2022 – Membru tal-Kumitat Direttiv attenda laqgħa ta' informazzjoni organizzata mill-Kunsill Malti għall-Arti fuq l-iskemi ta' fondi għas-sena 2022.

11 ta' Frar 2022 – Membri tal-Kumitat Direttiv attendew għall-funeral tal-ewwel Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, is-Sur Joseph Borg.

12 ta' Frar 2022 - Sar il-funeral ta' Catherine Buttigieg, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawha waqt il-funeral.

13 ta' Frar 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

19 ta' Frar 2022 - Sar il-funeral ta' Joseph Vella Caruana, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

25 ta' Frar 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li saret fil-Każin tal-Banda Peace, in-Naxxar. F'din il-laqgħa ġew maħtura l-membri tal-Eżekuttiv il-ġdid għas-snin 2022-2023.

27 ta' Frar 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

9 ta' Marzu 2022 – Membru tal-Kumitat Direttiv attenda għas-serata tal-għoti tal-fondi fl-iskema "Voluntary Organisations Project Scheme 2020" amministrata mill-Kunsill Malti għall-Volontarjat li saret fir-Radisson Blue Resort, San Ġiljan.

19 ta' Marzu 2022 – Fenkata organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial fil-bar tal-każin.

20 ta' Marzu 202 – Membri tal-Banda Imperial ingħaqdu ma' rappreżentanti taż-żewġ għaqdiet mużikali l-oħra Melleħin biex ħadu sehem waqt serata b'tislima lil Joe Borg organizzata mill-Onor. Robert Cutajar taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċellenza Dr George Vella fil-Maritim Antonine Hotel & Spa, il-Mellieħa.




3 t'April 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

4 t'April 2022 – Membri mill-Kumitat Direttiv attendew għall-kunċert finali fi tmiem sessjonijiet ta' taħriġ lis-surmastrijiet u l-għalliema tal-mużika mmexxija minn Prof. Giampaolo Lazzeri u organizzati mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Il-membru tal-Banda Imperial Carl Borg kien wieħed mill-parteċipanti f'dawn is-sessjonijiet.



5 t'April 2022 – Sar il-ftuħ uffiċjali tal-wirja mtellgħa mill-Kummissjoni Żgħażagħ bl-isem ta' "Iċ-Ċaħda". Din il-wirja kienet tinkludi x-xena taċ-ċaħda ta' Pietru rrappreżentata bi tliet figuri life-size, il-Golgota, sett ta' vari artistiċi u diversi pitturi. Din il-wirja baqgħet miftuħa sal-15 t'April 2022.

9 t'April 2022 - Saret is-seduta ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial fis-sala ewlenija tal-Każin. Matul din il-laqgħa ngħata rendikont tal-ħidma fi ħdan l-Għaqda tul is-sena 2021 u ġie elett Kumitat Direttiv ġdid għas-snin 2022-2023.

10 t'April 2022 – Kunċert annwali ta' Ħadd il-Palm mill-Banda u l-Kor Imperial bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ġewwa l-Knisja Arċipretali Marija Bambina, il-Mellieħa, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.

14 t'April 2022 – L-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipat fil-Viżti tas-Sepulkru fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka.

24 t'April 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

5 ta' Mejju 2022 – Membri tal-Kumitat Direttiv taw l-aħħar tislima lil Reverendu Monsinjur Dun Mosè Debono billi akkumpanjawh fil-korteo funebri mis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa fejn kien espost għall-qima tal-pubbliku sal-Knisja Parrokkjali. Membri tal-Banda Imperial daqqew fanfarra hekk kif il-korteo wasal quddiem il-Każin Imperial.



17 ta' Mejju 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa.

20 ta' Mejju 2022 – Kienet organizzata attività bl-isem ta' "The Fusion of Tradition and Innovation in the Funeral Marches of Carmel Muscat" biex



tfakkar għeluq l-10 snin mill-mewt tal-kompożitur Mellieħi Carmel Muscat, il-Captain. Din kienet ippreżentata mis-Surmast Direttur tal-Għaqda Mużikali Imperial, Mro Anthony Borg, u saret fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial.

22 ta' Mejju 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

26 ta' Mejju 2022 – Membru tal-Kumitat Direttiv attenda għall-inawgurazzjoni tax-xogħol ta' restawr u interpretation centre fil-Mużew tat-Tunnara, l-Għadira, mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

3 ta' Ġunju 2022 - Fuq stedina mill-President u l-Kumitat tas-Soċietà Filarmonica La Vittoria, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal serata mużiko-letterarja b'tifkira ta' Rev. Mons. Dun Mosè Debono fl-istess każin.

7 ta' Ġunju 2022 - Sar il-funeral ta' Carmel Fenech, bandist mal-Banda Imperial għal madwar 55 sena. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

15 ta' Ġunju 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa li saret dwar il-fondi mħaddma mill-Majjistral Action Group Foundation.

17 ta' Ġunju 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

19 ta' Ġunju 2022 - Daqq ta' fanfarra fil-purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjaw il-purċissjoni.

23 ta' Ġunju 2022 - Il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu programm vokali u strumentali f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa, bħala parti mill-attivitajiet waqt il-festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.



24 ta' Ġunju 2022 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija ċċelebrata f'Burmarrad.

25 ta' Ġunju 2022 - Sar il-funeral ta' Victor Borg, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

1 ta' Lulju 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

6 ta' Lulju 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ewwel laqgħa msejħa mir-Reġjun tat-Tramuntana fejn ġie diskuss il-Festival tal-Baned u Nar għas-snin 2023-2025.

10 ta' Lulju 2022 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura. Din is-sena mmarkat il-25 sena minn meta l-Banda Imperial għamlet l-ewwel servizz tagħha fil-Fgura.



11 ta' Lulju 2022 - Sar il-funeral ta' Angelo Cutajar, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

17 ta' Lulju 2022 – Il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu programm vokali u strumentali f'lejlet il-festa tal-Madonna tad-Duttrina ċċelebrata f'Ħal Tarxien.



18 ta' Lulju 2022 – Il-President u s-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial attendew għal riċeviment li sar mill-President ta' Malta



l-Eċċellenza Dr George Vella fil-Palazz ta' Sant'Anton fejn kienu mistiedna rappreżentanti tal-baned kollha ta' Malta u Għawdex.

21 ta' Lulju 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa dwar il-festi tal-Manikata u l-Mellieħa.

22 ta' Lulju 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

30 ta' Lulju 2022 – Il-Kor Imperial tella' programm vokali fis-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa waqt "Iljieli Melleħin 2022" organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

31 ta' Lulju 2022 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Marija Addolorata Sultana tal-Martri ċċelebrata f'San Pawl il-Baħar.



5 t'Awwissu 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-quddiesa ta' radd il-ħajr u riċeviment fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Patri Alfred Debono ODC li saret fis-Seabank Hotel & Spa, il-Mellieħa.

8 t'Awwissu 2022 - Sar il-funeral ta' Francis Vella, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

12 t'Awwissu 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

14 t'Awwissu 2022 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Marija Assunta ċċelebrata fil-Mosta.

18 t'Awwissu 2022 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Marija Assunta ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***








# Nifirħu lil...

Il-membru onorarju tal-Għaqda Mużikali Imperial l-Onorevoli Clayton Bartolo li ġie maħtur Ministru għat-Turiżmu, l-Onorevoli Dr Jonathan Attard li ġie maħtur Ministru għall-Ġustizzja, u l-membru onorarju tal-Għaqda Mużikali Imperial l-Onorevoli Dr Michael Farrugia li kien elett fil-Parlament ta' Malta f'isem il-Gvern. Il-membru onorarju l-Onorevoli Robert Cutajar, l-Onorevoli Ivan Castillo u l-Onorevoli Graziella Galea li kienu eletti fil-Parlament ta' Malta f'isem l-Oppożizzjoni. Nawgurawlhom ħidma ta' suċċess fl-oqsma rispettivi li ġew fdati lilhom.

L-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u l-Mellieħa Sports Club f'għeluq il-75 sena mit-twaqqif tagħhom.

Patri Alfred Debono ODC f'għeluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

Alexia Micallef, kantanta Melleħija, għar-rebħ tal-festival "L-Għanja tal-Poplu 2022" bil-kanzunetta 'Fil-Kexxun'.

Il-grupp MARA, fosthom il-kantanti Melleħin Alexia Farrugia u Annabelle Vella, u l-kompożitur Philip Vella, li kklassifikaw fit-tielet post fil-festival "L-Għanja tal-Poplu 2022" bil-kanzunetta 'Ħelu Manna'.

Steven Fenech li flimkien mal-partner taż-żfin tiegħu kklassifikaw fit-tieni post fil-Kompetizzjoni tal-Latin Dancing u fit-tielet post fil-Kompetizzjoni tal-Ballroom Dancing fil-German Opening Championships fi Stuttgart.

Is-Sinjura Rachel Vella, Direttur tar-ROCS Group li f'Diċembru 2021 rebħet it-titli ta' Malta's Best Business Leader of the Year, Most Inspiring Woman of the Year, Best CEO of the Year, Best Woman in Consumer Business 2021 u l-Life Achievement Award.

Dawk kollha li għamlu suċċess fl-istudji jew f'xi dixxiplina partikolari li jipprattikaw u nawgurawlhom iktar suċċess f'dak kollu li jaħdmu għalih.

Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial

The Veggie Truck
Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce
*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*
*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*





# Niftakru f'ħutna li ħallewna

| | | |
|---|---|---|
| **Vincent Debono**<br>22 ta' Novembru 2021 | **Joseph Vella Caruana**<br>17 ta' Frar 2022 | **Angelo Cutajar**<br>8 ta' Lulju 2022 |
| **Vincenza Sammut**<br>14 ta' Jannar 2022 | **Carmel Fenech**<br>4 ta' Ġunju 2022 | **John Pisani**<br>6 t'Awwissu 2022 (Awstralja) |
| **Catherine Buttigieg**<br>11 ta' Frar 2022 | **Victor Borg**<br>22 ta' Ġunju 2022 | **Francis Vella**<br>6 t'Awwissu 2022 |

*Agħtihom O Mulej il-Mistieħ ta' Dejjem. Amen.*

*For Quality Metal Works at Competitive Prices*





**JOE GAUCI**
METAL WORKS

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976

# Tislima lil Nenu

**Dr John Baptist Gauci**



Ftit tal-ġimgħat ilu, propjament fil-bidu ta' Ġunju, ħalliena Carmel Fenech, jew kif jafu kulħadd, Nenu. Kienet bħal sajjetta fil-bnazzi, aħbar li żgur ma kien qed jistennieha ħadd. Fil-bidu ta' dik l-istess ġimgħa kien għadni kif kellimtu, għax bħal kull nhar ta' Tnejn, il-kunċert tal-banda ma kien jitilfu tista' tgħid qatt, sakemm mhux forsi fula f'qargħa. U kont inzertajtu wkoll darba oħra dik il-ġimgħa, darba filgħaxija, għaddej bil-pass mill-Pjazza tal-Parroċċa, waqt li jien kont nieżel sal-każin bil-karozza… tislima qasira u kulħadd għal triqtu.

Raġel pjuttost riservat, mhux ta' wisq kliem, imma ngħid għalija dejjem kien isellem u fejn jarani kien il-biċċa l-kbira jieqaf biex ngħidu kelma ta' malajr, xejn fit-tul, ħafna mid-drabi biex jgħidli li kien ġej jew sejjer sa fejn iz-ziju tiegħi, u jtarrafli xi ftit b'aħbaru. Fuq nota personali, li żgur nista' ngħid hu li kien raġel ta' rispett kbir. Kien juri interess ġenwin fil-ġenituri tiegħi u dejjem kien jibgħat iselli għalihom miegħi.

Lil Nenu kien ilni nafu snin twal. Barra li nafu tista' tgħid minn dejjem idoqq il-klarinett mal-Banda Imperial, niftakru wkoll isuq il-karozza tal-linja. Ta' tifel li kont, nistqarr li ma tantx kont intir bil-ferħ meta kont ninzertah fuq xi vjaġġ mill-Mellieħa sal-Belt, jew bil-kontra, għax il-vjaġġ kien bħal donnu ma jispiċċa qatt. Madankollu dejjem wasalna bis-sliema u xi kelma fuq il-banda li tant kellu għal qalbu, jew fuq xi marċ, jew meta toqrob il-festa fuq l-innu l-kbir, ma kinitx tonqos! Għax l-innu ad unur Marija Bambina li l-Banda Imperial iddoqq ta' kull sena fil-festa tal-Bambina kien għal qalbu wisq.

Ninsab ċert li f'dawn il-jiem tal-festa tant għażiża tagħna, Nenu ħa jkun qed ikanta l-versi tal-innu din id-darba mhux minn fuq il-planċier jew, kif kellna nagħmlu dawn l-aħħar sentejn minħabba l-pandemija, minn fuq il-bejt tal-każin, imma minn ferm iktar viċin ommna Marija, li hu kien tant devot tagħha.

Strieħ fis-sliem, Nen!

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

# IMQADDSA VERĠNI MARIJA

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

## Agħtiha r-Rużarju bħala rigal

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ." -** il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII



# Tislima liż-żewġ membri onorarji Vincent Debono u John Pisani

Vincent Debono, jew kif aktar nafuh fostna Ċensu, Ta' Kejli, għadda għal ħajja aħjar nhar it-22 ta' Novembru 2021 fl-età ta' 84 sena. Ċensu kien bniedem umli u ġeneruż, u dejjem għen mill-aħjar li seta' meta kien mitlub jagħti l-għajnuna tiegħu. Kien benefattur kbir tal-Għaqda Mużikali Imperial.

Fil-bidu tas-snin tmenin meta l-kumitat ta' dak iż-żmien kien iddeċieda li jibni l-każin mill-ġdid, Ċensu kien strumentali biex il-ħolma ta' ħafna membri u ammiraturi tal-Banda Imperial li jkollhom każin modern issir realtà. Ftit tas-snin wara, lejn il-bidu tas-snin disgħin, il-kumitat li kellu t-treġija tal-għaqda kien iddeċieda li tinbena sala għall-użu tal-banda. Ċensu flimkien ma' wliedu daħlu għal dan l-impenn mingħajr ma talbu l-ebda ħlas. Minbarra dan, Ċensu dejjem għen lill-Każin Imperial mill-aħjar li seta' kull meta kienet meħtieġa l-għajnuna tiegħu.

Ċensu kien kburi immens bil-Banda Imperial. Minkejja li kien ikun impenjat bis-sħiħ, lil Ċensu kont dejjem issibu fuq quddiem, jakkumpanja l-Banda Imperial mal-marċi fil-jiem tal-Festa – il-banda li tant kien iħobb.

John Pisani twieled il-Mellieħa. Missieru Wiġi, magħruf bħala Wiġi, Ta' Pisani, għamel żmien bil-bottegin tal-Għaqda Mużikali Imperial. Kien propju minn hawn li John xettel l-imħabba kbira li kellu għall-Għaqda Mużikali Imperial. Aktar tard il-familja Pisani, bħal ħafna Maltin oħra, emigrat lejn Melbourne l-Awstralja. Minkejja dan, l-imħabba li kellu lejn l-Għaqda Mużikali Imperial ma naqset qatt! John kien benefattur ġeneruż tal-Għaqda Mużikali Imperial. Dejjem kont issibu minn tal-ewwel biex jgħin mill-aħjar li jista' meta ssir xi inizjattiva ta' ġbir ta' fondi b'risq l-Għaqda Mużikali Imperial mill-emigranti Melleħin. L-għors tiegħu kien biex iħeġġeġ lill-emigranti bħalu jgħinu mill-aħjar li jistgħu waqt il-festin li jsir għalihom fil-jiem tal-festa.

John ġie kemm-il darba Malta għall-vaganzi biex flimkien magħna jiċċelebra l-festa ta' Marija Bambina. Mingħajr l-iċken dubju, il-festa tal-Vitorja kienet l-isbaħ żmien għal John. Meta kien ikun fostna, ta' kuljum kien jinżel sal-kazin biex jiltaqa' u jgħid kelmtejn mal-ħbieb. Kien sostenitur kbir tal-Banda Imperial u kien jakkumpanjaha fid-diversi servizzi li tagħmel matul is-sajf. Meta l-Banda Imperial telgħet iddoqq f'Bari, l-Italja, f'Settembru tal-2015, John kien tela' wkoll biex jagħti l-appoġġ tiegħu fejn u kif meħtieġ.

John ħalla din id-dinja nhar is-6 t'Awwissu 2022 f'Melbourne, l-Awstralja, fl-età ta' 78 sena.

Nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-familji u ħbieb ta' dawn iż-żewġ membri onorarji u ħbieb tal-Għaqda Mużikali Imperial.

Farmer's Fresh Green Grocer



Fresh Fruit & Vegetables Daily

78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599

Opening Hours
Mon - Sat 7.00am - 8.00pm
Sunday 8.00am - 8.00pm

Free Deliveries

# Appreciation: Rev. Mgr Moses Debono

**Seminarian Karl Andrew Schembri**



There is much to be said about Rev. Mgr Moses Debono, who passed away at the age of 93. He was born in Mellieħa on May 29, 1928, to Joseph and Mary. Out of 14 children, only eight survived. He was fond of the fact that he was raised in a very simple environment where hard work and sacrifice were an integral part of their daily life. Also, he often used to remark that they were very happy especially because, as a family, they used to dedicate much time to prayer.

I have known Dun Mosè since I was six when I joined the group of altar boys in Mellieħa. Fr Moses often used to share with us some reflections on his priestly vocation. I can still remember him explaining how two uncles of his, both priests, helped him discern his calling to the priesthood.

Dun Mosè had opted not to join the seminary at the age of 18, but instead, went to a tailoring school and eventually worked as a tailor in Mellieħa. It was only after the war, in 1949, when he was 21 years old, that he joined the seminary. He was ordained priest on March 17, 1956, together with my uncle, Rev. Can. Joachim Schembri, from Qormi. Since my uncle passed away when I was still young, it used to be Dun Mosè's joy to recount tales of their experiences while at the seminary together.

Dun Mosè's first assignment as a newly ordained priest was in his hometown parish of Mellieħa where he spent most of his 66 years of priesthood, apart from short periods which he spent as parish priest, first of Manikata, then of Għargħur.

Dun Mosè will be remembered for his sense of dedication to the Mellieħa altar servers, whom he supervised for more than 60 years overall. Indeed, in 1976, he invested in a property in Triq il-Kappillan Magri so as to provide a better venue for their catechesis and meetings.

Dun Mosè also had a great love for music and, indeed, was one of the founders of the Choral and Orchestral Society Maria Bambina in 1947. Apart from being one of its founding members, he was also its spiritual director and supported this society in various ways until he passed away on Sunday, May 1.

On a personal level, I am very grateful to Dun Mosè for his spiritual accompaniment throughout my life. Dun Mosè worked continuously for priestly vocations. Besides being a very good role model, he prayed daily for priestly vocations and always tried to help youths discern their own calling.

It was his joy to share his own experience with others because he always believed that ongoing formation is essential.

He also loved working closely with families since he strongly believed that they are necessary to foster vocations to the priesthood and religious life. I remember that he used to spend hours praying in the church, and now, being at the seminary myself, I will cherish this image of him throughout my life.

Dun Mosè deserves our heartfelt gratitude for his lifelong service to the parish and community of Mellieħa. We pray that his life may be a model to us and that, from heaven, he will continue to pray for more youth to give their lives to serve the people of God.

May his soul rest in eternal peace.

*Note: This article appeared on the Sunday Times of Malta of 8 May 2022.*






# SUIGA
## Snack Bar

BURMARRAD











Norganizzaw ikliet għall-gosti ta' kulħadd, bħal fenkati, bachelors u hens parties, birthdays u okkażjonijiet privati. Biex tibbukkja, jew għal aktar informazzjoni, ikkuntattjawna fuq **9929 5415** jew **7744 4321**.

Segwuna wkoll fuq il-paġna ta' Facebook

jfsuiga@gmail.com



# Programm t'Attivitajiet

*organizzati
mill-Għaqda Mużikali Imperial
fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur ta'*

# Marija Bambina

*Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa 2022*

### Il-Ġimgħa 26 t'Awwissu 2022

**8.00p.m.** Barbecue f'Misraħ il-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor, kif ukoll diversi mistednin speċjali.

### Il-Ħadd 28 t'Awwissu 2022

**6.00p.m.** Tombla speċjali organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial.

### It-Tnejn 29 t'Awwissu 2022

**7.30p.m.** Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### It-Tlieta 30 t'Awwissu 2022

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina.

### L-Erbgħa 31 t'Awwissu 2022

**6.30p.m.** L-Għaqda Mużikali Imperial tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

**8.00p.m.** Riċeviment fil-każin għall-membri tal-kumitati, bandisti, u membri tal-kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

### Il-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2022

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-sala tal-każin.

### Il-Ħadd 4 ta' Settembru 2022

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, jgħaddi minn Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## It-Tnejn 5 ta' Settembru 2022

**7.45p.m.** Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li jibda minn Triq Qasam Barrani, jgħaddi minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## It-Tlieta 6 ta' Settembru 2022

**7.45p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Mitħna l-Qadima, jgħaddi minn Triq San Ġużepp, Triq Franġisk Żahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## L-Erbgħa 7 ta' Settembru 2022

**7.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**8.30p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-innu-marċ popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-innu tal-banda.

## Il-Ħamis 8 ta' Settembru 2022

**6.00p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq il-Parroċċa sa Misraħ il-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin Imperial.

## Il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2022

**10.00a.m.** Għax-xalata tal-għada tal-festa, il-Kummissjoni Żgħażagħ se torganizza mawra bid-dgħajsa mill-Għadira sax-xatt tal-Birgu u lura. Ikun hemm briju organizzat mill-istess kummissjoni tul il-vjaġġ.






one80.com.mt
Multiple Destinations, Unique Experiences.

one80 KITCHEN • LOUNGE MELLIEĦA

one80 KITCHEN AT MĠARR YACHT MARINA, GOZO

IX-XATT AT one80

MĠARR MARINA YACHT CLUB BY one80

# Programme of Activities

*organised by the Imperial Band Club*
*for the feast in honour of*

# Our Lady of Victories

*Patron Saint of Mellieħa 2022*

## Friday 26th August 2022

**8.00p.m.** Barbecue organised by the Imperial Band Club in the Parish Square. Entertainment will be provided.

## Sunday 28th August 2022

**6.00p.m.** A special bingo night organised by the Band and Choir Subcommittee of the Imperial Band Club.

## Monday 29th August 2022

**7.30p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir in the club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the club's musical director.

## Tuesday 30th August 2022

**8.00p.m.** Annual Get Together for the Emigrants at the Imperial Band Club.

## Wednesday 31st August 2022

**6.30p.m.** The Imperial Band Club will be participating in a Holy Mass at the Mellieħa Parish Church on the occasion of the day dedicated to civic societies.

**8.00p.m.** A reception will be held at the Imperial Band Club for the committee members, the band and choir members, together with their guests.

## Friday 2nd September 2022

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir in the Parish Square. A reception will be held afterwards in the main hall of the Imperial Band Club.

## Sunday 4th September 2022

**8.00p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieħa Heights to the Mellieħa Parish Square.

## Monday 5th September 2022

**7.45p.m.** Band marches by the L'Isle Adam Band of Rabat, Malta, from Qasam Barrani Street to the Mellieħa Parish Square.

## Tuesday 6th September 2022

**7.45p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Old Mill Street to the Mellieħa Parish Square.

## Wednesday 7th September 2022

**7.00p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street corner with Cross Street to the Mellieħa Parish Square.

**8.30p.m.** The Imperial Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories on the club's band stand, followed by the band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Band Hymn.

## Thursday 8th September 2022

**6.00p.m.** Band marches by the St Sebastian Band of Qormi from Parish Street to the Mellieħa Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the club's band stand. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the club, the band and choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

## Friday 9th September 2022

**10.00a.m.** To round off the activities organised for the village feast, the Youth Subcommittee will be organising a boat trip from Għadira to the Birgu Waterfront. Festive entertainment will be organised by the same subcommittee during the trip.

# Proġetti ta' restawr fil-Każin Imperial

F'dawn l-aħħar sentejn, il-kumitat direttiv tal-Għaqda Mużikali Imperial ħa l-inizzjattiva li jibda xogħol ta' restawr fuq diversi oġġetti u opri oħra ta' importanza għall-għaqda.





1. Permezz tal-"Iskema Ngħinu Finanzjarjament lis-Soċjetajiet tal-Banda" amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda sar xogħol ta' restawr tal-binja tal-każin u restawr tal-planċier. Ix-xogħol ta' restawr li sar fuq il-binja tal-każin kien jinvolvi xogħol fit-tieni sular, b'mod partikolari xogħol ta' lavur fiz-zokklatura fuq stil ionic maħdum fl-injam li ddawwar l-entrata tas-sala fit-tieni sular tal-każin. Ix-xogħol li sar ġie jikkumplimenta x-xogħol fis-sala prinċipali u dak li hemm diġà fis-sala tal-kumitat. Ġew imwaħħla wkoll żewġ linef li kienu irregalati lill-każin minn żewġ benefatturi u li ġew jikkumplimentaw ix-xogħol tal-lavur. Ir-restawr tal-planċier kien jinvolvi t-tindif bir-reqqa tal-injam u tal-lavur fl-injam mill-ħmieġ li akkumula, irtokk tal-istess injam skont kif neċessarju, tindif u żebgħa tal-ħadid li jżejjen id-dawra tal-planċier, xogħol ta' manutenzjoni fuq l-art tal-planċier, u xogħol ieħor addizzjonali li titlob is-sengħa u l-arti li jinkludi xogħol fuq il-ħames pilastri fuq in-naħa ta' wara tal-planċier. Dan ix-xogħol kollu sar taħt id-direzzjoni ta' żewġ persuni li diġà ħadmu fuq dan il-planċier fiż-żmien li għadda u anke fix-xogħol ta' lavur ġewwa l-każin. Dan huma l-iskultur, is-Sur Emanuel Cini, u l-mastrudaxxa professjonali, is-Sur John Sammut.









2. Proġett ieħor li sar kien iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea permezz ta' fondi amministrati mill-Majjistral Action Group Foundation f'Miżura 1. Ir-restawr sar fuq ħames oġġetti ta' valur kulturali u artistiku għall-Għaqda tagħna u għall-Mellieħa. Sar intervent ta' restawr fuq żewġ pitturi tal-mibki George Fenech, ġew irrestawrati ż-żewġ vetrini li kienu jservu bħala l-ewwel arkivju tal-għaqda tagħna, u sar xogħol ta' restawr fuq sett antik ta' qniepen (tubular bells). Permezz ta' dan il-proġett, dwan l-oġġetti ġew salvati mill-ħsarat li kienu qed isofru u permezz t'hekk issa jistgħu jgawduhom ta' warajna.






# The friendliest bar in Mellieħa

At Square Gastro Bar we're going back to basics,
offering you a delicious and varied menu,
familiar drinks, and great service.
Our portions are big, our regulars are plenty,
and our commitment is genuine.

Check our menu by scanning QR code






Square Gastro Bar, Parish Square, Mellieħa | T: +356 7922 1837 | E: info@squarebar.com.mt | www.squarebar.com.mt



# Ritorn tant mistenni

**L-Onor. Clayton Bartolo**
*Il-Ministru għat-Turiżmu*



Wara sentejn neqsin mill-attività ta' festa li konna mdorrijin qabel, issa wasalna għar-ritorn tant mistenni ta' festa kif jixraq lill-patruna tagħna Marija Bambina.

Matul l-istorja, l-Għaqda Mużikali Imperial minn dejjem kienet fost il-protagonisti ewlenin biex il-festa Melleħija tkun waħda brijuża għall-Melleħin kif ukoll għal dawk li jżuru l-lokalità tagħna fil-ġimgħa tal-Vitorja.

L-akbar apprezzament għandu jmur lejn in-numru ta' voluntiera li b'dedikazzjoni kbira baqgħu għaddejjin bil-ħidma imprezzabbli tagħhom fi żmien meta l-volontarjat fil-festa Maltija tpoġġa taħt l-akbar sfida li qatt kellu.

Ta' pjaċir ninnota li fl-aħħar sena l-Għaqda Mużikali Imperial b'kollaborazzjoni mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u għaqdiet mużikali Melleħin oħra daħlet għal proġett pilota biex din is-soċjetà tkun ta' kontribut sabiex il-prodott kulturali Mellieħi jkompli jkun wieħed ta' kwalità.

Għaldaqstant se nkompli nkun ta' sostenn għalikom biex din is-soċjetà mużikali tibqa' waħda attiva b'mod kontinwu fil-kalendarju kulturali tagħna.

Dan nagħmlu għax bħala persuna li għal snin twal kont parti minn din l-istess għaqda mużikali, nifhem u napprezza li l-festa Maltija tipprovdilna identità li tagħmel lill-gżejjer Maltin differenti minn pajjiżi oħra.

Bħala Mellieħi, irrid nirringrazzja lill-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial tal-ħidma li għamiltu fl-aħħar xhur bi preparazzjoni għall-festa tant mistennija ta' din is-sena.

Finalment, nieħu din l-okkażjoni sabiex filwaqt li nirringrazzja lill-President, il-kumitat u l-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial, inħares 'il quddiem sabiex inkomplu naħdmu flimkien għall-ġid tal-Mellieħa. Inħeġġiġkom biex tagħmlu kuraġġ u tkomplu taħdmu sabiex il-festa tagħna tkompli tagħti ġieħ kif jixraq lill-Mellieħa u fuq kollox lil ommna Marija Bambina.

Il-festa t-tajba!

HB MOTORS



Vehicle Repairs & Services
Tel: 2152 0429
Mob: 9986 8092
20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa
Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha


epc
www.epc.com.mt
EPC Computer Centre
26, Triq Sant' Elena, Mellieha, MLH 1021
Mon - Fri : 08:30 - 14:00 & 16:00 - 19:00
Saturday : 09:00 - 13:00
For All Your IT Needs Be It Home or Business
REPAIRS
Laptops, PCs, Tablets and Mobiles
MOBILES & MOBILE ACCESSORIES
Various Mobiles, Accessories including covers & screen protectors
LAPTOPS & PCs
including bespoke PCs built to client's specifics
PRINTERS
Inkjet, Office jet, Laser Printers, All-in-One Printers and Cartridges
For more products & accessories visit our website, we offer delivery services for online orders
sales@epc.com.mt
+356 2152 5280
+356 7904 3333
www.epc.com.mt


Scan our QR code and visit our website
drifter
Airport Transfers

welbee's
supermarket



# AVAILABLE IN 8 LOCATIONS

balluta - mellieħa - naxxar - st.julian's
sliema - st.venera - paceville - qawra

## DOWNLOAD THE WELBEE'S APP

Android QR Code

IOS QR Code




FIND US ON Wolt

welbees.mt



# Nistgħu nerġgħu ngawdu l-festi flimkien

**L-Onor. Dr Jonathan Attard**
*Il-Ministru għall-Ġustizzja*



Għeżież, huwa ta' pjaċir kbir għalija li għall-ewwel darba qiegħed inwassal dan il-messaġġ fil-ktejjeb maħruġ mill-Għaqda Mużikali Imperial, fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

Wara sentejn ta' stennija għall-festi parrokkjali minħabba l-pandemija, issa wasal iż-żmien daqstant mistenni għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-festi, biex jinżlu bi ħġarhom sabiex igawdu dan iż-żmien li jġib miegħu tant għaqda u ferħ bejn in-nies tal-lokal.

Personalment, minkejja li ma trabbejtx il-Mellieħa, iżda llum miżżewweġ u ngħix f'din il-lokalità, il-festa ta' Marija Bambina hija ferm għal qalbi. Fil-fatt tul dawn l-aħħar għexieren ta' snin dejjem kont preżenti għall-attivitajiet tal-festa organizzati fil-Mellieħa b'mod speċjali dawk organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial. Hawn stajt napprezza mill-qrib id-dedikazzjoni, il-volontarjat u l-impenn ta' din l-għaqda kemm lejn il-membri tagħha kif ukoll lejn il-komunità kollha.

Ma rridux ninsew li minkejja li matul l-aħħar żminijiet dawn l-għaqdiet, bħal kulħadd, għaddew minn żmien diffiċli, xorta waħda baqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħhom bla waqfien. Dan biex kemm jista' jkun xorta jibqgħu jżommu l-atmosfera ta' madwarna waħda normali, u dan jagħmel unur kbir lil dawn l-għaqdiet. Ejjew issa ningħaqdu flimkien sabiex niċċelebraw din il-festa tant għal qalbna.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg, lill-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial tal-ħidma bla waqfien tagħhom u lill-familjari tagħhom tas-sapport kontinwu.

F'ismi u f'isem il-familja tiegħi nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha.

*Inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna*




Angela Theuma

*54, Dun Franġisk Sciberras Street,*
*Mellieħa, Malta*

*angelatheuma@gmail.com*
*(+356) 99881467 / 27432763*



# Reviving Malta's Musical Heritage

Geoff Thomas



A few years ago, I wrote an article about how, in my opinion, Malta needs to look after its heritage of band marches; that we should edit, publish, and then promote the best ones throughout the world. This year I want to write about a success story, not in the field of band marches (yet!) but in the preservation and transcription of works from an earlier period in Maltese musical history.

The years bridging the periods of late baroque and classical music saw the development of a *galant* style, a lighter, more modern style with an emphasis on melody and simpler harmony. Composers such as Telemann, Vivaldi, Handel, J.C. Bach, C.P.E. Bach, and Pergolesi are associated with this style, particularly through opera and sacred works which were predominantly vocal. Nowhere was more associated with this style than Naples … and this is where Malta comes in.

In 2016, two important books were published: *Benigno Zerafa (1726-1804) and the Neapolitan Galant Style* by Frederick Aquilina, and *The Great Maltese Composers* by Joseph Vella Bondin. Both of these books show in great detail how important the 18th century was in the development of Maltese music and how strong the link with Naples was. Neither of these books could have been written without the wealth of resource material now available, especially with the digitisation of Mdina's archives, and online digital access to the scores housed in, for example, the conservatories of Naples and Milan, and the National Library of France. Many Maltese composers were sent or were drawn to Naples to study and to teach. Some, like Zerafa, returned home whilst others, like Girolamo Abos, never returned.

Due to Malta's strong Baroque connections with its wonderful Teatru Manoel, the Baroque Festival, the Valletta International Baroque Ensemble (VIBE), and the Monteverdi Project, the performance of baroque music has never been healthier in Malta. This has led to performances of some musical gems by forgotten or little-known Maltese composers.

*'Among the hundreds of musical manuscripts discovered locked away in one of the cupboards of the sacristy of the Cathedral of Mdina in 1969 was the entire collection of sacred works by Benigno Zerafa … who served as **maestro di cappella** at the Cathedral of St Paul at Mdina from 1744 to 1786.' (Frederick Aquilina)*



***Excerpt from Missa in Pastorale by Benigno Zerafa (filters applied for clarity)***

Even a brief glance at this score will reveal some of the challenges involved in transcribing this music and making it available for contemporary performance. I have been extremely fortunate to have been asked to transcribe and edit a number of works so that they can be performed. So far, I have completed two short pieces by Handel, a song by Steffani, Zerafa's *Messa in Pastorale*, two chamber operas by Gluck, and a number of pieces by Girolamo Abos, including his *Dixit Dominus*, *Stabat Mater*, an aria from *Erifile*, and the complete opera *Pelopida*. I am now starting on two of his masses, one written for Milan, one for Naples, then, hopefully, his cantata *Le Glorie d'Ibero*.

There is nothing more rewarding than hearing



120
» Open Daily
Including Feasts & Public Holidays
Showing All Major Sporting Events
120Bar
00356 2289 2000
www.maritim.com.mt
George Borg Olivier Street, Mellieha MLH 1021



AL PONTE
PIZZERIA • RESTAURANT
Open Daily
for lunch and dinner
2289 2289
Take Away Available
alponterestaurant
www.alponterestaurant.com
Maritim Antonine Hotel & Spa, George Borg Olivier Street, Mellieha

G3 GROUP

PERGOLA
HOTEL AND SPA

SOLANA
HOTEL AND SPA

2 HOTELS | 8 FOOD & BEVERAGE OUTLETS | 2 SPA & WELLNESS CENTRES









Discover more on **www.g3.com.mt**

tòsca | THE PRICKLY PEAR | Da Ciccio cucina | Bellini | BONAVENTURA DINING | CAVE BAR | Topdeck | NATARAYA day spa & wellness | SQUARE GASTRO BAR

these pieces come to life in authentic performances. So what are the challenges in transforming a manuscript such as the Zerafa mass above into something that can be read and performed easily? So that it looks something like this:



***Part of the same excerpt from Missa in Pastorale by Benigno Zerafa, now transcribed.***

As you can imagine, the condition of the scores can vary enormously depending on where they have been stored, the quality of the paper and ink used, and so on. Many scores are yellow or brown with foxing, whilst some are very well preserved. Quite often, the scores will have been written out by pupils and I have come across quite a few different handwriting styles, sometimes even in the same score. If a performance were to be imminent, many shortcuts might be made. Look at the examples which follow, from Abos's opera Pelopida.

For those of you who can read music, you will notice that there is no indication of instrumentation, clef, or key signature. Compare the original with what is actually played. It turns out that the top two lines are horns written in bass clef (sounding an octave higher), the next two lines are oboes, then violins and violas.

Where the oboes play the same as violins, a simple *unis* is written; where 2nd violins play the same as 1st violins, the same. Where the viola plays the same as the basso continuo (sounding an octave higher), there is a blank space preceded by a bass clef. To avoid writing out lots of semiquavers, stemless notes are written (see bars 2-5 [i] and 116-118 [ii]). For comparison, bar 3 of example [i] is the same as bar 114 in example [ii].

There are many other issues, not all found in these examples, such as a lack of figured bass (which signifies to the keyboard or theorbo player which chords to play), incorrect or inconsistent ornaments, and so on. Not to be forgotten is the poor copyist who, after a hard night, returns to the manuscript a day later and forgets the order of instruments or singers on the page. Imagine the confusion when trying to work it out!

If we return to the missing clefs, these are usually given at the beginning of each movement or aria. In nearly all pitched music (discounting TAB etc.), we only come across three clefs, C, F, and G. They are only ever placed on the lines of the stave, C clef on all five, F and G clefs on two (yes, I know about the D clef and sub-bass clef, but they are very rare):



Once you realise that there are only three basic clefs to worry about, reading the music becomes quite simple. You just have to hope that the copyist remembers which ones they are using, which isn't always the case. The pitch of horns is sometimes a problem as some horns can be in the high or low octave, and the choice of clef can be confusing in the middle of a movement – for the copyist and editor!

Key signatures are generally very straightforward, especially in major keys, and it is only when modulations occur that problems arise (see accidentals, below). I just have to know whether the composer has written for transposing instruments (trumpets and horns) at pitch or transposed.

Fortunately, today, music software allows one






***[I]*** ***[II]***

***Excerpts from the opening aria of Pelopida by Gerolamo Abos.***

to be quite flexible in the use of older instruments and older clefs. I have even created new instruments in order to provide today's players with a better, more consistent, performing experience. I have bought an Italian keyboard for the computer which has saved me hours when using letters with accents. Sometimes there are differences between the original libretto and the lyrics provided in the score (often a confusion between modern and older versions of words) but the only system text I have to look out for is the tempo marking, which is often hidden by the bottom stave (continuo part).

So, the transcribing and editing of scores becomes quite logical and relatively simple once one becomes familiar with the handwriting, shorthand, and common errors. However, there are still some nasty surprises. There are three things which I don't particularly enjoy coming across when going through the scores. The first of these is missing accidentals. It is quite common for an accidental to apply to notes for long passages, or to be omitted entirely, so it is important to understand the key and harmonic context of what has been written. Less common are the bars of unusual length in recitatives (the sung dialogue between arias and choruses). I often cheat and trick the software into accepting e.g. five beats in a four beat bar.

My least favourite surprise? Missing pages. This is quite rare, but I recently had to 'compose' or, more accurately, reconstruct two pages of a Gluck aria as the source material had been scanned incorrectly. I'm sure the two pages are in the Naples Conservatory, but they were not easily accessible. So far, no one has spotted which pages they are, so fingers crossed!

As I said near the beginning of this article, there is nothing more rewarding than hearing these pieces come to life in authentic performances. Abos's *Messa di Napoli* is due to be performed early next year in Valletta. His *Stabat Mater* is a wonderful work, even better than Pergolesi's setting in my opinion. I revised an earlier transcription by the late Joseph Vella who recorded his version with Miriam Cauchi, Claire Debono, and Claire Massa in St. George's Basilica, Gozo in 2002. My edition was performed at St. Paul's Co-Cathedral in Valletta in 2018 and, in July this year, as part of the opening concert at the Intra Muros Festival held at the 16th century Alden Biesen Castle in Rijkhoven, Belgium, with Gillian Zammit, Francesca Aquilina, Raisa Marie Micallef and VIBE.

It certainly was worth turning this …



… into this:




Happy feast and I hope to see some of you at performances of some of these works in the future, so that you too can appreciate the wealth of Malta's musical heritage.

ALKOVA
SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS
Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm
Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: **2152 1211** Mob: **7992 3060**




**Joseph Debono**

Tied Insurance Intermediary

73, Karizia Office,
Triq Gorg Borg Olivier, Mellieħa

T: 2152 0552-2752 0552
M: 9942 2894
E: insurance@jdebono.com

MAPFRE

**The Products are manufactured by MMS/ MSV and distributed by Joseph Debono*

Joseph Debono is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act for MAPFRE. MAPFRE refers to MAPFRE Middlesea p.l.c. (C-5553) and MAPFRE MSV Life p.l.c. (C-15722). Both entities are authorised under the Insurance Business Act. The TII and the entities are regulated by the Malta Financial Services Authority.

WE MANAGE IT

"At Eyetech we strive to offer the best IT services and solutions to suit our customer's needs, through a knowledgeable team that focus on the growth of the IT Technology"

CLOUD PRODUCTIVITY

MANAGED SERVICES

IT PROJECTS



EYETECH
we manage IT

www.eyetechltd.com

Microsoft Partner
Microsoft

Gold Cloud Productivity
Gold Cloud Platform
Gold Collaboration and Content
Gold Small and Midmarket Cloud Solutions
Silver Application Development


RETIRE FROM WORK
NOT FROM LIFE.
Start from as little as €40 per month!
The MAPFRE MSV Life Personal Pension Plan is a regular savings policy designed for your retirement which entitles you to a 25% government tax rebate up to €750 per annum.*
ROCS
group
MAPFRE | MSV Life
BOOK A PERSONAL APPOINTMENT TODAY
2015 1515 | 99477121 | pensjoni@pensjoni.com | pensjoni.com
*Tax treatment depends on the individual circumstances. Tax legislation and the amount of rebate may change in the future.
The Product is manufactured by MMSV and distributed by ROCS Company Limited.
ROCS Company Limited is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act, Cap 487 of the Laws of Malta for MAPFRE MSV Life p.l.c. (MMSV). MMSV (C-15722) is authorised under the Insurance Business Act, Cap 403 of the Laws of Malta. Both entities are regulated by the Malta Financial Services Authority. Com. No. MMSV280721.



# Meta Ġbarthom taħt il-Mant

**Christopher Bartolo**
*Sagristan*

Għall-grazzja t'Alla, din is-sena 2022 se nerġgħu jkollna l-grazzja u l-opportunità li niċċelebraw il-festa titulari tagħna – il-festa li tfakkarna fit-twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija. Malli tidħol fil-knisja arċipretali tagħna, fil-faċċata wara l-artal maġġur, tilmaħ kwadru prominenti mpitter minn Ġużeppi Calì fis-sena 1898. Dan il-kwadru jiddeskrivi t-twelid tal-Verġni Marija. Naraw lill-Madonna ċkejkna flimkien mal-ġenituri tagħha Sant'Anna u San Ġwakkin, u fl-isfond tagħhom naraw it-tifkira tal-Assedju l-Kbir. Tispikka ħafna wkoll fuq dan il-kwadru l-iskrizzjoni bil-Malti minquxa fil-ġebla bajdanija li tgħid hekk: It-Twelid Tiegħek Verġni Marija Ferraħ id-Dinja Kollha.

Sa mill-qedem il-festa tagħna kienet popolari għalina l-Melliħin u għal ħafna nies oħra minn kull rokna ta' Malta u Għawdex. Niftakar sewwa, meta ġejt maħtur sagristan fl-1976, il-festa kienet tiġi ċċelebrata fuq tlitt ijiem – lejlet lejlitha (hawn min kien isejħilha l-aħħar novena), lejlet il-festa u nhar il-festa. Niftakar li matul dawn it-tlitt ijiem, b'mod speċjali lejlet u nhar il-festa, kienu jkunu impressjonanti bl-ammont ta' nies li kienu jiġu jgawdu l-festa tal-Vitorja fir-raħal tagħna.

L-ewwel quddiesa nhar il-festa fit-8 ta' Settembru kienet tkun fl-erbgħa ta' filgħodu. Kont niftaħ il-knisja fit-3:30 ta' filgħodu. Wara kwarta l-knisja kienet tkun diġà ippakkjata bil-Melleħin u numru kbir t'Għawdxin li kienu jiġu jgawdu l-festa magħna. Dawn l-Għawdxin kienu jiġu minn diversi rħula lejlet il-festa, b'mod speċjali sabiex jisimgħu l-għana li kien ikun organizzat wara li jinħaraq in-nar tal-art. Ġieli kien ikun hemm seba' gruppi t'għannejja jgħannu f'postijiet differenti, ġeneralment madwar il-knisja u s-Santwarju. Għal dan l-għana kienu jiġu wkoll ħafna nies Maltin, speċjalment miż-Żejtun, minn Ħal Għaxaq, mill-Imqabba, mill-Qrendi, minn Marsaxlokk u anke Rabtin.

Grupp minn dawn l-għannejja kont issibu fuq is-sur. Naħseb dan il-grupp l-iktar li kien jiġbor nies. Grupp ieħor kien ikun qiegħed jgħanni fejn il-maħżen mal-ġenb tax-xellug tal-knisja. Kien ikun hemm grupp ieħor jgħanni ħdejn iċ-ċimiterju. Ħafna nies kont tarahom isegwu u jisimgħu l-għana fit-taraġ ngħidulu "tal-kappillan". Dan ngħidulu "tal-kappillan" għaliex huwa t-taraġ li jagħti għall-bieb tal-uffiċċju tal-arċipriet. Grupp t'għannejja kien jintasab ħdejn l-għassa tal-pulizija u grupp ieħor kien iħobb ikun taħt il-loġoġ fil-bitħa tas-Santwarju.

Dawn ix-xeni u episodji sbieħ kienu joħolqu festa Maltija. Dak iż-żmien l-attivitajiet esterni tal-festa kienu ftit limitati. Sal-1980, il-ftit attivitajiet li kienu jsiru kienu, tista' tgħid, kollha jiddependu u jikkonsistu minn attivitajiet li jorganizzaw fit-toroq u l-pjazza tagħna ż-żewġ baned tal-Mellieħa. In-nar kien ukoll ftit limitat u allura dawn il-gruppi t'għannejja flimkien mal-kitarristi kienu joħolqu mezz ieħor ta' divertiment.

F'dawn iż-żminijiet il-festa kibret u nħolqu attivitajiet u inizjattivi ġodda. Però, fl-opinjoni tiegħi, wieħed mill-iżjed mumenti qawwija u li tant ikun mistenni huwa meta ż-żewġ baned tagħna jesegwixxu billi jdoqqulna u jsemmgħulna ż-żewġ innijiet sbieħ, melodjużi u devoti ad unur Marija Bambina. Mhux l-ewwel darba li dawn iż-żewġ innijiet ġabulna memorji u nostalġiji ta' ferħ u anke ta' niket li qabbżulna xi demgħa minn għajnejna. Dawn l-innijiet minn ċkuniti dejjem ġibduni lejn il-planċieri u kont inkun minn ta' quddiem ma' missieri biex nisma' u nitpaxxa bihom. Meta kbirt kont immur waħdi u kont noqgħod attent nisma' l-lirika ta' dawn l-innijiet kantati mill-korijiet tat-tfal flimkien mat-tenuri u l-baritoni.

Ħaġa pożittiva li dejjem affaxxinatni, anke meta kont għadni iżgħar u li minn dejjem osservajtha, hija li għalina l-komunità Melleħija dawn l-innijiet jgħaqqduna u jnessulna d-differenzi ta' bejnietna. F'dawn l-innijiet, missirijietna bl-għajnuna tal-Providenza, ipprovdewlna ftit minuti qawwijin ħafna fejn fihom ningħaqdu lkoll flimkien biex inkantaw, nirringrazzjaw u nfaħħru lil Marija

Bambina ta' kemm grazzji tkun tatna matul is-snin li jkunu għaddew kif ukoll nitolbuha tħares lilna u lill-familji tagħna matul is-sena li tkun ġejja.

Hija grazzja mis-sema l-innu li jindaqq mill-Għaqda Mużikali Imperial li għandu versi u lirika ta' Nicola Biancardi u mużika tas-Surmast Vincenzo Ciappara. Fir-ritornell insibu dan il-kliem:

O Madonna Ġmiel il-Ġonna
Xemx ta' Mejju li saħħant
Lill-qalbiena bl-akbar ħniena
Meta ġbarthom taħt il-mant

Għall-grazzja t'Alla, din is-sena, dawn l-erba' versi se jerġa' jkollna l-grazzja li nisimgħuhom għax f'dawn l-aħħar sentejn ma stajniex nisimgħuhom jitkantaw nhar lejlet u nhar il-festa minħabba is-sitwazzjoni allarmanti tal-pandemija. Nistqarr li għalkemm il-knisja tagħna żejjintha u armajtha u l-qniepen indaqqu bħas-soltu matul il-ġranet tal-festa, xorta ħassejt li l-festa ma kinitx kompluta bħas-snin l-oħra. Jien għamilt ħilti kollha sabiex is-sehem tiegħi bħala sagristan nagħtih kollu sabiex il-komunità Melleħija xorta tkun tista' tifraħ fil-festa tagħha anke jekk b'mod ristrett. Xtaqt li fil-Mellieħa jkollna arja u ambjent ta' festa xorta waħda, anke jekk l-attivitajiet ta' barra ma setgħux isiru.

Xieraq u ġust li l-ewwel u qabel kollox nirringrazzja lil Alla tas-saħħa li għadu jagħtini sabiex inkompli l-ħidma tiegħi. Nirringrazzja lil tant nies - li ħafna minnhom m'għadhomx magħna - li għenu għas-suċċess tal-festi li għaddew. Fl-istess waqt nixtieq nirringrazzja lil ħafna nies oħra li se jagħtu kontribut għall-festa ta' din is-sena.

Nirringrazzja mill-qalb lil dak il-grupp ta' ftit irġiel li jgħinu kemm fit-tiżjin tal-knisja kif ukoll fit-tiżjin tal-pjazza u t-toroq tagħna. Niżżi ħajr ukoll lill-Grupp Santa Marta, lill-Grupp tal-Qniepen u lill-Grupp tan-Nar li lkoll jagħtu sehem importanti fil-festa. Is-sehem tal-korijiet fil-parroċċa tagħna jkompli jsebbaħ l-attivitajiet liturġiċi li jkunu organizzati fil-knisja tagħna u ta' dan aħna għandna nkunu grati lejhom ukoll. Naturalment mingħajr is-sehem tat-tliet għaqdiet mużikali li għandna fil-parroċċa tagħna, il-festa ma tistax tkun kompluta. Għalhekk nirringrazzja lis-Società Filarmonica La Vittoria, lill-Għaqda Mużikali Imperial kif ukoll lill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina li tieħu ħsieb il-mużika sagra kollha tal-festa. Ma jonqosx li nirringrazzja lill-arċipriet u l-kleru kollu, lill-abbatini, lill-fratelli u lil dawk li b'xi mod jew ieħor jaħdmu sabiex kull sena jkollna festa li tagħmlilna ġieħ kif jixraq lir-raħal tagħna.

Fl-aħħar nett irrid nirringrazzja mill-qalb lill-President ta' din l-għaqda mużikali, is-Sur Josef Borg, u l-kumitat kollu talli, għal sena oħra, reġgħu stednuni sabiex naqsam il-ħsibijiet tiegħi għall-festa ta' din is-sena. Nirringrazzjahom tar-rispett u l-għajnuna li dejjem tawni kemm ilni sagristan. Jalla fil-futur nibqgħu naħdmu u nirrispettaw lil xulxin ħalli bil-ħidma tagħna nkomplu nagħmlu festa sabiħa kif ukoll inkomplu naħdmu flimkien għal raħal twelidna, il-Mellieħa.

Viva Marija Bambina!

*Żuru l-'website' tagħna*
**www.imperialbandclub.com**
**Ikkuntattjana fuq *e-mail*:**
**info@imperialbandclub.com**



Tower Ladder Services
Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678

# Art in Beauty

MED-AESTHETIC CLINIC





- Botox & Dermal Fillers
- Laser Hair Removal
- Advanced Aesthetic Facials
- Semi Permanent Make Up
- Nail Bar, Lash Bar & Pedi Spa
- Solarium Tanning
- Vein Treatments & Tattoo Removal
- Body Shaping Treatments
- Laser Resurfacing Peels
- HIFU - Facelifts
- Stretch Marks & Pigmentation
- Acne & Rejuvination
- Massage
- Cosmetics & much more...

132 Triq il-Kbira, Mellieħa
+356 21 522 123
+356 99 843 941
info@artinbeauty.com
www.artinbeauty.com
Art in Beauty




HERBIES

JEWELLERY LTD.

44, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha Tel: 21525906 www.herbiesmalta.com


ALLNEEDS THE D.I.Y. STORE
ALLNEEDS
IRONMONGERY
19, St.Anne Street,Mellieħa
Tel: 21521167
www.allneeds.com.mt


THE CATERER
Ernest Vella,
Triq in-Nahal, Mellieha
+356 2152 3023
+356 9923 8591
Fresh Bread, Frozen Food, Cakes,
Pastries, Sweets & More!
We also cater for Weddings,
Parties, Events & Outside Catering
Visit our shop for our full range of
products!
www.thecaterer.com.mt
info@thecaterer.com.mt
Find us on
Facebook



# Apprezzament: Lawrence Farrugia (1938 – 2022)

**L-Avukat Noel Camilleri**
*Il-President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda*



Meta persuna tkun qattgħet parti kbira minn ħajjitha fil-volontarjat, allura mingħajr eżitazzjoni wieħed jista' jiddeskrivi lil Lorry Farrugia bħala persuna tal-komunità li ħabb mhux biss il-Birgu, belt twelidu, imma anke aspetti oħra tal-ħajja komunitarja.

Madanakollu, Lorry Farrugia jibqa' wkoll imfakkar bħala l-President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, liema kariga okkupa għal xejn anqas minn 25 sena li fihom kompla fejn ħallew ta' qablu biex jara li l-baned tradizzjonali tagħna, li m'hemmx dubju huma wirt u patrimonju tagħna, jibqgħu relevanti għas-soċjetà inġenerali.

Lorry kien bniedem serju, dixxiplinat u ta' prinċipju li qatt ma beża' jesprimi l-opinjonijiet tiegħu fil-qasam bandistiku. Lorry kellu għan wieħed: dak li terġa' tiddaħħal aktar serjetà kif tiġi ċċelebrata l-festa Maltija għax dejjem għaraf li l-eċċessi ma jagħmlu ġid u ġieh lil ħadd, aktar u aktar lil dawk li jwettquhom.

Minkejja li ma baqax jokkupa l-kariga ta' president, Lorry kien dejjem lest li jagħti l-pariri tiegħu b'onestà, b'raġunament oġġettiv u trasparenti. Ħaddieħor forsi, wara li jtemm l-inkarigu tiegħu importanti li kellu, jitlef l-interess f'dik l-għaqda. Mhux Lorry, għax baqa' jattendi l-laqgħat tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, u mhux biss jattendi imma aktar importanti kien jikkontribwixxi b'mod pożittiv għax hekk kien il-karattru tiegħu. Għandna ngħożżu u nżommu ħaj l-eżempju ta' Lorry jekk verament irridu li din l-għaqda u fuq kollox il-każini tagħna u l-festa Maltija jibqgħu relevanti fis-soċjetà Maltija.

Mat-telfa ta' Lorry Farrugia, l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda mhux biss tilfet persuna li serva bħala president għal 25 sena, imma aktar minn hekk tilfet persuna li verament ħabb lil din l-għaqda, ħabb il-festa Maltija, ħabb dak kollu sabiħ marbut mal-fraternità bandistika Maltija, imma fuq kollox ħabb lis-soċjetà Maltija kemm fuq livell ta' komunità, imma anke fuq livell nazzjonali.

George's Bakery
22, Main Street, Mellieħa
Tel: 21 520685
Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd



# Messaġġ mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana

**Clifford Galea Vella Maslennikov**
*Il-President tar-Reġjun Tramuntana*



Għeżież ħbieb, huwa ta' pjaċir kbir nikteb dan l-awgurju għall-festa tal-Mellieħa, il-Vitorja. Din il-festa, tant maħbuba fir-raħal tal-Mellieħa, għandha sinifikat ikbar għalija għaliex hija wkoll il-festa ta' belti – in-Naxxar. Naqsmu flimkien din l-imħabba u devozzjoni għal Ommna l-Bambina; festa li tagħmilna kburin li aħna Maltin. Hija wkoll festa b'sinifikat tant importanti għal pajjiżna għaliex taħbat il-ġurnata meta missirijietna raw lill-għadu jitlaq 'l hemm minn xtutna wara xhur ta' dmija mxerrda għal art twelidna u għal dak kollu li nemmnu fih.

F'din is-sena, qed naraw kull aspett tal-ħajja jieħu r-ruħ wara sentejn ta' pandemija li għamlet ħafna ħsara f'kull aspett ta' ħajjitna, speċjalment fejn tidħol kultura, mużika, u saħħa mentali. Il-festi tagħna, b'dak kollu li jiġi magħhom, il-briju, il-baned, in-nar, l-imħabba għal pajjiżna, reġgħu kollha bdew iseħħu.

Il-festa hija probabli dik l-attività li l-iktar tgħaqqad il-lokalitajiet tagħna, nistennewha minn sena għal sena, u naħdmu bi ħġarna sabiex intellgħuha. Hija okkażjoni fejn nonoraw bil-kbir il-patrun tagħna, imma hija ukoll avveniment fejn nersqu iktar lejn xulxin, fejn negħlbu d-diverġenzi u nsaħħu l-ħbiberiji.

Bħala l-President tar-Reġjun Tramuntana, ħassejt il-ħtieġa li nieħdu fond finanzjarju t'għajnuna għall-kunsilli membri tagħna sabiex ikunu jistgħu jgħinu aħjar l-organizzazzjonijiet volontarji tal-lokal, speċjalment dawk kulturali.

Din is-sena, bħala Reġjun Tramuntana, ser inwettqu l-ħidma tagħna mal-kunsilli u l-komunità reġjonali b'diversi proġetti. Ser inkunu qed nerġgħu ngħinu lill-kunsilli jsaħħu s-sigurtà tal-komunità, billi nipprovdu apparat ta' sorveljanza. Irridu naraw komunità aktar b'saħħitha u magħquda, u nħossu li l-arti u l-kultura huma għodda li jistgħu jwassluna għal dan it-tir. Bdejna l-ħidma biex jittella' l-Festival Reġjun Tramuntana Baned u Nar, li ser ikun qed isir f'Mejju tas-sena d-dieħla. Din ser tkun it-tieni sena li dan il-festival qed jittella'. Ħsibna li nieħdu dan il-festival f'kull lokalità tagħna, id-disgħa li huma, fuq perjodu ta' tliet snin. Nixtieqthose ntellgħu festa ta' kuluri, mużika u spettaklu. Nixtieqqu naraw il-baned u l-għaqdiet tan-nar li jinsabu fil-lokalitajiet tagħna jaħdmu flimkien sabiex intellgħu spettaklu uniku, wieħed li jgħaqqadna u jferraħ lil kulħadd.

REĠJUN TRAMUNTANA

Nhedejna fond t'għajnuna sabiex il-kunsilli jkollhom il-fondi biex jgħinu l-annimali li nsibu madwarna. Qed nipprovdu fond biex dawk il-persuni li jieħdu ħsieb il-qtates u l-klieb li jinsabu fit-toroq tagħna, ikollhom għajnuna sabiex jipprovdu font tal-ilma, xelters, kif ukoll għajnuna veterinarja.

Flimkien mal-kunsilli, ser inkunu qed intellgħu kors f'kull lokalità fuq kif wieħed ikabbar il-pjanti, kif jieħu ħsiebhom u jindukrahom. Kull wieħed u waħda minna jista' jikkontribwixxi biex iħaddar l-ambjent, u nemmnu li kontribut żgħir tagħna lkoll huwa dak li jagħmel id-differenza. Nemmnu fl-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-persuna, u propju għalhekk ser inkunu qed intellgħu numru ta' korsijiet għall-ħaddiema tal-kunsilli u l-kunsilliera. Ser inkunu qed intellgħu korsijiet fl-ewwel għajnuna, it-tifi tan-nar u customer care.

Dawn huma ftit mill-inizzjattivi li għaddejjin bħalissa. Flimkien mal-kunsilli, aħna qegħdin hawn għall-komunità tagħna, biex insaħħuha u ngħaqqduha. Irridu komunità magħquda flimkien, bid-diversitajiet kollha tagħna.

Nagħlaq billi nifirħilkom u nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

# Sala Imperial

*** mgħammra b'arja kundizzjonata ***

Ideali għal kull tip ta' **riċeviment**, bħal tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u tal-Anniversarji





Tintrama ukoll għal **konferenzi**, ***workshops*** u ***seminars***

*Jekk qed tipprepara għal xi* ***attività soċjali****,*
*kellimna u toħroġ sodisfatt żgur!*

*Għal aktar informazzjoni, avviċinaw lill-membri tal-Kumitat*

Tel.: 21 520 536
e-mail: info@imperialbandclub.com
facebook: fb.me/imperialAD1930

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**



# It-Traġedja tal-Latnija

**Joseph F. Cachia**

Tassew kont inħobb nimxiha,
mill-Mellieħa sa Selmun.
Ma kinitx tqila għalija,
mit-toroq tal-karettun.

Lejn Tal-Ibraġ, kont intiha
għax hemmhekk, beraħ miftuħ,
m'hemmx storbju, m'hemmx geġwiġija,
jistrieħu l-qalb u r-ruħ.

Malli noqrob lej' l-Latnija,
kont inberraq ftit l-għajnejn.
Hemm ġrat storja, illum minsija,
dwarha se nikteb kelmtejn.

Naqra tfajjel, mill-Mellieħa,
ismu, jien, ilni li nsejt.
Qatt ma smajt l-istorja sħiħa,
id-dettalji qatt ma mlejt.

Kellu n-nagħaġ u l-mogħoż jirgħahom
fuq ix-Xagħra ta' Ekek,
il-jum kollu għassa magħhom
le, jiċċaqlaq minn hemmhekk.

Kien is-soltu tiegħu, jisqihom.
Fil-Latnija kien hemm bir.
Lejn il-ħorża, huwa mexxihom
f'idu l-ħabel u l-barmil.





Il-mogħoż u n-nagħaġ minnu semgħu,
bdew joqorbu fejn ried hu.
Merħla folta, imbagħad inġemgħu
jistennew ilkoll fil-kju.

L-ilma, it-tifel beda jtella',
fil-misqja jferrgħu,
imma l-muntun, dlonk irvilla,
ried juri, is-saħħa tiegħu.

It-tifel, qatt ma ta kasu,
dendel il-barmil ġol-bir,
mingħajr biss ma għolla rasu,
ħalli x-xogħol jibqa' jsir.

Il-muntun ħa r-rankatura
lit-tifel laqat bil-kbir,
imbagħad huwa reġa' lura,
it-tifel spiċċa fil-bir.

Bl-ilma l-bir ma kienx imfawwar.
Krib it-tifel ma nstemax.
Ħadd ma ġie sabiex jittawwal.
B'hekk it-tifel ma telax.

Hemmhekk baqa' jingħi, jokrob,
sakemm tiegħu ħarġet ir-ruħ.
Hekk kif il-lejl beda joqrob,
lit-tifel, mejjet sabuh.

Il-Mellieħa kollha bkietu.
Ma tafx meta jiġi l-gwaj!
Kieku l-muntun qagħad bi kwietu,
kieku t-tifel għadu ħaj.

Niftakar kien hemm irħama
illi tfakkar dan il-fatt.
Imma llum, ninsab fil-għama,
għax inġabret minn xi ħadd.

Dik l-irħama kellha fuqha
l-isem tat-tifel min kien.
Imma kemm ilha misruqa,
anke d-data, insejt jien.

Dak hu, kulma jien niftakar,
illi smajt minn bosta nies.
Ktibtha mhux sabiex niftaħar,
imma biex ma tintesiex.

Dan il-fatt, jien ukoll ktibtu,
huwa biex jekk hawn xi flien,
jiftakru, jew jiġi minnu,
jgħidilna, it-tifel min kien.



Fl-aħħar nett, nixtieq nitlobkom
illi lkoll tiftakru fih.
U li meta tlissnu talbkom,
titolbu 'l Mulej għalih!

Buġibba,
11/1/2021




Manuel Bezzina Co Ltd
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
HERMOSA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi impurtata f'Ottubru
SANTE
Bikrija
DRUID
Ħamra
BUFFALO
Bajda
SLANEY
Bajda
ALPHA
Safra
CARA
Ta' Għajna Ħamra
Aktar tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd, 'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur
Tel: (Res) 2141 0204, (Ta' Qali) 2141 8192 • Mob: 9949 7346
Fax: 2141 2587 • Email: info@manuelbezzinacoltd.com


IMPERIAL BAR
We give appetizers with drinks
For good Maltese food and genuine drinks the
Imperial Bar is the place to be ...
Specialising in Malt, Whiskey & Gin
Pjazza tal-Parroċċa, Mellieħa
Tel: 79296738 (Alfred Xuereb)


P&C Cauchi
CRANE HIRE
UP TO 59m REACH
7925 9208
www.pccauchi.com


P&C Cauchi
DemolitionExcavation
info@pccauchi.com .E
www.pccauchi.com .W
9989 9839 / 7925 9208 .M



# Ir-Razzett tax-Xjaten

**Joseph F. Cachia**

Inti u nieżel, mill-Mellieħa,
hemm triq tieħdok lejn ix-Xquq.
Tara dehra sew sabiħa,
f'nofsha hemm razzett mitluq.

Razzett ta' fama, xejn sbejħa.
Jgħidu li bnieh ix-xitan.
F'xi lejla kiesħa, imrejħa,
ma nafx kif tella' l-ħitan.

Il-Punent hemm jonfoħ sewwa,
Tramuntana jġib il-ksieħ.
Imma, kenni sew fuq ġewwa,
'k tistkenn fih, tgħid, "Għall-erwieħ!"

Ġanni Grima, raġel xwejjaħ,
kellu r-raba' f'tarf il-wied.
Hu ma kienx iħobb jitrejjaħ,
ma jiflaħx l-ajru jiswied.

Mil-Lbiċ ra sħab oħxon, tiela'.
Lewnu, kien bħal dak taċ-ċomb.
Mill-ewwel, għat-telgħa, irħielha.
Ma baqax jonqox il-kromb.

Għalhekk ġibed lej' il-mogħdija.
Din ħaditu fej' ir-razzett.
Ix-xita żdiedet, qawwija,
daħal jistkenn ġewwa nett.

Mari Vella, Melliħija,
kellha r-raba', hemm ukoll.
Fost l-għelieqi, imrobbija
qatt ma beżgħet minn dax-xogħol.

Malli ratu jibda jberraq,
pront ġabret iċ-ċirniena,
mat-telgħa, qabdet itterraq,
bil-bard, iċċekċek snienha.

Xita u r-ragħad żdiedu sewwa.
Ir-razzett kien tant fil-qrib.
Xtaqet kieku tidħol ġewwa,
imma beżgħet illi ssib

dawk tas-setta jistennewha,
tagħti qima lix-xitan.
"Tersaqx 'l hemm", kienu wissewha
"Ara, ma tmissx mal-ħitan!"

Għalhekk hija lissnet talba,
malli waslet fejn il-bieb.
Ħasset it-tektik ġo qalbha
moħħha mimli bl-ikrah ħsieb.

Raddet salib, ftit għajjiena,
il-kliem tagħha kienu dawn,
"Jekk ġewwa hawn, xi spirti ħżiena,
itilqu 'l barra minn hawn."



Dak il-ħin faqqgħet sajjetta.
Minn ġod-dlam semgħet dal-kliem,
“Mar, ħallik minn tas-setta.
Hawn wisa’ għal tnejn flimkien!”

Kien Ġanni li l-kliem tagħha
dejquh sew. Ma tawhx gost.
Hu ma riedx jiffitta magħha,
lanqas ried jitlaq mill-post.

Imma hija bilġri telqet,
sa ma għebu l-ħitan.
Mal-Mellieħa kollha qerret,
li kellimha, ix-xitan!

*Nota tal-awtur: Poeżija umoristika. L-ismijiet tal-bdiewa vvintajthom jien. Huma ħolqien tiegħi u kull koinċidenza hi każwali.*

Tal-Għansar,
16/12/2021








Ta’ Peter

Bar, Restaurant & Games Room

Specialising in Maltese Cuisine & Fresh Fish Dishes.

Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537




## DISCOVER OUR SERVICES

- Weddings
- Conferences
- Birthdays
- Graduations
- Baptism
- Holy Communion
- Confirmation

Get in touch with us today to discuss your event and get a tailor-made quotation based on your unique requirements.









For more information please call us on 2289 5000 or send us an email to events@paradise-bay.com


LOCAL & OVERSEAS
funeral arrangements
Offering
UNDERSTANDING & INTEGRITY
PRE-ARRANGEMENT
services available
WE DON'T
just arrange funerals,
WE HELP
create meaningful days
John Bray
& Family
FUNERAL SERVICES
John Bray - Funeral Director
PROFESSIONAL
GUIDANCE
through difficult times
24/7 Service
Local & Overseas funeral directors
Moderate Prices
John Bray
& Family
Funeral Services
Est. 1981
Garage/Office Funeral Services, Lampuki Street, St Paul's Bay
Office Funeral Services, Triq Salvinu Vella Mellieha
Residence 117, Our Lady of Fatima, Parades Street, St Paul's Bay
Tel: 21585716 | 21573588 | 21571260 | 21522400 (Mellieħa office)
Mob: 99493479 | 79493479
Email: johnbrayandson@yahoo.com
www.johnbrayandsonmalta.com



# Awguri lil Patri Alfred Debono

Nhar il-Ġimgħa 5 t'Awwissu 2022, Patri Alfred Debono ODC qaddes quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fil-Knisja Arċipretali ta' Marija Bambina, il-Mellieħa, f'għeluq il-50 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Wara sar riċeviment fis-Seabank Hotel and Spa.

L-Għaqda Mużikali Imperial tirringrazzja lil Patri Debono għax-xogħol li wettaq tul dawn il-50 sena ta' saċerdozzju u tawguralu aktar snin ta' ħidma fejjieda b'riżq il-komunità kollha.

Ad Multus Annos!

(Ħajr għar-ritratti lis-Sur Guido Debono))









# Wheelchair Dancing

**Pippa Roberts**



After the long rest due to the COVID-19 pandemic, it is exciting to see that Steven Fenech and his Latin American partner Sarah Farrugia are back in the swing of dance. Steven has also been working hard with Andrea Naumann Clement, from Germany, so that he can also participate in Ballroom competitions. Steve's first two competitions were in Germany and proved that Steve is back with a bang. The couple were quoted as saying "It is wonderful to be back again on the dance floor".

COVID-19 hit the dancing world very hard and especially for dancers who danced together. Once lockdowns and restrictions were lifted Steve was back in training with two partners and loving every minute. He is now working towards competitions in Belgium along with shows locally in Malta. The Malta Open Dance Spectacular will celebrate its 20th anniversary on November 26th and 27th. This year it will be held at the Basketball Training Stadium in Ta' Qali. All are welcome to come and support Steve, Sarah and Andrea. This year competitors have already registered from the USA, Netherlands, UK, Germany, Belgium, Slovenia, Slovakia, Poland, Ukraine, and Italy, as well as interest is being shown from Ireland, France, and Australia. Able bodied dancers as well as wheelchair dancers are expected to compete in this fantastic competition, making it a truly integrated competition.

Just remember Steve says, "Anyone can dance!"

Should anybody wish to donate or advertise during the Malta Open Dance spectacular please contact the Secretary, Steve Fenech at maltawda@yahoo.co.uk or visit the facebook page.



For more information you can contact
the Secretary Steve Fenech at:
**maltawda@yahoo.co.uk**
or on the facebook page
**https://www.facebook.com/maltawda**


MOSTA BACON
since 1970
Your Number One Choice!
115 Hope Street, Mosta
Tel: 21 414637, 21432102
www.mostabacon.com

FOR THE LOVE OF GENUINE FOOD
Reflections
DISCOVER THE PLACE EVERYONE IS TALKING ABOUT!
2152 3756
WWW.REFLECTIONSMALTA.COM
91 MISRAĦ TAS-SALIB MELLIEĦA,
NORTHERN REGION, MALTA

# the Beach at Paradise Bay

thebeachmalta.com



Mediterranean Dishes / Sunbeds / Kayaks / Live Paella Cooking

Paradise Bay Lido PO Box 18 Mellieħa, Northern Region, Malta |
+356 2157 5491 | FB: @thebeachatparadisebay



# Prattika bl-artillerija fiż-żona ta' partijiet mill-Mellieħa, Kemmuna u Kemmunett fl-1927

**Charles Debono**
*Il-Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra*

### Introduzzjoni

Kienet ħaġa komuni li jsir taħriġ jew prattika bl-artillerija jew b'ajruplani militari fuq il-gżira ta' Filfla. Min jaf kemm qalgħet bombi dil-povra gżira. Li mhux tas-soltu hija r-rikjesta li saret biex issir prattika bl-artillerija f'żona bejn partijiet mill-Mellieħa u Kemmuna. Flimkien se naraw x'kienet il-kundizzjoni biex issir prattika simili.




*Mappa li turi ż-żona fejn kienet se ssir il-prattika bl-isparar tal-artillerija f'April 1927. Innutaw li partijiet sostanzjali mill-Mellieħa kienu se jkunu żona magħluqa waqt il-prattika. (Sors: Arkivji Nazzjonali ta' Malta).*

### Regolamenti ghal waqt il-prattika bl-artillerija

F'eżerċizzju tal-poteri vestiti fih, il-Kap tal-Ministeru, Ugo P. Mifsud, ħareg numru ta' regolamenti, li ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Marzu 1927. Dan wara li l-Awtoritajiet Militari kellhom l-intenzjoni li jitħarrġu fil-prattika tal-artillerija, b'munizzjon ta' veru, bejn l-1 u l-11 t'April 1927. Ir-regolamenti kellhom jiġu osservati minn kulħadd, kemm qabel, waqt u wara li tispiċċa l-prattika tal-isparar. Dawn li ġejjin huma l-iktar noti important ta' dawn l-istess regolamenti:

- Fil-ġranet tal-prattika, mill-porzjon tal-Punent tal-Irdum tal-Marfa jew mill-viċinanzi tal-Kamp tal-Mellieħa (jew tal-Għadira) sal-gżira ta' Kemmuna, l-ebda persuna ma titħalla tindaħal għall-ebda raġuni, fiż-żona ta' periklu jew jostakola bi kwalunkwe atteġġjament, l-użu tiegħu mill-Awtoritajiet Militari. Iż-żona msemmija tinkludi l-gżira ta' Kemmuna u l-baħar sa mil mit-Tramuntana, Lvant u Nofsinhar tal-gżira, kif ukoll l-Irdum tal-Marfa u l-viċinanzi tal-Kamp tal-Mellieħa, li qiegħed fil-Lvant tal-linja miċ-Ċirkewwa saċ-Ċumnija u l-Punent tal-linja, mit-Torri l-Abjad sal-Imgħarrqa u t-Tramuntana tal-linja mill-binjiet tal-Kamp tal-Mellieħa saċ-Ċumnija. Għal dan il-għan se jittellgħu bnadar



*It-Torri ta' Kemmuna. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*



*Il-Batterija ta' Wied Musa jew kif kien magħruf f'dawk iż-żminijiet bħala l-Palazz tal-Marfa. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*



*It-Torri tal-Aħrax jew kif inhu magħruf bħala t-Torri l-Abjad. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*

ħomor bi fjammi blu li se jperpru mill-arblu tat-Torri l-Aħmar mis-7.00am, f'kull għodwa tal-ġranet tal-prattika minn din iż-żona, u bnadar ħomor u blu se jperpru wkoll mit-Torri ta' Kemmuna, ir-Ridott tar-Ramla ta' Wied Musa, il-Lvant tal-Palazz tal-Marfa (il-Batterija ta' Wied Musa) u t-Torri l-Abjad.

- Fil-ġranet tal-prattika, mill-Kamp ta' Għajn Tuffieħa sal-Ġzira ta' Kemmuna, iż-żona ta' periklu se tinkludi ż-żona msemmija qabel, kif ukoll fin-Nofsinhar tagħha, li hi fit-Tramuntana tan-*Naval Firing Range* u l-Lvant ta' linja miċ-Ċumnija sa Ras il-Waħx u l-Punent ta' linja tgħaddi mit-triq mill-Għolja tal-Mellieħa sa *Ciantar's Wine Factory* u minn hemm sal-Mogħxa (La *Ciantar's Wine Factory* u lanqas il-Mogħxa mhuma fiż-żona ta' periklu).
- Bil-għan li jiġi indikat li se tibda l-prattika fiż-żona msemmija, se jittellgħu jperpru bnadar ħomor bi fjammi blu, mal-arbli tat-Torri ta' Kemmuna, it-Torri l-Aħmar, ir-Ridott tar-Ramla ta' Wied Musa u t-Torri l-Abjad; li



*Dehra mill-faċċata tal-Batterija ta' Wied Musa jew kif kien magħruf f'dawk iż-żminijiet bħala l-Palazz tal-Marfa. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*



*Dehra tal-faċċata u l-ħajt tax-xellug tat-Torri l-Aħmar. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*



*Dak li hu magħruf bħala t-Torri ta' Ciantar. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*



*Dehra ġenerali tan-*Naval Firing Range *biswit il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*

dawn il-bnadar jiġu sostitwiti b'bandiera ħamra matul il-prattika attwali.

- Meta titlesta l-prattika għal dik il-gurnata, il-bnadar kollha jitneħħew u l-ebda bandiera ma tittella' fuq it-Torri ta' Kemmuna, it-Torri l-Aħmar jew xi mkien ieħor meta ma tkunx se ssir prattika.

F'dokument iffirmat mill-Kurunell Wheelocks lill-istaff tal-Commanding Troops Malta, datata 4 t'April 1927, dan ikompli jżid ma' dak li qalu r-regolamenti hawn fuq hekk:

1. Bl-Ordinanza Nru. XV tal-1901, il-Gvern ta' Malta ta permess lid-Dipartiment tal-Gwerra l-użu temporanju tal-Gżejjer ta' Kemmuna u Kemmunett, u l-baħar sa mil fil-Grigal u n-Nofsinhar tal-gżejjer, kif ukoll parti mill-gżira ta' Malta, murija bl-aħmar fuq mappa tat-Tramuntana ta' Malta u Kemmuna, kif ukoll imdawra fil-Lvant bil-linja mpinġija mit-Torri l-Abjad sa Tal-Imgħarrqa, imtawla sa punt ta' interċezzjoni bit-Triq Għajn Tuffieħa, il-Mellieħa, u għalhekk issegwi din it-triq sa *Ciantar's Wine Factory* u l-Mogħxa, però bl-esklużjoni ta' dawn iż-żewġ postijiet. Il-bordura tan-Nofsinhar hija linja li tibda mill-Mogħxa sa tul l-Irdum tal-Mejjiesa, sa Ras il-Waħx u l-bordura tal-Punent huwa ffurmat b'linja minn ponta fiċ-Ċirkewwa 400 jarda fil-Lvant tal-Ponta tal-Marfa sa Ras il-Waħx.
2. Iż-żona ta' din l-art, l-użu temporanju mogħti, huwa muri bir-roża, tal-borduri msemmija iktar qabel fuq il-pjanta msemmija u din l-għotja ma tapplikax għal propjetà tad-Dipartiment tal-Gwerra li tinsab fiż-żona msemmija.
3. Il-Gvern ta' Malta jagħti temporanjament l-użu, bil-għan li d-Dipartiment tal-Gwerra b'intenzjoni li jagħmel taħriġ bl-artillerija, bl-użu ta' balal ta' veru, fuq iż-żona msemmija.
4. L-użu temporanju huwa mogħti għal perjodu, mill-1 t'April sal-11 t'April 1927 u għalhekk jekk ikun neċessarju, f'dawk l-inħawi, il-Gvern hu liberu li jiddisponi mid-drittijiet tal-propjetà jew l-interess tiegħu fuq l-artijiet, bini, toroq, eċċ. bla xkiel minn impenji preċedenti li daħal għalihom, qiegħed jiġi mifhum li d-Dipartiment tal-Gwerra f'Malta jista' jagħmel arranġamenti oħra li jkuni neċessarji, għall-għanijiet indikati fi klawsoli 1 u 2 mal-partijiet l-oħra kollha, li għandhom interessi f'dawn l-artijiet jew propjetà f'dawn l-inħawi msemmija.
5. Hu espressament maqbul ukoll li l-ebda dritt ta' propjetà ma tista' tiġi trasferita jew imwassla lid-Dipartiment tal-Gwerra, u lanqas xi servitù permanenti tal-ebda tip kostitwita favur l-Awtoritajiet Militari, jew xi persuna oħra għad-detriment tal-ebda persuna privata, jew xi porzjon ta' propjetà privata li tinsab fiż-żona msemmija.



*Dehra oħra tan-*Naval Firing Range. *(Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*

6. L-Awtoritajiet Militari għandhom ikunu responsabbli lejn il-Gvern Ċivili għal kull danni li jsiru lil propjetà ċivili fl-inħawi msemmija, apparti mir-responsabiltà li għandhom lejn xi persuna individwali, lil hinn mill-Gvern Ċivili, għal xi ħsara li saret minn, matul jew b'konnessjoni ma' dak imsemmija prattika bl-artillerija.

Id-Dipartiment tal-Gwerra għandu jħallas lill-Gvern Ċivili ta' Malta s-somma ta' lira (£1) bħala miżata rikonoxxenti għall-użu tal-propjetà msemmija, u għandu jagħti lill-Gvern imsemmi, notifika tad-dati meta t-taħriġ bl-artillerija jkun se jsir.

#### Konklużjoni

Il-ġurnali ta' dak iż-żmien ma jsemmu xejn dwar din il-prattika bl-artillerija. Lanqas l-istess fajl minn fejn hu meħud id-dokument m'hemm imniżżel jekk saritx jew kif mar l-eżerċizzju. Però li hu ċert, li r-*Royal Navy* reġgħet għamlet rikjesta oħra sentejn wara, jiġifieri fl-1929 u li din ġiet miċħuda immedjatament u ngħatat ir-raġuni għaliex ma kellhiex issir.








# The Fusion of Tradition and Innovation in Carmel Muscat's Funeral Marches

**Mro Anthony Borg**

**Rationale**

The rationale behind this article is to increase appreciation towards the Maltese musical heritage and to uncover some of its neglected music. Firstly, this research aims to highlight the music of Carmel Muscat, in particular his funeral marches. A second aspect of this research is to analyse what motivated Muscat to compose this style of music so extensively.

***Biography***

Carmel Muscat (1928-2012), more commonly known to the locals as 'Il-Kaptin', was born on the 28th March 1928 in Mellieħa to a typical local family. From a young age, he was keen to learn music and by the age of ten he had started playing both the mandolin and the guitar. At the age of fourteen, Muscat commenced studying the violin. Muscat lived a remarkably simple life, earning his living solely from music.

After the Second World War, he started giving music lessons to students, mainly from Mellieħa and nearby villages. In the early fifties, il-Kaptin formed his own orchestra which played at parties, weddings, and dances for the British servicemen. At the same time, he was the Musical Director of 'The Mġarr Dramatic Company' which was one of the leading dramatic companies on the island at the time. Later, he spent over a decade playing violin and guitar in one of the top local restaurants.

Carmel Muscat was a founder member of the 'Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina' of Mellieħa, which was established in 1947. Within this society, he held the post of Orchestra Leader for several years. Throughout the eighties, he held the post of Musical Director within the same Society. Muscat served also as the Leader of the 'Malta Cultural Institute' led by Mro Carmelo Pace. He was invited to join the 'Toronto Symphony Orchestra' as a violinist, but he turned down the offer for personal reasons.

As well as playing instruments, Carmel Muscat started composing music at a young age. He composed different types of music such as marches, overtures, dances, polkas, waltzes, folk music, concertos, musica da camera, and sacred music. His works were performed locally, mainly by the local orchestral society and by the two Mellieħa wind bands, and overseas including Austria, UK, Germany, Australia, and Canada. Muscat met world famous violinist Yehudi Menuhin during the latter's visit to Malta. Menuhin went on to play a composition by Muscat at a competition in the UK.

Author and environmentalist Paul P. Borg published an interview with Muscat in his book, *Quest for Identity – the Mellieħa Experience*. After interviewing Muscat, Borg described him as follows:

*'Il-Kaptin has the rare ability of understanding more than one asks, he absorbs more than one tells him, he gulps attentively even the unspoken, frequently hidden peripherals of the question.'*

Il-Kaptin was a popular figure amongst the Melleħin. Paul P. Borg in the same book also wrote this:

*'I was to understand why so many people in the village speak highly of him and consider his views as some kind of reference'.*

In January 2000, The Mellieħa Local Council awarded Carmel Muscat with 'Ġieħ il-Mellieħa', the community's recognition for his contribution in the field of music.

I first met Carmel Muscat in 1980 when I joined the Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina as a trumpet player. At that time, he was the Musical Director. We immediately developed a mutual respect towards each other and we frequently had long conversations about music. Over the years, Muscat gave me several copies of his original works such as festive marches, preludes, waltzes, and the funeral marches on which we are focusing in this project. To mark our long friendship, Carmel Muscat



**Carmel Muscat (right) with guitarist Joe S. Grech (Source: taken from the inside cover of CD,** The Captain Album, **produced and recorded by Joe S. Grech, 2006)**

presented me with his work, '*Missa in D No. 5 Op. 111*' written for two voices and harmonium.

## Carmel Muscat's Funeral Marches – A General Overview

Between 1954 and 1993, Carmel Muscat composed sixteen funeral marches. However, they were not composed evenly over these years. The first two funeral marches were composed in the fifties (1954 and 1957) and the third one in the mid-sixties (1965). Then, twenty three years later, in 1988, Muscat composed another six funeral marches within the same year, followed by another one the following year. Then, between December 1992 and December 1993, the composer wrote another set of six funeral marches. It is interesting to note that most of Muscat's funeral marches were composed at the time when he was in his sixties.

For the purpose of this research, I am taking into consideration only the funeral marches which Muscat composed for wind band. In this respect I am not including his first two funeral marches - *March Funebre No. 1 in A (1954)* and *March Funebre No. 2 in B minor (1957)* because they were scored for orchestra.

Most of Muscat's funeral marches are written in the traditional form of the military march although there are some exceptions. They consist of an introduction, first subject, second subject and trio (ABC), for example, *March Funebre No. 4 'Niket'* (1988) and *Funeral March No. 11 'Into the Unknown'* (Dec. 1992). In five others the second subject (B) is followed by the first subject (ABAC), for example, *March Funebre No. 3 'Mourning Day'* (1965) and *March Funebre No. 9* (1988). It is interesting to note that his first eight marches, except *Funeral March No.5* (1988), all finish with a coda. Of the remaining marches, all finish immediately after the trio with the exception of *Funeral March No.13 'Ċensa'* (1993). Surprisingly this march ends with a recapitulation of the second subject (ABCB).



**The first five-bars of the second subject of Funeral March No. 13 'Ċensa'**

As in many of his other works, the melodies in Muscat's marches are simple, lyrical, and ear catching. Most of his melodies consist of four-bar phrases. However, there are some exceptions. Two typical examples are *Funeral March No. 4 'Niket'* in which the melody consists of three four-bar phrases, where the second phrase is being repeated. In *Funeral March No. 13 'Ċensa'* (1993), the second subject theme is made up of two almost identical five bar (3+2) phrases.

Many of these melodies are conjunct, generally moving up and down by step, using accented and unaccented passing note. The melody is nearly always doubled, mainly in thirds and/or in sixths, and the overall melodic range is an octave and a half.





**The last two phrases of the first subject of March Funebre No. 8**

A distinctive common feature in many of Muscat's funeral marches is the quaver arpeggio accompaniment, or *Alberti Bass,* in the Euphonium part. In many instances, the arpeggio pattern falls into two-bar phrases with a quaver rest on the first quaver of the first beat and on the first quaver of the third beat in the first bar and only of the first quaver of the second bar, the bass filling up the quaver rests, which together sound as one continuous pattern. Muscat writes counter-melodies in the same way he writes melodies. They are simple, diatonic, largely moving into intervals of 2nds and 3rds. The first subject of *March Funebre No. 8* is an example of Muscat's counter-melody.

As expected, all Muscat's funeral marches are in the minor key. Although the composer has an orchestral background, these marches are written in tonalities suitable for wind band. It transpires that Muscat's favourite key for this genre of music is B flat minor. Half of them are written in this key, followed by A flat minor and C minor respectively. Harmonically, Muscat keeps to the standard harmonic progression using mainly the tonic, sub-dominant and dominant (primary) chords and, less frequently, the supertonic and sub-mediant (secondary) chords and only on rare occasions a different chord.

The scores of the funeral marches are written out on a condensed six line transposed score. It is very economical, showing only Bb clarinets, Bb trumpets, Eb horns, euphonium, tuba, and percussion (consisting of side drum, cymbals, and bass drum parts). The clarinets and trumpets represent mainly the melody and its doubling, the Eb horns represent harmony and rhythm, and in most instances the euphonium plays the counter melody. The tuba represents the bass part and the percussion instruments underpin the rhythm. It is interesting to note that Muscat keeps writing for Eb Horns even after the Eb Horns were replaced by the F Horn in Maltese wind bands.




Going through the scores, one can see that, generally, Muscat was better acquainted with instruments which also formed part of the orchestra. In some instances, scores show that he was less familiar with, for example, the euphonium. There are quite a few instances where the euphonium part is written in a very low register and some notes can be attained only if the instrument has the fourth valve, for example the introduction of *Funeral March No. 11 'Into the Unknown'*, especially bars 4 and 5 and also bars 8 and 9. A reason for this could be that Muscat had an orchestral background and he treated the euphonium in the wind band the same as the cello in the orchestra. Another example is the introduction of *March Funebre No. 9,* in which the composer wants to add trombones parts in the opening bars. Although ideal for bass trombone, it does not produce the desired effect on tenor trombones due to awkward slide positions in the low registers.




***Bars 6 to 10 of*** **Funeral March No. 11 'Into the Unknown'**




***The introduction of*** **Funeral March Funebre No. 9**

Having such a basic score can lead to different variations in texture if the same work is arranged by different arrangers for concert band. I have no knowledge whether any of these marches were ever

arranged for wind band or whether any of them were ever performed, except for *Funeral March No. 11 'Into the Unknown'* which I arranged for concert band. This funeral march was performed by the Imperial Band during the Holy Week Concert in 2019. The opening nine bars are shown below.




***The opening nine bars of*** **Funeral March No. 11 'Into the Unknown'**

### What motivated Muscat to compose such genre of music?

Before arriving at my conclusion about what motivated Muscat to compose this genre of music, I think it is important to understand the environment in which the composer lived in. At the time, Mellieħa's population consisted of a few hundred people mainly living off the sea and the land. After the war until the late sixties, many young men emigrated to other countries seeking a better living. The only two cultural organisations in the village at the time were the two band clubs. The Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina participated only in liturgical services in church.

Holy Week traditions were non-existent except for liturgical services. It was in this scenario that Muscat started composing this genre of music for the first time. It is interesting to note that the first two funeral marches he composed were scored for typical local orchestra. The remaining fourteen were scored for wind band, perhaps at one point he realized that local wind bands were the only media available to perform his works. Interesting to note that contrary to the local norm, nine marches have no names at all, thus confirming that he was not commissioned to compose such works. Five others have general not specific names, for example, *March No.3 'Mourning Day'*, *March No. 5. 'Amici Miei'* and *March No. 11 'Into the Unknown'*. The only two which have a specific name or attribute are *March No. 13 'Ċensa',* the Maltese name for Vincenza, and *March No. 14 'Ta' Doru'*, which is a family nickname in the village. From research I did, I could not trace any relationship between this family and the composer.

From the above and through many discussions I had with the composer, I believe that Carmel Muscat composed this type of music for three reasons. The first one, as an expression of his faith; the second is to express his grief for the loss of someone close to him; and the third reason is to satisfy his own musical needs. In fact, he was very proud that he was able to compose such a varied range of music.

### Conclusion

For the last century and a half, funeral marches were and still are a very popular genre of music in the Maltese wind band repertoire. Many Maltese composers composed this genre of music mainly for the following reasons:

1. the strong Holy Week tradition in many parts of the island, especially the Good Friday processions;
2. others were commissioned to do so by friends or Holy Week tradition enthusiasts;
3. to express grief for the loss of family members, close friends or important personalities; and
4. as an expression of the composer's religious faith.

Many of these funeral marches have been forgotten, others have never been performed. Many others are still uncovered. Through this research we have now a better understanding of Carmel Muscat funeral marches. The lyrical melodies, bold passages, traditional harmony and simple instrumentation mirror Muscat's personal feelings, religious beliefs and the simple life he lived throughout his life.

His funeral marches reflect the Maltese traditional style of this genre of music. There is large element of tradition in Muscat's marches, however there are also some innovations in his works. The long introduction in some of his marches sounds more similar to a subject rather than an introduction. The repetition of the whole second subject after the trio in *Funeral March No. 13 'Ċensa'* is also an innovation. In my forty years career as a trumpet

player, I have played hundreds of funeral marches with several local wind bands, but to date, I have never came across of any funeral march with a similar structure.

This research serves as a motivation to study in detail other genres of Muscat compositions. I hope that this research creates interest and stimulates appreciation for Muscat compositions and those of other Maltese composers and also creates awareness of our hidden and forgotten Maltese musical heritage.

**References**

Borg, Paul P. 2010. *Quest for Identity: Mellieħa,* 2nd Edition in the series, Ħannieqa Kotba Melleħin (Malta: Printit).

Bonanno, Michael, Bonello, Susanne and DeBono, Joseph. *Tislima lil Mro Carmel Muscat,* In-Nota Settembru 2012, pp. 16-17.

Grech, Joseph. 2001. *Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex, Standardi, Bandalori u Faċċati,* 1st Ed. (Malta: Publishers Enterprises Group (PEG) Limited).










# Il-Mellieħa fiċ-ċinema u aspetti relatati

**David Bartolo**
*B.European Studies with History (Hons) (Melit.)*

Xħin wieħed jaqra t-titlu, naħseb kulħadd jaħseb li ħa nagħmlu xi vjaġġ lejn Hollywood jew xi mkien simili fejn jinħadmu l-films li jiġu murija fiċ-ċinema u fuq il-mezzi tax-xandir vasti li għandna fiż-żminijiet tal-lum. Mhu xejn minn dan. Dan ħa jkun vjaġġ qasir u naħseb li huwa l-bidu ta' riċerka fuq il-Mellieħa u l-irwol tagħha fid-dinja taċ-ċinema.

Il-Mellieħa u l-faxxinu tagħha ħallew ukoll il-marka tagħhom fiċ-ċinema madwar d-dinja. Kienu diversi postijiet u inħawi fil-Mellieħa li kienu punti prominenti f'diversi films li kienu u għadhom jigu segwiti minn miljuni ta' telespettaturi.

Dan il-fattur saħħaħ sew isem il-Mellieħa u bis-saħħa ta' film minnhom, li kważi kien ġie miġbud kollhu fl-inħawi, dan jiġbed numru kbir ta' turisti lejn il-Mellieħa fejn iżuru dan is-sett uniku f'Malta u wieħed mill-ftit madwar il-globu.

Qabel nidħlu ftit fix-xena tal-Mellieħa fiċ-ċinema, ħa nagħti ħarsa ħafifa lejn fattur li hu qarib taċ-ċinema l-aktar meta d-djar ma kellhomx sett tat-televiżjoni, aħseb u ara, il-mezzi diġitali li wieħed isib fiż-żminijiet tal-lum. It-teatrin u wara ċ-ċinemas madwar Malta kienu wieħed mill-mezzi ta' divertiment l-aktar wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Dan il-fenomenu tat-teatrin kien b'saħħtu ħafna l-aktar fi rħula bħalma kienet il-Mellieħa 'l bogħod mill-ibliet fejn kien hemm it-teatri taċ-ċinema u fil-qrib ukoll, bħall-Imġarr, li kien magħruf ħafna għat-teatrini organizzati tajjeb ferm fl-Oratorju tal-istess raħal fejn diversi Melleħin kienu jattendu kif ukoll jieħdu sehem bhala kumpanija teatrali.

Qabel inbnew l-każini tal-banda ġodda li nsibu fil-Mellieħa llum, dawn kellhom postijiet ħafna iżgħar u aktar limitati, imma kellhom il-bitħa. Ġo din il-bitħa, il-każini kienu jorganizzaw it-teatrin. Dawn it-teatrini kienu jattiraw ħafna nies u ħafna żwiġijiet jafu l-bidu tagħhom f'namur li beda propju f'dawn it-teatrini. Teatru li wara sar ċinema kien dak magħruf bħala Libertà fi Triq it-Tramuntana[i][ii]. Dan it-teatru kien jintuża bejn l-1943 u l-1957[iii]. Kienet ukoll tintuża s-sala tal-iskola primarja biex isir it-teatrin ukoll.

Rigward ukoll wiri tal-films fil-Mellieħa waqt l-parties tal-Milied għat-tfal, kienu wkoll jintwerew films fuq xi liżar, l-aktar xi wieħed minn ta' *Laurel and Hardy*, jew kif kienu magħrufa fostna bħala l-Oħxon u l-Irqiq. Postijiet oħra li kienu jintużaw għall-wiri tal-films kienu l-Pjazza tas-Santwarju fis-sajf, u fix-xitwa fil-barrakka li kien hemm fil-Kunvent tas-Sorijiet[iv], li dawn kienu jiġu organizzati mill-Kappillan[v]. F'din il-barrakka kienu wkoll isiru reċti u attivitajiet oħra[vi]. Xi tip ieħor ta' wiri ta' films kienet l-mobile unit li kienet tiġi l-Mellieħa propjament fil-Pjazza tal-Knisja waqt it-Tieni Gwerra Dinjija u juru lin-nies miġbura t-tifrik tal-gwerra u x-xogħol li kien isir bies jiġu salvati n-nies minn dan it-tifrik u l-ħerba li jgib miegħu[vii].

## Popeye

Żgur li l-film Popeye li nħadem fl-1980, propjament fl-inħawi tal-Mellieħa, jibqa' l-aktar wieħed sinonimu mal-Mellieħa. Dan il-film inġibed kważi kollu f'Anchor Bay, jew kif kienet magħrufa bħala x-Xquq. Għal dan l-għan inbena raħal sħiħ tal-injam f'din il-bajja u huwa uniku kemm f'Malta u kważi kważi anki fid-dinja.

Dan is-sett għadda minn ħafna kontroversji, kif ukoll minn ħafna sfidi ta' diversi aspetti u, grazzi għal kif ġew megħluba, il-Mellieħa għandha postha fuq il-mappa taċ-ċinema mondjali. Fis-sena 1979 kien ġie Malta Robert Altman, direttur tal-films, ifittex bajja biex fiha jibni raħal għall-film Popeye. Huwa skopra lil din il-bajja li kellha kompetizzjoni ma' bajja oħra fi Florida, l-Istati Uniti tal-Amerika. Bl-għajnuna ta' ftit nies Maltin midħla sew tal-qasam ċinemografiku sabu għajnuna siewja u vasta biex din il-produzzjoni ssir Malta.

Il-post kien joffri sfidi kbar minn kull lat, l-aktar dak ġeografiku. Meta hawn il-baħar ikun qawwi, il-mewġ jagħmel tiegħu u għalhekk kien hemm ħtieġa ta' moll biex jilqa' għall-mewġ qawwi. Dan il-moll inbena mill-producers tal-film u sewa s-somma ta'

90,000 lira Maltin. Il-post ukoll ma kellu l-ebda faċilità: la dawl, la ilma u lanqas telefown. B'ħafna ħidma ma taqta' xejn, dawn l-isfidi ġew megħluba u l-villaġġ beda jinbena[viii] [ix].



*Is-sett ta' Popeye kif kien waqt il-ġbid tal-film (sors: https://www.moviesmadeinmalta.com/LocationSites/57/popeye-village, aċċessat fil-25 ta' Lulju 2022)*

Ir-raħal beda jinbena f'Settembru 1979 u tlesta f'Jannar 1980, fejn fil-21 tal-istess xahar beda jinġibed il-film[x]. Biex inbena dan is-sett kienu ġew ingaġġati 165 persuna biex jibnuh bl-injam li nġieb appostsa mill-Olanda u l-Kanada. Dan l-injam kien ġie magħqud kollhu bl-imsiemer[xi]. Hu maħsub li ntużaw bejn 7,000 u 8,000 kilogramma t'imsiemer. Barra minn hekk, intuża madwar 2,000 gallun ta' żebgħa u nbnew 20 struttura tal-injam[xii].

Il-post kien maħsub li jiżżarma malli jkun lest il-ġbid tal-film. Imma bl-insistenza ta' ftit li xejn individwi, dan ma seħħx u grazzi għalihom, dan huwa l-unika sett ta' film li nġibed Malta li tħalla kif kien. Għal xi żmien dan il-post kien mitluq u sofra wkoll mill-id tal-vandali u anki kien sofra xi ħruq f'xi partijiet minnu.

Ta' min jgħid li llum dan l-post huwa attrazzjoni turistika popolari ħafna kemm mat-turisti kif ukoll mal-Maltin, speċjalment it-tfal. Il-post huwa miżmun tajjeb ħafna u joffri divertiment għall-familja li jdur mal-film Popeye, speċjalment il-karrattru ewlieni li jġib l-istess isem. Fost diversi attivitajiet, kuljum isiru shows u jintwera dokumentarju kif sar l-post u fuq il-film innifsu.



*L-attur Alec Guinness ma' grupp ta' studenti Melleħin fil-Bajja tal-Mistra (sors: The Times 24th October 1952)*

### The Malta Story

Fl-1952 beda jinġibed f'Malta l-film ikoniku ta' Malta fil-gwerra "The Malta Story". Dan inġibed f'diversi inħawi f'Malta fosthom fil-Bajja tal-Mistra. L-attur prinċipali kien Alec Guinness li ħadem il-parti tal-fizzjal tar-Royal Air Force Peter Ross.

Waqt il-ġbid tal-film fil-Bajja tal-Mistra, grupp ta' studenti mill-Iskola Primarja tal-Mellieħa flimkien mas-Surmast A. Frendo għamlu żjara hemmhekk fit-23 t'Ottubru 1952. Huma damu xi sagħtejn fejn tkellmu ma' diversi atturi fosthom dawk prinċipali Alec Guinness, Anthony Steel, Muriel Pavlow u Renee Asherson[xiii].

### The Saint - Vendetta for the Saint

Dan il-film inġibed f'diversi nħawi f'Malta fl-1967 u kien jinkludi għadd ta' xeni fil-Mellieħa u



*Roger Moore fil-parti ta' Simon Templar waqt l-ġbid tal-film "The Saint - Vendetta for the Saint" fil-Mellieħa (sors: https://www.imdb.com/title/tt3141810/mediaviewer/rm1178028288/, aċċessat fl-24 ta' Lulju 2022)*




*Ix-xena miġbuda fl-Għadira fil-film "The Saint - Vendetta for the Saint" (sors: https://www.youtube.com/watch?v=0Fp2trvlVIl, aċċessat fl-24 ta' Lulju 2022)*

l-inħawi, bl-attur prinċipali jkun Roger Moore. Fil-Mellieħa kienet ngħibdet xena fi Triq San Publiju, il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru 1967. Il-ġbid ta' dan il-film kien ġabar ħafna nies mill-Mellieħa biex isegwuh u kienu diversi li ħadu ritratt ma' dan l-attur u anki talbu l-firma tiegħu[xiv].

Xeni oħra ttieħdu fit-telgħa ta' Selmun, in-niżla mill-Mellieħa għall-Għadira, l-Għadira u t-triq tal-Marfa. Dawn iż-żewg postijiet tal-aħħar kienu l-inħawi fejn kien hemm ġirja u sparar bejn karozza tal-linja antika u karozza kbira.

## Pulp

Dan il-film nħadem f'Malta fl-1972 u xi partijiet minnu nġibdu fil-Pjazza tal-Knisja, kif ukoll fil-Ponta tal-Madonna fl-Aħrax. L-attur prinċipali kien Michael Caine li ħadem il-parti ta' Mickey King.



*Kif kienet il-pjazza meta nġibed l-film "Pulp" (sors: https://www.moviesmadeinmalta.com/LocationSites/76/parish-church-of-Mellieħa, aċċessat fl-24 ta' Lulju 2022)*



*L-Attur Michael Caine fil-Mellieħa (sors: https://www.facebook.com/ArkeoSelmun/posts/michael-caine-prepares-to-film-a-scene-in-Mellieħa-for-the-1972-moviephoto-https/1361800207251438/, aċċessat fl-24 ta' Lulju 2022)*

## Black Eagle

Dan l-film inħadem f'Malta fl-1988 u biċċa minnu kienet xena miġbuda fil-Bajja t'Għajn Tuffieħa. L-atturi prinċipali kienu Sho Kosugi fil-parti ta' Ken Tani, aġent tas-CIA Amerikana u Jean Claude Van Damme fil-parti ta' Andrei, aġent tal-KGB Russa.



*L-attur Sho Kosugi f'xena mill-film "Black Eagle" fil-Bajja t'Għajn Tuffieħa (sors: https://www.moviesmadeinmalta.com/LocationSites/40/golden-bay, aċċessat fl-24 ta' Lulju 2022)*



*Xena mill-film "Troy" miġbuda fil-Bajja t'Għajn Tuffieħa (sors: https://www.moviesmadeinmalta.com/LocationSites/40/golden-bay, aċċessat fl-24 ta'Lulju 2022)*

## Troy

Ħafna partijiet ta' dan il-film inġibdu f'Malta fl-2003 u xeni minnhom kienu maħdumin fil-Bajja t'Għajn Tuffieħa. L-attur prinċipali kien Brad Pitt fil-parti ta' Achilles.



*Mudell ta' dinosawru f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, il-pjazza ta' ħdejn is-Santwarju fil-Mellieħa.*

## Jurassic World Dominion

Xi partijiet minn dan il-film nħadmu f'Malta, fost l-oħrajn fil-Mellieħa. Il-ġbid beda fl-2020 u l-film ħareġ għall-wiri fl-2022. F'Awwissu 2022,

mudelli tad-dinosawri li kienu parti integrali ta' dan il-film tpoġġew għall-wiri fil-Belt Valletta, il-Birgu u l-Mellieħa.



*Xena mis-Sensiela "Treasure in Malta" miġbuda fil-Bajja tal-Għadira (sors: https://www.youtube.com/watch?v=1kiZmrl1K1c, aċċessat fil-25 ta' Lulju 2022)*

### Treasure in Malta

Din is-serje ta' sitt episodji li nħadmet f'Malta fl-1963 kellha xeni miġbuda fil-Mellieħa, b'mod partokolari l-Bajja tal-Għadira u l-Marfa.



*"Trenchcoat" b'xena ħdejn it-Torri l-Aħmar (sors: https://www.moviesmadeinmalta.com/LocationSites/84/marfa-ridge-red-tower, aċċessat fil-25 ta' Lulju 2022)*

### Trenchcoat

Dan il-film li nġibed f'Malta fl-1983 kellu xena ħdejn it-Torri l-Aħmar.



*Xena mill-film "Iron Warrior" miġbuda fil-villaġġ ta' Popeye fl-1987 (sors: https://www.moviesmadeinmalta.com/LocationSites/57/popeye-village, aċċessat fil-25 ta' Lulju 2022)*

### Iron Warrior

Film ieħor li nħadem Malta b'xeni miġbuda fil-villaġġ ta' Popeye kien "Iron Warrior" li nġibed fl-1987.

### The Devil's Double

Dan il-film inħadem fl-2011 u kellu xeni fit-triq bejn il-Mellieħa u l-Manikata, u f'Għajn Tuffieħa.



*Xena mill-film "The Devil's Double" fit-triq bejn il-Mellieħa u l-Manikata (sors: https://www.moviesmadeinmalta.com/images/scenes/large/752.jpg, aċċessat fil-25 ta' Lulju 2022)*

### Pirate Pete

Serje Belġjana bl-isem "Pirate Pete" ħadmet episodju f'Malta f'Ottubru 2012 u ġibdu xi xeni fil-Villaġġ ta' Popeye[xv].

### Il-Mellieħa fuq it-Televiżjoni

Aparti li, kif rajna, il-Mellieħa dehret f'diversi films , l-istazzjonijiet kemm dawk nazzjonali, kif ukoll dawk privati, ta' spiss juru postijiet fil-Mellieħa u fl-inħawi tagħha f'diversi programmi l-aktar dawk kulturali. Fattur ieħor li jiġi mxandar ta' spiss huwa x-xandir tal-festa b'mod dirett fuq stazzjonijiet diversi fejn dawn jiġu segwiti sew minn diversi telespettaturi kemm f'Malta kif ukoll minn emigranti l-aktar dawk Melleħin f'diversi pajjiżi madwar id-dinja.



*Xena mill-ġbid ta' dramm għat-televiżjoni fis-snin sebgħin tas-seklu għoxrin fil-Bajja tal-Mellieħa (sors: https://www.mavm.com.mt/video-collections/behind-the-scenes/, aċċessat fl-24 ta' Lulju 2022)*

Fl-aħħar u mhux l-inqas, żewġ avvenimenti li poġġew ukoll lill-Mellieħa fuq ix-xena televiżiva kienu bla dubju żewġ żjarat ta' żewġ Papiet u l-konnessjoni mal-Mellieħa. L-ewwel waħda seħħet meta l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel żjara fil-Mellieħa fis-26 ta' Mejju 1990 fejn indirizza lill-familjari tal-missjunarji Maltin madwar id-dinja u wara żar is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

Dawn ix-xeni tal-Mellieħa daħlu f'miljuni ta' djar madwar id-dinja permess tat-televiżjoni. Ma' dawn kien hemm ukoll il-waqfa tal-istess Papa fil-viċinanzi tal-Gżejjer ta' San Pawl li huma parti mit-territorju tal-Mellieħa.

Iż-żjara riċenti li saret f'April ta' din is-sena tal-Papa Franġisku. Dan il-Papa fil-programm tiegħu ma kellux viżta speċifika fil-Mellieħa imma għadda minnha fi triqtu minn Għawdex lejn in-Nunzjatura, is-Sibt 2 t'April 2022. Fit-triq prinċipali tal-Mellieħa l-Papa sab għadd ta' nies jistennewh u dawn ix-xeni kienu wkoll trasmessi b'mod dirett fuq it-televiżjoni u li żgur ġew segwiti minn ħafna nies madwar il-globu.

### Inċident traġiku waqt ġbid ta' film f'Selmun

Fl-1974 kien qed jinġibed film bl-isem "See Malta and Die" u l-Erbgħa 9 t'Ottubru tal-istess sena, kienet qed tiġi miġbuda xena fil-Palazz ta' Selmun. Waqt dan ix-xogħol, żagħżugħ Malti li kien jaħdem ta' extra waqa' mill-gallarija tal-palazz u miet fuq il-post. Stuntman fil-film ipprova jsalva lil dan iż-żagħżugħ imma ma rnexxilux għax ċediet waħda mill-balavostri tal-gallarija.

Ta' min jgħid li dan iż-żagħżugħ kien qed jaħdem dakinhar minflok xi ħadd ieħor u kulma kien ilu jagħmel dan ix-xogħol kien biss jumejn. Waqt il-waqgħa, li kienet inġibdet minn cameraman li kien jaħdem fuq il-film, dan l-extra kellhu azzarin f'idu fil-parti li kien qed jieħu sehem fiha. Dan kien l-ewwel inċident traġiku waqt ġbid ta' films f'Malta[xvi xvii].

Din il-kitba għandha sservi biex issir aktar riċerka fuq l-istorja tal-Mellieħa fiċ-ċinema u anki fuq aspetti relatati bħalma kien il-wiri tal-films f'diversi postijiet madwar il-Mellieħa. Nispera li din il-kitba riċerkata sservi ta' katalist għal tali riċerka aktar profonda li tista' tagħti aktar dawl u tqajjem iktar interess fuq dan l-aspett li rari nkiteb xi ħaġa dwaru b'relazzjoni mal-Mellieħa.

### Referenzi

[i] Vella, A. (1976), *Id-delizzji tal-Melleħin*, Leħen l-Imperial, Settembru 1976, P.43.
[ii] Camilleri, E. (1987), *Żminijiet oħra - Mellieħa oħra*, Banda Imperial , Festa Marija Bambina 1987, P.43.
[iii] Cutajar, A. (2006), *32 sena ta' ħidma teatrali kontinwa mill-Għaqda Teatrali "Mellieħa Stage Friends D.V.C.AD.1974"*, Festa Marija Bambina 2006, A&M Printing Ltd, P.44.
[iv] Grech, S. (2017), *Bawxati tal-imgħoddi,* Għaqda Mużikali Imperial Mellieħa, Festa Marija Bambina 2017, Best Print Ltd, P.10.
[v] Vella, A. (2014), *Il-Kjostru tas-Santwarju,* Festa ta' Marija Bambina Mellieħa, A&M Printing Ltd, P.45.
[vi] Vella, A. (2018), *Fil-Lukanda ta' Randi,* Società Filarmonika La Vittoria Mellieħa, Festa Marija Bambina 2018, Printit, P.108.
[vii] Grech, S. (2017), *Bawxati tal-imgħoddi,* Għaqda Mużikali Imperial Mellieħa, Festa Marija Bambina 2017, Best Print Ltd, P.10.
[viii] Cassar, L. (1999), *Għala Popeye Village ma nqeridx bħall-oħrajn*, It-Torċa 25 ta' Lulju 1999, PP.16-17.
[ix] Cassar, L. (2000), *Meta Mintoff ried ikeċċi lil Popeye*, It-Torċa 28 ta' Mejju 2000, PP.16-17.
[x] Cassar, L. (1999), *Għala Popeye Village ma nqeridx bħall-oħrajn*, It-Torċa 25 ta' Lulju 1999, PP.16-17.
[xi] *"Popeye" ddebutta f'pajjiżna 30 sena ilu,* L-Orizzont15 ta' Diċembru 2010, P.23.
[xii] Farrugia, J. (2014), *Malta kienet il-bidu ta' karriera brillanti,* L-Orizzont 13 t'Awwissu 2014, P.11.
[xiii] *"The Malta Story" - Dull Weather Holds Up Filming,*Times 24th October 1952, P.1.
[xiv] Muscat, J. (2011), *Roger Moore fil-Mellieħa 1967,* Il-Mellieħa - L-Istorja tagħha bir-ritratti, A&M Printing Ltd, Ritratt nru 81.
[xv] *Episodju ta' serje Belġjana ffilmjat f'Malta,* Il-Mument 21 t'Ottubru 2012, P.2.
[xvi] *Selmun tragic accident filmed by cameraman,* Malta News 12th October 1974, P.16.
[xvi] *Il-ġbid ta' film f'Malta jkompli wara traġedja,* L-Orizzont 12 t'Ottubru 1974, P.16.

### Referenzi oħra

Muscat, J. (2015), *It-Tokis tal-Kappillan,* Il-Mellieħa Lemħa lejn Ġrajjietha, PP.28-29.
https://www.moviesmadeinmalta.com/LocationSites
https://www.imdb.com/title/tt3141810/mediaviewer/rm1178028288/
https://www.youtube.com/watch?v=0Fp2trvIVlI
https://www.facebook.com/ArkeoSelmun/posts/michael-caine-prepares-to-film-a-scene-in-Mellieħa-for-the-1972-moviephoto-https/1361800207251438/
https://www.youtube.com/watch?v=1kiZmrl1K1c
https://www.mavm.com.mt/video-collections/behind-the-scenes/

HORACE ENTERPRISES LTD.
*Trophies & Sports Goods* *Importer & Wholesaler*

**Horace Micallef**
Director

84, Gudja Road, Għaxaq, GXQ2172, Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt



# Il-Festa Maltija:

## *L-applikazzjoni għall-iskrizzjoni fi ħdan il-lista ta' Wirt Kulturali Intanġibbli tal-UNESCO*

**Kav. Duncan Brincat**
*Iċ-Chairperson Kummissjoni "Il-Festa bħala Wirt Intanġibbli" fi ħdan l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda*

Kull min għandu għal qalbu l-wirt kulturali Malti, mirfud f'sisien ta' ġens u magħġun f'dak li sawwar artna mar-radda taż-żmien, żgur jintebaħ li l-festa Maltija tista' titqies bħala waħda mill-elementi kulturali prinċipali ta' dawn il-gżejjer. Sa mill-ibgħad żmenijiet, ġensna għaraf il-ħtieġa li jingħaqad f'komunità spiritwali, li jiċċelebra t-twemmin tiegħu u joħloq riti awtentiċi li jinfatmu minn dawk ta' artijiet biswitna. Madankollu, il-festa Maltija kif mirquma llum, taf il-bidu tagħha għas-seklu dsatax meta diversi tradizzjonijiet differenti ġew magħquda flimkien biex inħoloq dan l-avveniment annwali f'ħajjet il-poplu ta' kull belt u raħal f'Malta u Għawdex.

Għal aktar minn 400 sena ilu, il-festa kienet ċelebrazzjoni reliġjuża fil-knejjes, bit-tqassim t'ikel u xorb lill-foqra minn xi benefatturi. Fis-seklu tmintax bdew jintramaw xi toroq bil-bnadar, bdew jinħarqu l-maskli u xi mużiċisti bdew jingħaqdu flimkien biex idoqqu u joħolqu atmosfera ta' ċelebrazzjoni. Il-mużika sagra stagħniet, filwaqt li minn tmiem is-seklu sbatax bdiet tiġi introdotta l-użanza li mal-purċissjoni tinħareġ vara merfugħa madwar it-toroq. Dan kollu eventwalment wassal biex f'nofs is-seklu dsatax bdew jitwaqqfu l-ewwel każini tal-banda, pilastri ewlenin biex maż-żmien kibru ċ-ċelebrazzjonijiet esterni. L-istorja nafuha u għadha tinkiteb: il-festi stagħnew mhux biss fl-aspett intern b'armar u mużika aktar elaborati, iżda b'mod speċjali fl-aspett estern, mhux biss bis-sehem tal-baned lokali, iżda wkoll b'armar rikk u ħarqiet tan-nar ta' livell għoli. Madankollu, l-identifikazzjoni prinċipali ta' dak li eventwalment sawwar il-festa Maltija hija l-ħidma volontarja: komunità li tingħaqad flimkien, u għalkemm minn mixjiet differenti, taħdem biex twettaq għan komuni.

B'riżultat tal-konvenzjoni tal-2003 tal-UNESCO, il-pajjiżi membri qablu li tinħoloq lista dinjija ta' wirt kulturali intanġibbli flimkien ma' reġistru ta' prattiċi tajba ta' konservazzjoni. Kull sena jiġu evalwati nominazzjonijiet diversi għall-iskrizzjoni minn pajjiżi membri, b'uħud minn dawn l-applikazzjonijiet ikunu konġunti bejn pajjiżi differenti. Il-proposta li Malta tinnomina l-festa Maltija għal din il-lista kienet ilha xi snin li ssemmiet, u saru xi tentattivi biex jibda dan il-proċess. Sfortunatament dan baqa' qatt ma seħħ, u konxji tal-bżonn li l-festa Maltija tiġi konservata u mogħtija d-dinjità li jixraqilha, l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda talbet sabiex tieħu hi r-riedni f'idejha biex dan il-proċess jitwettaq. Fis-sena 2018 twaqqfet kummissjoni interna bl-għan li tistabbilixxi l-elementi prinċipali li jsawru l-festa Maltija, dokumentazzjoni dwar l-isfond storiku tagħha u lista ta' għaqdiet volontarji stabbiliti f'kull belt u raħal ta' Malta u Għawdex li jaħdmu biex isir dan l-avveniment annwali fil-lokalità tagħhom. Il-kummissjoni saħqet fuq il-prinċipju li l-festa Maltija hija waħda sħiħa u tħaddan fiha l-parti interna u dik esterna. F'Novembru 2019 ġie sottomess l-ewwel dokument bħala "Espressjoni ta' Interess" biex il-festa Maltija tiġi inkluża fl-Inventarju Nazzjonali tal-Wirt Kulturali Intanġibbli ta' Malta. Dan id-dokument inkluda lista tal-aktar elementi importanti li jsawru l-festa Maltija, iżda ma daħalx fid-dettall dwar użanzi jew tradizzjonijiet ta' rħula partikolari sabiex b'hekk setgħet issir preżentazzjoni ta' festa Maltija sħiħa ġenerali.

L-"Espressjoni ta' Interess" serviet bħala l-pedament għall-applikazzjoni li kellha ssir għat-talba formali lill-UNESCO. F'dan ir-rigward, l-applikazzjoni formali kellha tkun iżjed mistħarrġa u studjata, u għalhekk wara diversi laqgħat mad-Direttorat tal-Kultura, bdiet ħidma ta' konsulenza professjonali u anki kitba minn studjuż fil-qasam tal-antropoloġija. L-iskop aħħari kien li l-festa Maltija tiġi ppreżentata bħala espressjoni ta' poplu, bl-għan li tiġi stabbilita identità kulturali qawwija u mirfuda fil-ġewwieni tal-ġens Malti. Sadanittant, matul is-sena 2020 bdew jinġabru ittri mingħand diversi individwi u dilettanti dwar xi tfisser il-festa għalihom, filwaqt li fl-istess perjodu bdiet

ħidma dwar filmat li kien se jiġi ppreżentat mal-applikazzjoni stess.

Il-mixja biex tiġi finalizzata din l-applikazzjoni kienet xi ftit għat-telgħa, anki għax huma bosta dawk li jagħtu sehemhom biex il-festi f'Malta jkunu meqjusa bħala l-ikbar qasam kulturali. Minbarra l-għajnuna tal-Ministeru tal-Kultura, saret ħidma intensiva u koordinata mal-Arċidjoċesi ta' Malta, fejn permezz tal-Konferenza Episkopali Maltija rnexxielna nwasslu l-ħtieġa li nippreservaw il-festa Maltija sħiħa, għaliex jekk jitnawru l-aspetti tradizzjonali tagħha, speċjalment dawk interni u esterni, dan l-avveniment ma jkunx jista jissejjaħ iżjed bl-istess isem: ikun kollox minbarra festa Maltija! Eventwalment, fit-12 ta' Marzu 2021 saret laqgħa ta' diskussjoni u approvazzjoni għall-komunità li għalqet dan il-proċess kollu, sabiex ftit ġranet wara, eżattament fit-30 ta' Marzu, in-nominazzjoni bl-isem 'Il-Festa Maltija: Ċelebrazzjoni Komunitarja Annwali' ġiet mibgħuta lill-UNESCO li kkonfermaw il-wasla tagħha.

Għalkemm l-imxija tal-COVID-19 kellha l-impatti tagħha anki fuq il-ħidma tal-UNESCO, in-nominazzjoni tal-festa Maltija bħalissa tinsab fl-istadju ta' evalwazzjoni u nistennew b'ħerqa li sas-sena d-dieħla dan il-proċess jintemm. Finalment, l-għan aħħari għandu dejjem ikun li din it-tradizzjoni unika tal-gżejjer Maltin nikkonservawha, nipproteġuha u ngħadduha lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna bħala l-iktar espressjoni kulturali awtentika ta' Malta u Għawdex.





# Ċakkura

**Paul P. Borg**

***Nota tal-awtur lill-qarrej:*** Din il-kitba qiegħed nippreżentaha miktuba b'Malti li mhux dak standard. Għandu mnejn ikun hemm min għall-bidu ma jsegwix b'mod ħafif ħafif il-kitba. Fil-fatt hu diffiċli ħafna biex wieħed jikteb bid-djalett għax l-ewwel nett mhux kull djalett hu l-istess, it-tieni għax biex toħroġ bil-kitba l-kisriet partikolari u speċifiċi kemm ta' xi konsonanti u l-aktar tad-dittongi (il-ħsejjes bejn il-vokali standard) wieħed irid juża simboli apposta li huma użati wkoll f'ilsna oħra. Dan naturalment jagħmel il-kitba aktar diffiċli biex tinkiteb, u aktar u aktar tqila biex tinqara. Madankollu qtajtha illi tidher miktuba b'mod illi jersaq lejn djalett propju ħalli jkun sinjal ta' qima lid-djalett Malti. Jaħasra ngħixu fi żmien meta saħansitra lsienna qiegħed isib nuqqas kbir ta' rispett minna l-Maltin stess li naċċettaw li nużaw ilsna barranin u mhux l-ilsien Malti. Ħasra. Ħasra kbira. U għad jisgħobbina. Uliedna xejn ma jkunu kburin bina jekk inħallu lsienna jitkasbar. Mhux biss ilsienna qiegħdin inwarrbu minn ħalq uliedna, imma wkoll id-djalett. Il-Mellieħa hu wieħed mill-irħula Maltin fejn hemm ġabra kbira ta' barranin. Merħba bihom! Imma ejja nuruhom il-ġmiel ta' dak li jidentifikana bħala Maltin: ilsien, drawwiet, valuri, ġrajja, kultura, karattru, ambjent, leġġendi, ħrejjef… Fil-fehma tiegħi, dawn l-isforzi tal-Għaqda Mużikali Imperial bl-attivitajiet ma jaqtgħu xejn tagħha, kif ukoll bl-annwal tagħha u l-kitbiet u t-tagħrif li jkun fih, huma kollha ħidma ħierġa minn qalb kbira biex jissaħħaħ dan il-ħsieb ta' identità nazzjonali.

### Ilni nittenna minn dulgħudu!

Jisimni Lieli, jgħiduli *Taċ-Ċinga*, għandi ġiext iħbula raba' taħt ir-riħ tad-Dwejra, nagħmil qatgħa patuta kull staġun. Hemm Salvu, dok għandu l-baqar u demel ibiegħli kemm irrid, ma nofx kemm-il vjeġġ iġiebli fis-sajf, imme l-patuta tħexxen sawwa bid-demel li jkillu tal-bhejjim tiegħew. Mite nżewweġ ftit demel mal-ilme mill-vixxli tal-art, ta' barra jgħiduliw ilme ġieri, mite nixħet dol-ilme ma' ftit ħmieġ niexef tal-baqar lew tal-barrin u mar-redus tal-megħeż, killex mat-trob, il-patuta tmur tajjeb bil-busta. Jekk ma tinsteħitx b'xa ħoġa! Għandi qatgħa minnhim tubqa' nieżle sat-triq, qtajtha fursi nagħmilhe dwieli mite jiftilli, isse nura, imme hekk naħsib li nagħmil. Illiwm kilħadd bid-dwieli, niftiehim ma' dawn tal-imbid, u fej' jeqbil inqebbil! Imme qed iħajruni biex nirranġa magħhim għax qed juffru ħafna kuntratti lil min għandu raba' għammiel.

Lew nagħmil killix żebbiwġ. Iż-żejt sor iġib tofux! Haw' wiħid Krimuna jgħiduliw, għandu l-mugni taż-żejt fuq San Pawl il-Baħar, u nagħsar għandu mita jilħqu kiekiw. U hemm ieħur taħt l-Imdine tajjeb ukell, anzi dok eqreb għax iż-żebbiwġ trid tagħsru mal-ħasda kiekiw. Issa nora imme, jekk jeqbil inqebbil. Kiekiw għandi xi nofs tużżona żebbiwġ, kent ħawwilthim mal-ħajt il-ħajt Għajn Riħuna, u għandi xi tnejn haw', mal-qabda, u s-sana qantar sawwa imma ma lħaqtx bixxejt u mtlieli dibbiena ħaqq għad-dibbiena, kent sa nieħdiw għand dok taħt is-Saqqajja imma dok it-tektik iswed maż-żebbiwġa xejn m'għeġibni u rmejt killex. Kiekiw għandi mqor erba' qżieqiż kent nagħlifhimlhim.

Jen ninxteħet fir-raba', minn sbieħ Alla u nibqe' sad-dlom. Nistaħba ftit lix-xamx f'lifsinhor… Missieri killiw l-bgħewla, u darba killiw ġiex baqriet ukill, bil-bagħal kinne mmurru l-għalqa u nimlew il-qrotal għall-pitkoli. Isse mank tissugra timxi ent mat-treq għax ittajrik karuzza! M'intix tora kemm qniefid ifattru mal-art! Lew kemm qtotes! Kiekiw jniku ġirdien aħjor tof xej', imme l-karuzza ma tarox xi jkun u qanfud minn ġirdien ma tagħrfiwx u tibqe' għaddejja xurta waħda.

Jen lix-xiħa xtrajtilhe deqsxejn ta' karuzza, biċċa ta' waħda tof xej', u taruwha ġejja ċċeqlem b'tirmus kefe' u platt xa ħoġa. Jen l-ikel tal-imgħorfa niekil… inħibbu wisq! Illiwm il-bidwi tgħallim sawwa, u wliedu jmurru l-iskula… in-nejka li jaħasra ħafna minnhim imbagħad jitħejmu, pħiw għalihim ċwieċ l'huma! Jaraw killex dibbien ikreh! Jen anki tiliforn tal-but xtrajt, u ieħur lill-mara u sikwit inċenċlu lil xilxin. It-tfol iqabbduhuli sawwa qisu kill filgħaxija u s'isse qatt ma naqasni… U jen għandi l-ilme u jekk nirranġa għad-dwieli, jaqbil lilhim u jeqbel lili wkill ikiwn!

Xeħtu ħursthim fuq dor-raba' jkilli ngħid. Ġej

minn demm missieri u minn żmien Kristiw dor-raba', ma nofx kejf ħorsu lejh, aħjor ma kellimthim xej', isse naraw xi jridiw imme… malajr jibdieli jen, naruhim ġejjin bin-nejk, nibgħathim lil hinn… haw' hawn il-ġid tad-dinje killhe haw'! Mal-ħiton tas-sejjeħ inħawwil xi ġiex radet tewm u basal u nbejjet il-ful… u nnaqqi l-ħiton sawwa mill-bebbiwx, niekil burma b'tewma friska mita niġbur magħlef, kemm inħibbiw. U barra l-patota jkilli l-piżelli u l-basal u farka lil hemm in-nannu kien rawwem suġar tal-frutt irqieq, laqqas għodek issib minniw Molta killhe, killu nsteħet, m'għodekx issib għajn baqra minn tagħna tarmi d-demm, iliwm iġibu dok il-kbir u sabiħ ta' barra u ma jgħid xej'. Imbilli tagħna rqiq karmus! Imbilli tagħhim kbir u killu ġmel! Imme tagħhim killu vilinu u midiċini tegħma qorsa, u tad-Dwejra killu zukkor u bnin mir-raba' killu ġir… iħillik griżmejk hu u nieżel!

Isse naraw x'ġej; qoluli nkellimhim u rranġajt … u kellhim jiġiw jaraw ir-raba' dawk tal-imbid, ħalli nikkurdaw xa ħoġa. Isse nura imme. Qed nittennihim u għudhim ma ġewx. Aħjur ma jiġiwx. Ma jkunx imnalla! Ukill jekk qalbi kienit għodha magħfusa ma nofx nirranġox u nintrabat lew nibqe' bil-ħbula ħielse bħal dejjem! Dor-raba' iliw għandna minn żmen Kristiw u għajni killtant tibda taqbiż u jtini li ma nħallihimx jersqu 'l hawn jarawli r-raba'! Biex jisħtiwh ma jridiwx wesq jekk ma nikkurdawx! Dawn in-nes ta' barra għandhim mill-bhejjim slovaġ xi drobi, għandhim ħabta jnikuk b'għajnejhim, mank iħalluk tredd salib lew imqor tidgħilhim waħda għax ikunu ġa nikuk!

Imme ddubbajt in-numru u ċenċiltilhim, u ftiehmne u għandhim jiġu jaraw ir-raba'. Isse naraw madonkillu.

U jen qiegħed nittennihim ġejjin, ilni haw' ġa minn filgħudu nħores lejn ir-raba' qalbi ttaqtat jekk kieniwx sa jilagħbuni bi kliemhim! U għandi xi jgħidli li killex itir mar-riħ sejjer għax għodhim ma dehrux u dik li nħores bess u nittenna ma nistox għaliha, irrah isalvaw riwħhim! S'isse kent merqti w ftieti kmand jen skjov jen, imme kent nof fej' jen. Imme isse min jof x'se jseħħ jekk nixxierik mal-barroni bir-raba' għad-dwieli! Ir-raba' tiegħi, iliw għandna minn żmen Kristiw. Isse nura, għax dawn jaħxiwk ma tkunx tof x'ġarulek, issa nura, ikilli ngħid aħjor nibgħat lil kilħadd għand ix-xjoten! Imbagħad iħawdu t-tfol 'kk iridu!…

Imme żumm ftit, ora naqra, isse ġejje l-mara, kemm kemm titħarrik issiwq dik, u kemm iddawret ukill illiwm! Is-sultu tasal qabil. Imme ġejja miskina aruwha! Ma tirrikkox mal-karuzzi l-uħra fit-triq, jen ikilli msorni f'saqajja naruwhim ġejjin lejja, imma hi muħħha hemm, tħores lil hemm u lil hawn qisha seqer, u ma tirrukkox. Imma kiltant l-blot baxx ma tarohx sawwa mite tiġi haw' u sikwit tfaqqa' l-bżieżeq tar-ruti, għax fir-ruti issa għamlet il-bżieżeq, mhiex hi madonkilliw, ħoduwha t-tfol il-karuzza, iwa, tirrukka mal-blot baxx u tgħattan il-qiegħ. Dikinhor 'aqq għall-qaħba mliet killimken żejt għax taqqbet il-butt … qoluli hemm xi butt, ma nofx x'ikun sawwa dol-butt jen, imma jkiwn fih iż-żejt u l-karuzza fetħet imsorniha killiw ħmieġ iswed, jaħraq killu daħħon ken! U diem idellik ma nofx kemm… hemm għudha d-dabra li għamel iż-żejt, hemm għudha ruqgħa sewda li seħtet l-art għax ma tikber laqqas ġarġira lew ħirrieqa lew ħafura fuqu…

U għax isse sor il-ħin ukill! Nirraħħim… kemm diemu ma ġew l-uħrajn!

"Ora x'kill waħda wkill!" tgħidli l-mara malli waslet fe' x-xatba. "Ora x'ġaroli!"

Tidher wiċċha mbehren, bixrietha mħawda, mhux bħas-soltu.

"Iwa xil-Madunne nqale'?" nistaqsi.

"U-u! Irrukkajt!" twieġeb wiċċha aħmar nar.

"Il-qaħbe qaħbe! Irrukkajt! Do' kif irrukkajt ngħid jen? Iwa ma ġrolek xej' hiwx?"

"Dok kien hemm mara u roġel isuqu, hi kinit qed issiwq madonkilliw… u Madunne ma rrukkotx miegħi! Kellha fetħa bħal dik u xurta rrukkotni! Aħjar Alla jtini s-sabar ukill!"

"Iwa fej' do' killiw?"

"Hinn! Fej' tal-Ġarġir! Daqs dok wisgħa… f'surmi baqgħet dieħle!"

"Iwa ma xarrabtilhiex tnajn ġe rusha?"

"Iwa mela n-nes bhejjim lew! Inxarrbilhe tnajn ġe rosha kif! Do' kif tirraġuna! Min jisimek!" tkompli l-mara.

"La rrukkotik!" ħaqqaqt. "Iwa kif bqajtu mele? Ma bgħatthiex tieħdu waħde fit-tirme allura? "

"Kif bqajne! Ġejt 'l haw' jen! Għedtilhim hemm ir-roġel irrid nuħudlu jiekil. Hi kienit ġejja min-naħa l-uħra. Kienit min dal-karuzzi-arjiploni, kaħle tliqq daqs iż-żejt fit-toġin! Jen fi triqti kent. Imme mbagħad ħarġit mill-karozza tgerger għax ma kellhiex fejn tersaq qolet! U jen għedtilha, 'Iwa l-barka t'Alla! Mela m'hemmx fej' issiwq!' Qolet ma tersaqx lil hemm għax ma kienx hemm qatron! U ma ssuqx il-karuzza fl-imħarbat! Għedtilhe l-barka t'Alla allura biex ma tirfisx l-imħarbat kissirtli wara! "

Jen niċċassa lejn it-tagħtina fil-ġenb fuq wara tal-karozza. Il-mara tkompli.

"Iwa, ma kellekx fejn tersaq għax hemm ftit triq imħarrbta? Allura tibqa' tirrukka fija? Messek waqaft ħalli ngħaddi jen għax triqti din fuq killix!' U tof x'qolet imbagħad? Tof x'qoltli? Qoltli, 'X'nagħmel? 'X'nagħmel? Immur fuq l-imħarbat jen b'karozza bħal dik? Mela x'nagħmel! Karozza tiswa eluf kbar!' U jen għedtliha, 'Imma jaħasra sabiħa tiegħi,' għedtilha, 'inti dħalt fi triqti, ġejt qiddiemi sawwa mill-faċċota! Jen fej' tridni mmiwr? M'intix tora li minn din in-naqra ma jgħaddux tnejn? U jen mhix wieqfe kent? Jen waqaftlik kikiew, jen kent wieqfe, imme inti ma kellekx mnejn tgħaddi mbagħad! U bqajt dieħla xurta waħde!"

Jen niċċasa lej' dil-mara li għandi. Ma nista' nifhim qatt kif Alla ma tahiex ftit milħ f'rosha! Ma nistox nifhim kif don Alla ma tuhiex imqor niskata, għabra mqor mimsuħa ta' milħ!

"Imme l-Madunna ma nebbħitikx… Iwa, ja Mulej tas-smewwet li tista' killex, kif ma tnebbaħiex x'għandha tagħmil lil marti? Iwa Alla m'illuminokx taqbadha minn xagħarha u tixħetha ġe dok ix-xewk! Kemm il-Madunne ent baħnona! Pħiw għalik!"

"Huwa mela n-nes hekk lew!"

U ma qolet xej' aktar. Il-mara tubqa' kwieta. Xa ħoġa akbar ken ġara.

"Imbagħad kif bqajtu imme?"

"Xejn!" twieġeb. "Tlaqt imbagħad. Dik il-mara bdiet tilsen bl-Ingliż u ma nofx x'qolet sawwa. Imbagħad bdiet tibki malli rot dok l-arjiplon bil-fanol imkissir u qiddiem inixxi l-ilme! U lill-ieħor qoltlu jċenċel lill-pulizija għax ma tridx titkellem ma' ċakkura bħoli!"

Jen nuqmos.

"U tleqt lil hemm u ħellejtha b'xej'!"

Xejn. Bla ħniena magħna dan Alla tagħna. Kbir kemm hu kbir, qatt ma jimxi sew magħna, qatt ma jaqbeż għalina. Qatt ma jnebbaħna fil-waqt xi rridu nagħmlu sawwa. Kif ma bagħtilhiex dawl qawwi bħal dok id-dawl għammiexi li qeleb lil San Pawl minn fuq iż-żiemel!

"Ħallejtha tgħidlek ċakkura? U kissritlek wara killu? Iwa dok Alla m'illuminokx? Ma nebbħekx x'għandek tagħmil! Iwa ma kellekx nitfa sans dok il-ħin u ħallejtha tħalliha tgħidlek ċakkura! U tgħattanlek il-karuzza fuq wara wkill!"

"Jen imblajt nismagħha tgħajjarni! Imbagħad tleqt għax kellhim jiġiw dawk tad-dwieli u ma nofx jekk s'isse kiniwx ġew u lew telqiwx… u tleqthim hinn… lilhem! Hemm ħallejthim!"

F'daqqa waħda s-skiet jinqata' bil-ħoss ta' karuzza ġejja, tielgħa mal-fetħe lej' x-xatba. Tidher karuzza kaħla tleqq. Karuzza arjiplon tabilħaqq. U kellha d-daħħun ħiereġ minn qiddiem. Il-karuzza tieqaf.

Ħarist lej' il-mara. Il-mara ħarset lejja.

Fil-ħin mill-karuzza toħroġ is-sinjorina, tħores lejne killhe stagħġib. Tara lill-mara tiegħi fej' il-karuzza. Ir-roġel li ken hemm magħha juħroġ ukill, u jħores madworu.

*"You're waiting for us…"* tistaqsi, leħenha miksiwr u kliemha mlaqlaq. "*We are from Vintage Wines*…tal-*Vintage Wines* aħna…"

Ġibiet magħha riħa ma nofx ta' xiex, qisha ġiżimin, lew ilme żgħor, lew sapun tal-leħje bħalma jkillhim it-tfol. Imbagħad tħores lej' il-mara mill-ġdid. Rosha 'l fuq dil-mara tal-Imbid, bħallikiekiw qed tora xi kelba. Lew xi qattusa. Bħallilkieku qed tora xi żarġuna niexfa fuq ħajt u mhux lill-mara.

Dil-qaħba sbejħa għajret lix-xiħa tiegħi ċakkura!

Dil-qaħba kissret il-karuzza tal-mara.

"*Hi*," tgħidli, '*Pleased to meet you*… Għandi pjaċir…"

U wiċċha u t-toqba t'għajnha l-istess! Tibda riesqa lejja. Idha maħruġa 'l barra. Ma tħorisx lej' il-mara li ilni ngħix magħha kwożi ħamsin sena u nof li ċakkura mhix!

Imbagħad ma nofx x'ġara. Għandi buttuna fl-istunku tiegħi jen, mite tfaqqogħli ma nofx xil-qaħbe jiġrili! Il-buttuna żżommli ċ-ċinga s-soltu, imma la teqbeż tkun qebżet! Xil-mnigħil tridni nagħmil! Il-mara tgħidli. 'Iwa Liel, xix-xjoten itik!' U ma titniffissx. Imbagħad tutlaq minn qiddiemi u ma naruhiex sa ma jgħaddili għal killex. Mita teqbiżli tkun qebżitli! Mite tfaqqa' tkiwn faqqgħet! Hekk magħmiwl!

"Għax ma tmurrux tieħdiw fit-tirme!" ngħidilha bil-kwiet killu lil dik tal-arjiplon. "Ura tersqiw 'l haw' għax nisparolkim!"

U nibda ngħajjarha u nwaddbilha t-tub niexif u titlaq tiġri għall-arjiplon maħsuda, arbulota fuq żarbun m'ugħla muntanja, qishe għeżżiele zuppa fuq il-blot tax-xagħra killhe xewk u saqajha rqoq qishem ġiext imroleġ imkissrin! U l-ieħur ibul taħtu bil-qatgħa u jidħol fil-karuzza bla ma jlissin imqor ħess wiħid. Laqqas ġie salvuwha ja baħnon baqta! U hi taqa', u tqum killha trob, u l-ieħur iqabbad, u jen ma nilħaqhimx u x-xiħa tiegħi tgħajjat u żżommni u naqbad il-ġebel u ngarolhim!

Lill-ġebel nisimgħew iċenċel u jdoqq fuq l-arjiplon u fuq il-ħġeġ u fuq il-fanoli!

Nuriha min hi ċakkura! Ma tmurx tieħdiw fit-tirme!

"Jekk narokhim 'l haw' roskim niftħilkhim biz-zappuna!" ngħidilhim. Nibqa' niġri wrajhim, daħna bajda, jirrukka mal-ħajt tal-faċċota u jinqala' u ma jiqafx u jkissir fanol ieħor tan-naħa l-uħra u nwaddab aktar ġebel fuq il-ħġieġa ta' wara u kissirthe - imma ma tkissretx, jen ma nofx xi ħġeġ hu don, minfluk inkisret soret għanqbuta waħda killhe brimb! Imma soqu bilġri 'l hemm u ħarbuli u ma nilħaqhimx sawwa sawwa!

"U jekk narokhim 'l haw' nisparolkhim! Ngħidlek min hu ċakkura!"

Isse nrawwhim ġiex flanni dwieli jen, u m'għandi bżunn lil ħadd miegħi! Imurru jitnejku tal-imbid! U sold naqilgħew jen! Nikiel il-laħma jen ukill, u ħedd ma jtini mmexmex l-għadma bess!

Dor-raba' iliw għandna minn żmien Kristiw u lekk jitfgħew għajnhim fuqu l-għunja, nwerriċhim jen, garġihim naqlogħlhim bħalma l-mara ssewwi vupa lew lampuka. Dor-raba' ta' ġid, tal-bidwi jubqe'.

"Kristiw toh lilna l-bdiewe dor-raba'," għedtilha lill-mara xħin newlitli belgħa kafe. "U tagħna l-bdiewe jubqa' sakemm tispludi d-dinje killhe u jibda' l-ġudizzju inivirsoli! Ħadd ma juħudulna! Ilni b'rosi mgħaddsa f'dat-trob minn żmen Kristiw, jen!"

Il-mara ħodet nifs twil.

"U t-tfol tagħna ma jersqux 'l haw'," qolet minn taħt l-ilsen. "Jiktbu jofu… imma z-zappuna timlhielhim idejhim infofet…"

Bqajt inħores lejha.

"Ubqa' għaddas rosek fit-trob mele!" qolet wara ftit.



# Malta's election to the United Nations Security Council

**Professor Stephen Calleya**
*University of Malta*

Malta's recent overwhelming election to serve on the United Nations Security Council (UNSC) in 2023 and 2024 once again certifies the important role that Malta plays in contemporary international relations.

Malta's return to the UNSC after having served in 1983 and 1984 is an immense endorsement by the international community of Malta's consistent and constructive foreign policy engagement since independence. Having now achieved this new UNSC mandate, it is also essential to pay tribute to Malta's diplomatic corps who relentlessly and tirelessly implement Malta's foreign policy strategic objectives on a global basis. Credit must also be given to Malta's dynamic Foreign Ministry which has always believed in Malta's capacity to influence international relations, especially those in the Mediterranean.

Malta's UNSC three guiding principles of security, sustainability and solidarity provide a platform upon which a more concerted effort can take place to address the multitude of security challenges we are currently experiencing. Malta's focus on the plight of children in conflicts, the importance of empowering women in international relations, and the urgent necessity to safeguard our planet including our oceans, highlights the constructive and pragmatic framework being put forward to manage contemporary challenges in a more effective manner.

In fact, Malta's participation in numerous international organizations has continued to highlight Malta's region state credentials, namely that of an actor that consistently voices Euro-Mediterranean concerns on the international stage. Malta has systematically navigated through the turbulent post-Cold War COVID-19 moment by adhering to the principle of solidarity so that we ensure that our Euro-Mediterranean region's interests are safeguarded.

Malta has continuously been implementing a foreign policy that seeks to raise awareness and advocate action against humanitarian suffering. The continuous cycle of violence across our Mediterranean in places such as Syria, Libya and Yemen, and also now in Europe in Ukraine, has resulted in a very high number of casualties and millions of displaced persons. Malta's forthcoming historic UNSC moment will provide another opportunity when Malta can advocate the urgent necessity to ensure that multilateral diplomacy is further strengthened in an effort to safeguard the rights of citizens globally.

At a time of such disruption in international relations which is resulting in a significant shift in the diffusion of power throughout the international system, it is essential that multilateralism continues to be a pivotal instrument of diplomacy if the rule based international order is to be sustained. Thus, everything possible must be done to avoid the emergence of a new Cold War with Russia, and other countries such as China aligning against the USA and Europe and other allies.

The UNSC mandate demonstrates the credibility of Malta's foreign policy - a consistent and persistent team player that advocates a foreign policy of inclusion and promotes the notion of Mediterranean solidarity. UN Security Council membership will allow Malta to amplify its voice in international relations and highlight our diplomatic credentials as a beacon of stability and prosperity in the Mediterranean.

This is an historic moment for Malta to once again articulate and promote an agenda for peace and stability in the Mediterranean. As the only universal international organisation, the United Nations Security Council mandate provides an opportunity to encourage a more active concerted effort to address the long list of security challenges, mobilize the required political will to advance conflict resolution, and boost international investment to upgrade infrastructure and spur job creation.

As a member of the UN, the EU and the OSCE, and through its participation in numerous other international institutions, Malta has regularly contributed in a constructive manner to the constantly evolving international security debate. Diplomacy is the art of the possible. Now is the time to call for a more prolific diplomacy in global relations.

Malta's election to the United Nation's Security Council once again demonstrates Malta's successful implementation of a foreign policy strategic agenda that seeks to promote a more politically cooperative and economically prosperous international system of states across the Euro-Mediterranean area and beyond. This, in fact, has become the hallmark of Malta's foreign policy in the past six decades.

This two-year prestigious term will enable Malta to highlight its foreign policy strategic objectives in a concerted and dynamic manner and will serve as an inspiration to the younger generation who strive for a better tomorrow.











# Il-Kobor ta' Marija

Ġanni Camilleri

*"Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.*

*Ara, minn issa mbierka jgħiduli l-ġenerazzjonijiet kollha." (Lq1, 48)*

Jiena ċert li kulħadd jaqbel li l-Madonna hija l-mara li, sa mill-ħolqien tad-dinja, kienet fil-ħsieb t'Alla biex tkun l-Omm t'Ibnu Ġesù, il-Messija, li kellu jitwieled minnha biex jifdi lill-bniedem. Għaldaqstant, Alla ħaseb biex din ix-Xebba ta' Nażaret, titwieled bla ebda tebgħa ta' dnub; immakulata. Kienet verġni qabel it-twelid, fit-twelid u wara t-twelid ta' Binha Ġesù. Għalhekk Marija hija l-mara l-aktar privileġġjata fost in-nisa kollha; imbierka mill-ġenerazzjonijiet kollha.

Imma forsi xi ħadd jgħidli: "La kellha tkun Omm Alla, mhux għalhekk ġiet imżejna b'dan l-unur kollu!" Iżda l-Madonna hija kbira, għaliex kienet ċkejkna, umli kif stqarret hija stess quddiem l-Anġlu Gabriel: *"Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej; ħa jkun minni skont kellmtek." (Lq1, 38)*. Il-virtù tal-umiltà, hija l-virtù li togħġob ħafna lil Alla. Alla ma jħarisx lejn il-kobor tal-bniedem jekk mhux mil-lenti tal-umiltà. L-anġli li ħaduha kontra Alla, għaliex dehrilhom li huma daqs Alla, ġew imkeċċija 'l barra mit-tgawdija ta' dejjem. L-Arkanġlu San Mikiel jistaqsi: *"Min hu daqs Alla?"* Il-kelma 'qaddejja' kienet tfisser is-sottomissjoni għar-rieda t'Alla; qaddejja, lesta li tidħol għal dak kollu li jitlob minnha s-Sid. Fiż-żminijiet diffiċli li għaddejjin minnhom, il-fidi ħadet daqqa ta' ħarta - il-bniedem għamel lilu nnifsu alla.

Il-festa li nfakkru fit-Twelid tal-Verġni Mbierka kull sena fir-raħal tagħna kif ukoll f'irħula oħra f'Malta u f'Għawdex, hija festa kbira li jixraqilha tkun onorata bis-smigħ tal-quddies u bi tqarbina tajba. Għal Malta tagħna, għandha tkun il-ġurnata fejn nuru r-ringrazzjament lejn Marija, l-ewwel nett għaliex fetħitilna mill-ġdid il-Bieb tal-Ġenna li kien ġie magħluq bid-diżubbidjenza tal-ewwel ġenituri, Adam u Eva, kif ukoll għal kemm drabi waqfet magħna fi żminijiet ta' mard, gwerer, ġuħ u nuqqas t'ilma.

Filwaqt li nixtieq il-festa t-tajba u qaddisa lil kulħadd, nagħlaq b'poeżija fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja.

**Lil Marija Bambina**

*Ġejt nifraħlek, O Bambina,*
*f'Jum Twelidek, mal-ħolqien.*
*Int illum ferraħt lid-dinja*
*u l-ħolqien ħlist mit-telfien.*

*Kont imħabbra mill-profeti,*
*ġejt imnissla mingħajr dnub.*
*Inti waħdek u ħadd aktar,*
*inti llum serraħt il-qlub.*

*Il-Maltin kollha jsellmulek*
*għax ir-rebħ lil dawn int tajt.*
*Meta l-għadu ħakem fuqhom;*
*u Inti talbhom dejjem smajt.*

*F'dan il-jum kbir ta' twelidek,*
*Verġni u Omm tagħna l-bnedmin,*
*isma' talbna, O Bambina;*
*ilqa' talbna l-midinbin.*

*Int ftaħtilna l-Bieb tal-Ġenna*
*li għalina kien magħluq,*
*meta Ibnek, Ġesù Sidna,*
*miet għalija, u għal kull maħluq.*

*Inti biss it-tama tagħna*
*f'din id-dinja ta' taqlib.*
*Dawk li tilfu l-fidi f'Alla,*
*fis int lura erġa' ġib.*

*U minn fost iż-żgħażagħ tagħna*
*sejjaħ ħafna biex jaqduh*
*lil Ġesù fis-saċerdozju,*
*biex servizz qaddis jagħtuh.*

*U ħarisna mill-kurrenti*
*li jkaxkruna lejn id-dnub;*
*l-ilbies żieni fi triqatna;*
*dan minn Alla mhux mogħġub!*

*Dan l-iskop tal-ferħ fil-festa*
*li f'dax-xahar niċċelebraw.*
*Nieħdu sehem f'li jsir fil-knisja,*
*u ħafna tfal ukoll naraw.*



# Stejjer mid-Dahar

Jeffrey Sammut

**Raba' u gamiem**

Mal-ewwel daqqa t'għajn, id-Dahar[1] jidher pjanura għerja ta' blat miknusa mir-riħ li mhi tajba għalxejn. Madankollu, il-bidwi għaqli Mellieħi għaraf ilaqqat il-ħamrija mill-ħofor tax-xgħari u jifforma għelieqi żgħar u mniedaq fejn fihom kien ikabbar xi ftit ful, basal jew tewm. Jekk il-ħamrija anqas għal dawn il-prodotti ma kienet tajba, kienu jkabbru xi naqra ġulbiena għall-bhejjem. Iżda lejn it-Tramuntana tad-Dahar hemm widien fertili mimlija siġar tal-frott li wħud minnhom huma msoqqija mill-ilma ġieri.

Il-bdiewa ta' dan il-post, minbarra l-elementi tan-natura, kienu jħabbtu wiċċhom mas-suldati Ingliżi. Dawn, waqt it-taħriġ, kienu jibqgħu deħlin fir-raba', jgħaffġu, ikissru u jisirqu l-prodotti li l-bidwi kien ikabbar b'tant tbatija. F'Ġunju tal-1902, Giuseppe Debono ta' Ġamri ta' Serafin irrapporta li billejl, suldati mill-*Cameron Highlanders* għamlulu ħsara fix-xitel tat-tadam, minbarra li serqulu kemm felħu minn dan il-prodott.[2] F'Jannar tal-1905, suldati tal-*Kings' Royal Rifles* kissru l-pal tal-bajtar ta' Giuseppe Pisani, mlaqqam Ta' Pisani.[3] Xi ġimagħtejn wara, Giomaria Vella ta' Wenzu tal-Ħatar talab ħames xelini kumpens talli xi suldati mit-Tieni Battaljun tad-*Dublin Fusiliers* għaffġulu l-piżelli u waqqgħulu l-ħitan tas-sejjieħ.[4]

Fis-7 t'April 1908, xi suldati keċċew lil Anna Debono, ta' Stefano ta' Serafin, u lil Anna Sammut, mart Giovanni tal-Burqax, mir-raba' tagħhom fil-Qammieħ peress li riedu jisparaw fir-Range li kien hemm id-Dahar.[5] L-għada, Grazio Grima, Ta' Ventur, u Carmela Vella, mart Paolo tas-Suttani, irrappurtaw li xi truppi tal-*Inskilling Fusiliers* baqgħu għaddejjin minn ġo nofs il-qamħ li kellhom miżrugħ f'Għajn Tuta.[6]

Fi Frar tal-1918, Giomaria Vella, Tal-Panaj għamel rapport l-għassa għax il-baħrin li kienu stazzjonati fit-Torri l-Aħmar mhux talli fetħulu passaġġ fir-raba' u għamlulu ħsara fix-xewk u l-ħatab li kien jintuża għall-ifran imma l-bandiera li kellhom tperper fuq it-Torri ma kinitx qed tħallih jaqbad għasafar bix-xbiek.[7]

Id-Dahar kien aktar magħruf għall-imnasab tal-gamiem milli għall-biedja. Bir-riħ isfel, il-gamiem kien jiġi minn fuq Għajn Żejtuna u Tat-Tomna, jasal fuq il-fliegu ta' bejn Malta u Kemmuna, idur wiċċu għar-riħ u jitla' jifraħ bix-xgħari. Kienu jsibuh bħala gamiem tal-intorn peress li kien idur lura lejn l-art.

Xi sinjuri Maltin kienu jagħmlu minn kollox biex jikru jew jakkwistaw xi biċċa xagħra jew raba' d-Dahar fejn kienu jistgħu jfasslu xi mansab. Insibu li fl-4 ta' Mejju 1912, in-Nutar Mosti Giuseppe Chetcuti mar għamel rapport l-għassa li xi ħadd waqqagħlu ħajt tas-sejjieħ li kellu mal-mansab u li Luigi Cardona minn Ħal Qormi beda jnaffarlu l-gamiem hekk kif dan beda jagħmel għat-taħrik.

Jumejn wara, dan Cardona spiċċa ħażin. L-ewwel mar għamel rapport li Carmelo Farrugia minn Birkirkara kien se jkissirlu l-mansab, imbagħad spiċċa qala' tir mingħand Mellieħi. Il-Mellieħi ħalef li kien laqtu bi żball imma l-qorti ma emmnitux u weħel erba' snin u nofs ħabs. Mid-dehra Luigi Cardona kien intlaqat sew għax spiċċa l-Isptar Ċentrali. Wara xi għaxart ijiem fis-sodda ftakar li bil-ġenn li nqala' kien ħalla ċurniena bl-iskrataċ u l-liċenzja tal-kaċċa warajh id-Dahar. Ċempel lill-pulizija mill-isptar u dawn sabu li ċ-ċurniena kienet spiċċat għand ġuvni ta' sbatax-il sena mill-Mellieħa. Dan weħel żewġ xelini u nofs multa talli ma kienx għamel rapport meta sabha.[8]

**Għall-ġojjini billejl**

Charlie Fenech, iben Anġlu, Tal-Latmajt, jiftakar kif meta kien tfal kien imur jgħin lil missieru fir-raba' li kellhom id-Dahar. L-għelieqi kienu faċċata tar-riħ fuq, tant li kellhom tina qatt ma setgħet tieħu r-ruħ u baqgħet qisha sagħtra. Kienu jiżirgħu ftit ġulbiena, jew xi prodotti oħra tas-sikkant,[9] jaħsduha, iħalluha tinxef u mbagħad itellgħuha qatta qatta bil-mixi l-Mellieħa. Anzi kultant kienet tiġihom tajba u kienu jiddobbaw xi rikba fil-kaxxa ta' xi trakk



*Charlie Fenech bl-uniformi ta' Meter Reader.*

mgħobbi sa ruħ ommu bir-ramel.

Missier Charlie qatt ma kien dilettant tal-kaċċa jew insib. Kien armat bil-ħanut il-pjazza fejn kien ibiegħ xi spirti, karawett, bajd, larinġ u mitt ħaġa oħra. Allura lanqas li ried, ftit li xejn kien jibqagħlu ħin jiġri wara tal-għana u l-gamiem. Imma Charlie, minn meta kien daqsxejn ta' tfajjel, kellu ġibda lejn l-għasafar. Meta kien isib xi bejta tal-bilbla fix-xagħra, kien jarma xibka ċatta żżomm fuq xi qasab 'l fuq mill-bejta. Imbagħad xħin il-bilbla tiġi lura biex toqgħod fuq il-bajd, kien jiġbed spaga marbuta ma' wieħed miz-zkuk u x-xibka taqa' fuq l-għasfur.[10] Interessanti li dan il-metodu, fl-antik, kien jintuża anke biex jinqabdu l-għasafar tal-għana. F'Novembru tal-1906, Giuseppe Vella ta' 15-il sena, iben Girgor, Tal-Mallun, għamel rapport li Salvatore Bartolo seraqlu għasfur taż-żebbuġ waqt li kien qed jonsob b'dan il-mod.[11]

Charlie kien għamel ħbieb ma' ċertu wieħed Ninu Sammut u beda jmur jonsob miegħu għall-għasafar tal-bejt fil-Wied ta' Ruman. Kienu jarmaw mansab ta' sebat iqjiem, bl-għajjat fil-gabjetti u saħansitra bit-taħrik u ġieli qabdu 60 jew 70 wieħed. Ta' min isemmi li qabel, l-għasafar tal-bejt kienu jinqlew jew isiru torot.

Darba Ninu saqsa lil Charlie jekk iridx imur miegħu għall-ġojjini tal-post billejl. Dan ma qalx le għal avventura bħal dik. Mingħajr ma qal xejn lil ħadd, dabbar rasu ma' Ninu. Xħin dalam niżlu l-Wied ta' Rdum, waslu fejn il-ħarruba li kienet qiegħda sservi ta' lukanda għall-ġojjini u mingħajr l-ebda ħoss, dawruha bix-xibka. Imbagħad bdew iċekċku bil-qasab fil-friegħi tas-siġra u l-ġojjini, li filli kienu fl-isbaħ nagħsa u filli ħasbu li kien wasal l-aħħar tad-dinja, taw is-salt biex jaħarbu minn dak il-ġenn. F'dak id-dlam, uħud minnhom baqgħu deħlin fix-xibka li Ninu u Charlie kienu għamlu mal-ħarruba u spiċċaw priġunieri! Hekk kif għall-ħdax ta' billejl Charlie wasal lura d-dar frisk bħal ħassa, sab lil ommu u lil missieru jibku kemm jifilħu, sejrin jagħmlu rapport l-għassa li binhom kien għeb! Imbagħad ftakar li nesa jgħidilhom fejn kien sejjer![12]

#### 'Iċ-ċagħkija saret sewda bil-gamiem'

Meta Ninu Sammut emigra lejn l-Awstralja, Charlie rama għal rasu. Għamel mansab id-Dahar fir-raba' li kellhom fejn il-Wied ta' Għajn Tuta jew kif jafuh ħafna, il-Wied tas-Sur Ġuż. Ġieli għamel xi qalba sabiħa. Darba minnhom ħarrek għal teftifa gamiem u xħin dan ġie biex jgħaddi minn ġewwa, tah is-salt u żamm sittax-il waħda.

Darb'oħra kien Grigal bnazzi u ra ħmistax-il gamiema ġejjin fil-kewkba, bilkemm jidhru kemm kienu fl-għoli. Fettillu jurihom il-gamiema tat-taħrik ta' ġewwa u b'għaġeb kbir għal Charlie, il-gamiem għalaq ġwinħajh u għodos qisu xi dive bombers Ġermaniżi. Imma peress li l-mansab ma kienx tajjeb bil-Grigal, il-gamiem baqa' jdur max-xbiek u ma daħalx. Xħin deherlu, Charlie qaleb u ħataf sitta minnu.

Għodwa minnhom sebaħ Grigal bl-irxiex. Kulħadd kien rasu mimlija li l-gamiem kien se jagħmilha imma dakinhar, il-gamiem ħadha leave. Allura Charlie ġabar kollox u telaq lejn il-Mellieħa. Hekk kif ħareġ mill-karozza ltaqa' ma' Ġużi tal-Pitrolju li qallu "Int x'int tagħmel hawn, tiela' daqshekk gamiem!?" Mid-dehra, hekk kif il-gamiem induna li Charlie żarma, għamel waħda minn tiegħu. Allura dan qabad kollox u ħarab biex jarma fix-xagħra tal-Lek Ċenċ.[13] Sadanittant kien bnazza u ħarġet xemx taqli l-ġrieden. Fis-siegħa u l-ħin, Charlie ra teftifa ta' xi erbgħin gamiema tiela' baxx baxx mill-Wied tar-Rabti. Ġibed il-gamiema ta' taħt ix-xibka, il-gamiem immarka, ingħalaq u hekk kif ra l-gamiema ta' ġewwa tperper qagħad kollu ġewwa ħdejha. Iċ-ċagħkija saret sewda bil-gamiem. Charlie kien pront ħataf il-ħabel u ġibed b'kemm kellu saħħa. Imma x-xbiek ma ried jinqaleb b'xejn. Minflok, il-lasti bdew jixxejru 'l hemm u 'l hawn qishom arbli ta' bastiment fil-maltemp u l-gamiem sab ix-xoqqa f'moxtha u dabbar rasu minn fejn ġie. Kulma qabad kienu tnejn. Li ġara kien li dak iż-żmien, il-kelementi jew ħbula li kienu jżommu x-xibka marbuta mal-lasti kienu jkunu tal-qanneb. Dawn, hekk kif ħarġet ix-xemx, nixfu

u rħew, u x-xbiek ġie qisu bandla! Charlie ssikka l-kelementi u reġa' ntefa' bilqiegħda jisħet xortih. Imma wara ftit qabad tmienja f'qalba, u sa xħin ġie biex iżarma kien laqqat tnejn u għoxrin waħda. Imma t-38 gamiema li ħelsuha minn ġox-xbiek qatt ma reġgħu ġew lura biex jaraw sħabhom x'kien sar minnhom![14]

### Il-gamiem li baqa' rieqed!

John Vella, is-Sigarett qatta' ħafna minn tfulitu d-Dahar maz-zijiet tiegħu Toni Vella, Tas-Suttani u Ġamri Vella, iz-Zajna. Dawn kellhom ħafna siġar tal-bajtar kif ukoll kamra fil-Wied ta' Għajn Tuta. Kienu jaħdmu r-raba' bil-bagħal u b'moħriet ta' sikka waħda. Jekk il-moħriet kien jinġibed minn żewġ bhejjem, seta' jkun b'żewġ sikek. Barra r-raba' kellhom ukoll il-barriera li hemm fuq ir-riħ tal-wied, li jista' jkun li minnha nqata' l-ġebel biex inbena t-Torri l-Aħmar. Kemm Ġamri kif ukoll Toni kienu dilettanti tal-gamiem. Kienu jarmaw bil-lasti tal-injam u bil-ħbula tal-qanneb. Ix-xibka kienu jiżbgħuha biz-zappin, speċi ta' blokok żgħar tal-kulur li jitfarrku u jintefgħu fil-misħun. Imbagħad, ix-xibka tiġi mgħarrqa fl-ilma jagħli u ssir kulur il-ħamrija.



*Toni Vella, Tas-Suttani b'ġerwa tal-kaċċ*

Il-gamiem kienu jlibbsuh kappun tal-ġilda biex ma jara xejn u ma joqgħodx jitnaffar fuq il-ġoga. Allura biex jiekol kien ikollhom iżoqquh. Jixtru l-qamħ, jaħsluh sewwa u jneħħu xi żrar jew xgħir li seta' jkun fih. Imbagħad ipoġġu ftit f'ħalqhom, jiftħu ħalq il-gamiema u b'ilsienhom jimbuttaw il-qamħ f'ħalqha.

Is-Suttani u z-Zajna kienu jżoqqu l-gamiem filgħaxija, imbagħad kienu jpoġġu l-borma fuq in-nar, jitfgħu ftit patata, basal, ful, piżelli u prodotti oħra minn tagħhom stess filwaqt li John u kuġinuh kienu jinżlu sal-wied u jaqbdu xi ftit kaċċa li kienet tispiċċa mal-ħaxix fil-borma.

Darba minnhom John wasal fil-kamra u ma sab lil ħadd. Kiel u xorob xarba nbid tajba u qagħad jistenna lil xi ħadd miz-zijiet jasal biex iżoqq il-gamiem. Imma dakinhar ma feġġ ħadd, allura kellu jżoqq il-gamiem kollu hu, avolja jintefa' fis-sodda kellu aptit dak il-ħin.

Filgħodu qam, xegħel il-lampa tal-pitrolju u mar ħa jisqi l-gamiem ħalli jarma. Imma l-gamiem ballun fuq il-passiġġiera kien u ballun baqa'! Il-qamħ imħallat mat-togħma tal-inbid kien għamel tiegħu u l-gamiem kien f'sakra ma jarax art. Dakinhar spiċċa il-ħin kollu jitbandal u jogħnos fuq il-ġoga. Wara s-Sigarett sema' li kien hemm żewġ nassaba xjuħ li darba minnhom kienu għamlu bħalu, bid-differenza li l-qamħ li nżaqq il-gamiem tagħhom kien imħallat mal-wiski u mhux mal-inbid![15]

### Sittin gamiema sas-sitta u nofs

Ġurnata minnhom sebaħ Xlokk qawwi u kif beda jbexbex John ġa kien jistenna bi ħġaru fuq ix-xbiek. F'daqqa waħda, f'dak id-dlam feġġet ġeġwiġija gamiem tiela' żaqqha mal-art mill-wied. Ħarrek il-gamiema ta' taħt ix-xibka, imbagħad ta' ġewwa u l-gamiem kines ix-xbiek. Tah is-salt u qabad 36 waħda. Ħelishom malajr u sas-sitta u nofs qabad xi 25 oħra. Imbagħad ir-riħ tqawwa u għafas lejn in-Nofsinhar u qata' kollox. Tant kemm żied ir-riħ li beda jaqleb il-gabjuni. Allura n-nassaba bdew ħerġin biex iżarmaw u kulħadd beda jtajjar il-bqaraq minn ġo saqajh. Peress li dakinhar ma kienx xogħol, is-Sigarett beda jdur għalihom u sa filgħaxija kien qabad xi 50 wieħed.

Hu u sejjer lura lejn il-kamra sab lis-Sur Ġuż jistennih. Dan kellu zija anzjana li kienet tmut għal ftit brodu tal-bqaraq u allura talbu tużżana biex jeħodhomlha. Xi jumejn wara, John sab tużżana gamiem ħajjin ġo xkora wara l-bieb tal-kamra, bi tpattija għall-karità li kien għamel.

Fl-antik kien hawn min kien kapaċi jaqbad il-buqrajq b'ħafura. Tara buqrajq liebet fuq xi ħajt, zokk, jew fuq xi blata, taqta' ħafura u tagħmlilha ngassa fit-tarf, tersaq inkiss inkiss u tlibbes l-ingassa f'għonq il-buqrajq. Mhux faċli imma peress li bqaraq kien ikun hawn aktar mill-ġebel, ma kinitx problema jekk tnaffar xi ftit! Dan il-metodu kien jintuża wkoll għall-gremxul imma dan kien eħfef biex taqbdu għax ma jtirx! Kienu jagħmlulu ftit bżieq mal-ingassa, il-gremxula ttawwal għonqha biex tixrob u l-ħolqa tispiċċa f'għonqha.

Ta' min isemmi wkoll li gamiem tat-taħrik kien ikun hemm iżjed minn waħda. Il-gamiem ikun ġo ruffjana, speċi ta' munzell ġebel mibni pulit b'benniena ġo fih fejn il-gamiema tkun moħbija. Hekk kif tara l-gamiem ġej, turih il-gamiema ta' barra u dan jingħaqad u jdur lejn ix-xbiek. Hekk kif tarah beda joqrob, titlaq il-ġoga tal-gamiema u l-gamiema tinħeba ġol-benniena tar-ruffjana. Imbagħad tkun pront turih il-gamiema ta' taħt ix-xibka biex il-gamiem jara lilha u jibqa' ġej. Hekk

kif tarah wasal fejn ix-xbiek, tniżżel il-gamiema ta' taħt ix-xibka u tħarrek il-gamiema ta' ġewwa li tkun fuq iċ-ċagħkija, biex il-gamiem jidħol fix-xbiek u taqleb fuqu. Iċ-ċagħkija tkun magħmula minn ġebel griż ċatt tax-xagħri, ippustjat pulit biex l-gamiem joqgħod fuqu. Mhux faċli biex twassal il-gamiem għal ġox-xibka bit-taħrik. Biżżejjed li tibqa' turih xi gamiema ta' barra x-xbiek ftit sekondi żejda biex joqgħod ħdejha. Jew turih it-taħrik tard u jaqbad triq oħra.

Darba, iz-Zajna ra teftifa gamiem ġejja, ħarrkilha u l-gamiem dar għat-taħrik. Imma feġġ gozz gamiem ieħor li ngħaqad mat-teftifa u kulħadd għadda minn ġewwa. Toni qaleb imma tant kemm kien hemm gamiem li raddlu x-xbiek lura. Xorta ħeles 17–il waħda li mmaljaw ġox-xibka waħedhom.[16]

### Seba' gamimiet fuq ir-ruffjana

Is-Sigarett jiftakar kif it-tfal Melleħin kienu dejjem moħħhom kif jaqbdu l-għasafar. Xi drabi, is-subien kien joħorġu għall-gwerra fit-toroq, armati sa snienhom bil-qasab biex hekk kif jibda għaddej il-ħuttaf iżiġġ fil-baxx, jibdew ixejjrulu bl-addoċċ bit-tama li jolqtu xi ħaġa. Kien hemm xi ħadd ġenju fit-tattika militari li ġietu l-idea li jekk mat-tarf tal-qasba żżid fidiferruwa ta' xi metru, kont twaqqa' ħuttaf daqs ix-xita. Din malajr intgħoġbot u peress li min ħareġ bl-idea qatt ma ta kas ta' patents jew copyrights, f'ħakka t'għajn, din tal-wajer tferrxet mal-erbat irjieħ tal-Mellieħa. Problema waħda kien hemm: waqt daqt it-tixjir ta' qasab u tvenvin ta' fidiferru, aktar kienu jintlaqtu tfal milli ħuttaf u kienu ħafna li marru d-dar b'farrett ġo wiċċhom biex jiddewwew, jew jaqilgħu għajta u xebgħa karkura mingħand ommhom, skont il-burdata li tkun fiha dakinhar!

Peress li John kien dilettant tas-senter, dejjem kien iġorru miegħu, anke meta jkun jonsob. Darba minnhom feġġew seba' gamimiet li hekk kif urihom it-taħrik qagħdu fuq ir-ruffjana tal-gamiema. Dak il-ħin, ix-xitan bagħat karozza li kienet se tgħaddi minn trejqa fil-viċin u John induna li din kienet se tnaffarlu kollox. Allura qabad is-senter, immira, ġibed żewġ tiri mgħaġġlin u żamm ħamsa. It-tnejn l-oħra taru b'kemm kellhom saħħa imma qatilhom ukoll b'żewġ tiri.[17]

### Għall-gallini kelba sħuna trid!

Mela dan John kellu kelba mustaċċuna għall-kaċċa imma din kellha difett ikrah! Kontra kelbiet oħra, meta tkun bin-namra u jersaq xi kelb lejha, ferħan se jtir iferfer denbu, kienet taħbat għalih u tkun trid tqattgħu! Allura tistgħu taħsbu kemm seħet xortih meta għodwa f'Novembru din il-kelba qamet f'burdata ħażina. Kellu l-ħsieb li jinżel l-irdum idur għall-gallini imma ma riedx li jkollu xi jgħid ma' kaċċaturi oħrajn minħabba din l-imbierka kelba msiebħa fl-'Għaqda ta' Kontra l-Imħabba'. Allura kellu bħal ċuċ joqgħod fid-dura tal-mansab tal-gamiem tad-Dahar, minflok isaffar l-Aida, isaffar għall-pluvieri. Biex tgħaxxaqha, kien hawn xi gallina dakinhar. Imma kull deni ħudu b'ġid għax barra li mid-dura qabad seba' pluvieri li ġew għas-suffara, qatel ukoll ħames gallini li jew għaddewh jew rahom joqogħdu fix-xagħra fil-viċin.[18]

### 'Tiha karga doppja!'

Kien hemm ċertu wieħed Xmun mill-Mosta miżżewweġ Melleħija li miegħu fuq il-mansab kien jieħu xkubetta. Darba waħda, gamiem ma kienx hawn, allura dan Xmun ħareġ idur dawra mal-mansab jara jlaqqatx xi ħaġa għall-borma. Lanqas laħaq għamel żewġ passi li ma rifisx buqrajq. Tah tir u ma laqtux u dan il-buqrajq, wara li dar dawra tond jistagħġeb b'dak il-ħoss li kien sema', reġa' qagħad. Xmun kien pront qabad tefa' kejla porvli ġol-kanna, deffes biċċa xkora, rassha sew bil-ħadida, tefa' karga ċomb u reġa' rass kollox bil-karti, immira u mal-BUMM, il-buqrajq ma stagħġibx aktar. Xmun telaq tlikki tlikki biex jiġbru, imeċlaq xufftejh, ġa qed itiegħem dik in-naqra brodu li kien beħsiebu jagħmel, xħin minn warajh beda jisma' tfaqqigħ stramb. Dar u sab li l-ħuxlief ta' mal-mansab kien sar ħuġġieġa nar. Xħin spara, l-ixkejjer u l-karti li kien deffes ġol-kanna ħarġu jaqbdu u spiċċaw fil-ħaxix niexef. Xmun nesa l-buqrajq u l-brodu, telaq l-ixkubetta mal-art u ħarab jiġri jitfi n-nar qabel ma jispiċċa bix-xbiek vampa u addijo gamiem aktar!

Fl-antik, ħafna dilettanti kienu jarawha żejda li jħallsu l-liċenzja. Kienu jqisuha ħela ta' flus. Aktar u aktar meta kienu jafu li l-pulizija, barra li ried jieħu kedda biex jiġri warajk u jaqbdek, kellu wkoll jikkonfiska l-arma bħala prova għax inkella ma setax iressqek. Allura kien hawn ħafna li kienu jżommu xkubetta moħbija ġo xi kanal tal-ilma, ġo xi zokk jew taħt xi ħarruba. Il-problema kienet li dawn l-armi, mikxufa għall-elementi, kienu jispiċċaw balla sadid.

Hekk ġralu ċertu wieħed Melleħi li ma kienx jaf kif se jsib tarf inaddaf l-ixkubetta. Kien hemm wieħed għaref tah parir. Biex itajjar is-sadid kellu jikkarga karga doppja porvli u karga doppja ċomb ħalli bl-isplużjoni tat-tir, is-sadid jinqala' u l-ixkubetta tiġi qisha għadha kif ħarġet mill-fabbrika. U dan hekk għamel. Imma peress li ma xtaqx jaħli t-tir fil-vojt, iddeċieda li jisparah fuq l-għasafar tal-bejt. Kien hemm għalqa 'l fuq minn għajn tal-ilma miżrugħa qaraboċċ u l-għasafar tal-bejt kienu għaddejjin xalata ġo fih. Dan tela' fuq iċ-ċint tal-għajn biex jiġi bi dritt il-qċaċet tal-qaraboċċ, immira biex jiġġonta


It-Torri l-Ahmar
Is-Sqieri
Il-Beachpost
It-Triq ta' Ghajn
Il-Wied tal-Baqra/Il-Wied ta' Mazza
Il-Minżel tat-Tarag
Wied tas-Sajjettun
It-Trunciera


It-Trunciera
Il-Wied ta' Ghajn Tuta/Il-Wied tal-Ghajn
Il-Mansab tas-Sur Guz
Il-Barriera
Id-Dikkiena
Id-Dikkiena ta' Gewwa
Tal-Ingliz
Ta' Lavrenz
Il-Bajjada
Ta' Zbajjeb
Il-Minzel tal-Ghorof
L-Ghorof
Il-Wied tal-Parsott
Il-Girna ta' Pisani
Il-Minzel ta' Gaha
Il-Minzel l-Abjad
It-Triq tal-Minzel l-Abjad
Tal-Ghollieqa
Tal-Maqsuma
Tal-Langasa
L-Gholja ta' Bramel
Il-Wied ta' Bramel
Tal-Rumar
Il-Wied tal-Marga
Ta' Menger
It-Turretta

kemm jiflaħ, għafas il-grillu, instemgħet splużjoni li dwiet mal-inħawi u hekk kif id-daħna tat-tir għebet, dan il-povru ma deherx iżjed. Wara ftit rawh tiela' minn ġol-għajn qisu qattus imxarrab. Il-daqqa li tatu l-ixkubetta, barra li ġenġitlu spalltu, tefgħetu ġol-għajn. Jista' jkun li s-sadid telaq mat-tir imma tixriba bħal dik, la sidha u wisq anqas l-ixkubetta ma ħadu pjaċir biha![19]

### Qam jibagħtu jsaqqi l-ħass tal-Marsa!

Ninu Gauci, magħruf bħala Ta' Fonz[20] u ħuh Ġuzepp l-Għammiel kienu żewġ nassaba primi tal-gamiem. Fejn kellu Fonz, qrib it-Torri l-Aħmar, kien mikri mingħand it-Tupep u kull sena, bħala kera, kien itih xkora gamiem ħaj li kien jaqbad bix-xbiek. Fir-raba' ftit ful u basal biss setgħu jagħmlu għax il-ħamrija tant kemm kienet baxxa li bid-dawl ta' qamar biss ukoll kienet tinxef! Il-bqija tal-art kienet ta' ċertu wieħed magħruf bħala l-Fre, li kien jonsob għall-gamiem ukoll.[21]

Dan Fre kien xjaħ sew u miskin, il-vista ta' għajnejh kienet marret kważi għalkollox. Darba minnhom il-gamiem qata' passa sew u beda tiela' kollu minn fejn il-mansab ta' dan Fre, li ma bediex jarah. Allura Ninu beda kull darba jgħajjat "Ħarrek Fre! Għalik Fre!" U dan il-povru ma jilmaħ xejn. Wara s-sitt darba, Fre qam bilwieqfa u beda joffendi lil Ninu għax ħaseb li kien qed jgħaddih biż-żmien. Dak il-ħin, teftifa gamiem telgħet minn mad-dura ta' dan l-anzjan u kienet kważi qalbitu! Allura ta' raġel li kien skuża ruħu u talab lil Ninu biex jibdew jonsbu flimkien.[22]

Ninu għamel żmien pulizija Tas-Sliema. Darba minnhom spiċċa mix-xogħol kmieni filgħodu, bela' mixja papali sal-Pitkali ta' Birkirkara fejn minn hemm iddobba rikba sax-Xemxija. Imbagħad mixja oħra tal-qaddisin sa fejn il-kunvent tas-sorijiet tal-Mellieħa fejn sab it-trakk li kien ħallielu ħuh Ġużepp jistennieh. Wara kedda bħal dik mar jonsob il-Latnija. U beda tiela' l-gamiem. Dakinhar Ninu qabad 98 waħda. Il-problema kienet li l-aktar li qabad f'qalba kienu erbgħa, allura nħaleb jaqleb, jeħles u jrodd fuq il-waħdiet u ż-żwieġ. Xħin żarma bilkemm kien baqagħlu saħħa jirkebġot-trakk![23]

### "Ejja! Anzi qbadna erbgħa!"

Dan Ninu kellu ħabib minn Birkirkara li dejjem kien jgħidlu, "Xi darba għad niġi sa ħdejk fil-passa tal-gamiem." U darba minnhom veru feġġ. Imma l-gamiem kien donnu staħa minn dan il-Kalkariż u ma passiex. Ninu xorta kien laqqat xi tużżana waħdiet u dan sieħbu tgħidx kemm ħa gost. Allura Ninu qallu, "Poġġi bilqiegħda int forsi taqleb qalba." U dan hekk ried! Intefa' fuq il-ġebla, jitlob lil Alla li tfiġġ xi gamiema. U l-Mulej mhux talli sema' talbu, talli għamel bħal miraklu tal-ħobż u l-ħut, għax flok gamiema waħda feġġet qatgħa kbira gamiem riesqa lejn ix-xbiek! Fonz kien pront beda jurih it-taħrik, il-gamiem ġie u għadda kollu minn ġewwa. U l-ieħor baqa' bbalzmat bil-ġbid f'idejh, iċċassat b'ħalqu miftuħ qisu xi skorfna. Kif ra hekk, Ninu reġa' ġibed il-gamiema tat-taħrik u l-gamiem, b'miraklu ieħor, dar lura u reġa' qasam ix-xbiek. Ta' Birkirkara fl-aħħar stenbaħ u qaleb imma l-gamiem kien laħaq ħareġ kważi kollu u kulma laħaq kienu sebgħa. Il-Kalkariż, ferħan se jtir, qal lil Ninu "Ejja! Anzi qbadna erbgħa!" X'wieġbu Ninu Alla biss jaf![24]



***Ninu Gauci magħruf bħala Fonz.***

### Jittawwal minn ġo briksa

John, wieħed mit-tfal ta' Ninu, jiftakar kif meta kien tfal kien imur ma' missieru jonsob. John kien ikun irid jara l-gamiem dieħel fix-xbiek; allura Ninu deffes briksa tad-disgħa mal-art fil-ħajt tad-dura biex John seta' jittawwal minnha mingħajr ma l-gamiem jinduna bih.

Ġurnata minnhom feġġew żewġ qtajja' gamiem ġejjin minn fuq il-Griebeġ u Tat-Tomna. Il-gamiem ingħaqad u spiċċa serbut wieħed ta' xi mitejn u ħamsin gamiema. Dan għamel għall-gamiema tat-taħrik u ngħalaq kollu għal ġewwa. Il-gamiem tal-bidu poġġa fuq iċ-ċagħkija ħdejn tat-taħrik u l-ieħor kien għadu dieħel warajh meta f'daqqa waħda qisu ra x-xjaten u tnaffar. Kif induna x'kien qed jiġri, Ninu kien pront qaleb u ħataf xi 25 waħda, barra li qatel xi erbgħa oħra bil-kelement. Imbagħad tilef il-boxxla u beda jgħajjat kemm jiflaħ ma' ibnu, għax fettillu li l-gamiem kien rah u kixfu. John tant kemm beża' li ħarab u mar fejn Ġużepp l-Għammiel, li kien qed jonsob fix-xagħra fejn il-beachpost. Hemm reġa' qala l-prosit għax Ġużepp ukoll kien ra dak il-ballun gamiem filli jiddendel għal ġox-xbiek u filli qisu xi ħadd spara għalih. U John jibki u jisħaq li hu jittawwal mill-briksa bħas-soltu kien u żgur li ma naffrux. U kellu raġun għax wara saru jafu li kien hemm bidwi fir-raba', li hekk kif ra dak il-gamiem kollu nieżel mis-sema, ħarab jiġri biex jarah jinqabad u l-gamiem kixfu.[25]

### Moħħhom fil-wiski

Darb'oħra feġġew tliet sinjuri li kienu xtraw biċċa art taħt ir-riħ tal-mansab. Issa dawn iktar kienu jiġu

divertita milli għall-kaċċa. Biex jilqgħu għall-kesħa kienu jġibu xi żewġ fliexken wiski u kultant ibillu griżmejhom bih. Imma nqalgħet problema. Ninu kien jarma gamiema tat-taħrik fil-għoli fuq ħarruba biex idawwar il-gamiem li jkun ġej minn fuq Santa Maria Estate lejn ix-xbiek. Dawn il-kaċċaturi, hekk kif kienu jaraw il-gamiema tferfer ġwinħajha, kienu jitilqu kollox, jaqbdu s-snieter u jilqgħu l-gamiem b'baraxx tiri. Il-gamiema l-għolja kienet qed isservihom ta' sinjal biex jaqbdu s-snieter. Allura Ninu rama gamiema oħra baxxa, fejn ma tidhirx, u meta kien jara l-gamiem ġej min-naħa tagħhom, kien iħarrek lilha u mhux tal-ħarruba. Biex ma jurihomx x'kien qed jiġri, il-gamiema l-għolja baqa' jarmaha bħas-soltu u jħarrikha kultant. Kollox kien miexi ħarir sakemm darba waħda, il-gamiem ħabat fid-dura ta' dawn is-sinjuri. Sakemm telqu kollox minn idejhom laħaq qabiżhom imma dawn xorta battlu s-snieter fuqu. Ma tawx kas li l-gamiem kien ġie bi dritt il-mansab u mlew lil Ninu u lil kull min kellu miegħu fid-dura b'tilja ċomb nobis![26]

#### Teftif ta' vrieden

Ninu Fonz, barra għall-gamiem, kien jonsob ukoll għall-għasafar tal-għana. Kellu wieħed mill-ewwel imnasab weqfin, jiġifieri li meta jinqaleb, il-lasti jaħbtu fl-arja ma' xulxin u x-xbiek jiġi qisu kampnar. L-ewwel ma kien armat b'mansab hekk kien Salvu Bartolo, Tat-Talkies.[27] Ninu u wliedu, wara ħafna studji, pjanti, qisien u kejl, armaw wieħed bħalu imma nqala' ntopp. Kull darba li kienu jaqilbuh, il-lasti kien jitgħawġu u jieħdu l-forma tal-qamar, tant kemm kellhom molol tal-garaxxijiet jiġbdu ġo fihom. Wara aktar investigazzjonijiet u stħarriġ saru jafu li Salvu ma kellux l-istess problema għax bħala lasti kien juża xi pajpijiet b'saħħithom tal-ajruplani. Imma l-pajpijiet tal-ajruplani ma kinux jaqgħu mis-sema. Fl-aħħar xi ħadd ġabilhom erba' kanen tqal ċomb li kienu jintużaw għall-iscaffolding. Issa setgħu jaħdmu bla problemi, għalkemm kellhom iżidu xi nofs tużżana molol oħra biex ipattu għall-piż tal-lasti.[28]

Ġurnata waħda sebaħ Majjistral ikisser il-blat, li bilkemm iħallik timxi jew tieħu nifs. Imma l-vrieden ma beżgħux mir-riħ u passew xorta. Peress li l-mansab kien faċċata tal-Majjistral, ir-riħ ma bediex iħallihom joqogħdu. Kull darba jaħbtu (jibdew jgħajtu) l-għasafar tal-gabjetti, ifiġġu l-vrieden, jifirħu ftit fuq it-taħrik u r-riħ ikaxkarhom miegħu. Fl-aħħar John qabżitlu. Fettillu li jiġri x'jiġri jaqleb. U hekk għamel. Feġġew xi 20 virdun u hekk kif intelqu fuq it-taħrik, tahom is-salt u kebbeb 17 minnhom. Missieru baqa' b'ħalqu miftuħ u qallu "Kieku jien ma kontx naqleb!"[29]

Ġurnata oħra memorabbli meta telgħu ħafna vrieden kien it-18 ta' Ottubru 1983. Teftifa tmiss mal-oħra imma l-vrieden moħħhom biex isiefru kien u mhux biex joqogħdu fix-xbiek. Anqas kas ta' sħabhom jgħajtuhom mill-gabjetti jew tat-taħrik jurihom fejn għandhom jinżlu. Darba f'mitt qamar kien jinqata' xi wieħed jew tnejn minn ġo teftifa u jidħlu. B'kollox dakinhar, bil-waħdiet, laqqtu 53, il-biċċa kbira rġiel għax għan-nisa ma kinux jaqilbu.[30]

#### Kienet għarrqitu

Għodwa minnhom, Ninu kien bis-senter meta ra żewġ tajriet enormi jogħdsu lejn il-kappella tal-Kunċizzjoni tal-Aħrax. Fettillu li qagħdu, allura telqilha għal għonq it-triq biex jara jtajjarhomx. Hekk kif kien għaddej fuq ix-xifer ta' rdum inqalgħu. Kienu żewġ grawwiet. Ninu spara żewġ tiri fuq waħda minnhom u din tkaxkret u spiċċat fil-baħar. Dan, bla ma ħasibha darbtejn, niżel l-irdum, neħħa ħwejġu u qabeż jgħum għaliha. Hekk kif wasal qribha, il-grawwa ħatfet l-okkażjoni biex tpattihielu u ħabtet għalih. Telgħet fuq dahru, tatu daqqtejn sew b'munqarha, fetħitlu żewġ feriti fondi li bl-ilma baħar tgħidx kemm tektku u niżżlitu taħt l-ilma. B'xi mod, Ninu ħeles minn taħt dufrejha u għam kif seta' lejn l-art. Imbagħad, wara li beżaq kemm Alla ħalaq ilma baħar li kien bela' bla ħsieb, staħba wara blata u hekk kif it-tajra resqet lejn l-art taha tir ieħor u seta' jinżel għaliha bil-kwiet.[31] Lil Ninu niftakru jirrakkontali kif meta kien tfal, sħabu kienu jorbtuh b'ħabel u jdendluh minn fuq ix-xifer ta' Għar iċ-Ċomb għal isfel biex jisraq il-bejtiet taċ-ċawl.

Darba minnhom, dan Fonz sab xi cordite tas-suldati. Il-cordite kien jintuża biex jikkargaw il-balal u munizzjon tal-gwerra. Kif kien sejjer bih lejn id-dar kien hemm wieħed qallu, "Dak x'se tagħmel bih, dimonju? Dak ħa jweġġgħek." Fonz ma tax kas, farrak il-cordite bi mħakka u kkarga skartoċċ bih, bla ma qagħad iqis li l-cordite kien ħafna aktar qawwi mill-porvli normali.[32] Imbagħad mar ħa jipprova l-iskartoċċ. Ittawwal minn fuq ix-xifer ta' rdum u ħarġet gamiema fit-tul. Hekk kif Ninu għafas il-grillu ġraw tliet affarijiet f'salt. Il-gamiema saret ballun rix, Ninu għamel xi tlitt ijiem ma jisma' xejn ħlief tisfir u żanżin f'widnejh u s-senter taż-żewġ iġġammja, u la seta' jinfetaħ u wisq anqas jissewwa![33]

Din tal-isperimentar bl-ikkargar ma kinitx xi ħaġa rari, għax kulħadd kien moħħu biex jara kif se joqtol il-kaċċa aktar fit-tul. Jista' jkun li Carmelo Mifsud, iben Andrea, Tal-Għadira, f'Awwissu tal-1919, ukoll għamel xi taħlita speċjali. Dan għaliex is-senter, bid-daqqa li tah meta għafas il-grillu, kisirlu spalltu tal-lemin u Mifsud spiċċa f'qiegħ ta' sodda fl-Isptar Ċentrali![34]

Find us on: facebook












# GROW YOUR BUSINESS

## TRANSFORM YOUR BUSINESS WITH A PROFESSIONAL WEBSITE

## FROM JUST EURO 95+Vat

*OUR SERVICES:*

WEBSITE DESIGN / WEBSITE HOSTING / DOMAIN NAMES /
EMAIL SERVICES / CLOUD SOLUTIONS / WEB APPLICATIONS /
ONLINE BOOKING SYSTEMS / PAYMENT GATEWAY INTEGRATION /
E-COMMERCE SERVICES / CMS - ONLINE CONTENT MANAGEMENT /
SEO - SEARCH ENGINE RANKING OPTIMISATION / DATABASE SOLUTIONS /
FACEBOOK PAGE MANAGEMENT / ONLINE MARKETING STRATEGIES /
PORTAL DEVELOPMENT / MOBILE APPLICATION DEVELOPMENT

BOOK YOUR *www.companyname.com* before it's too late!!!

Free Basic Search Engine Marketing with every new website design.

We have ready-made solutions for:
- Property Developers & Real Estate Agents
- Travel Agencies
- Organisations & Clubs
- Photographers and Artists
- Restaurants & Bars
- Spas / Hair & Beauty Clinics
- Accommodation Services
- Radio & TV Stations

Contact Us for more information:

Ivan Vella (Foto Creative)
Office: 21578930
Mobile: 99824811
Email: info@fotocreative.com
Website: www.fotocreative.com

Microsoft Partner · Windows Azure · HTML 5 · ADWORDS QUALIFIED COMPANY Google · Google Developers · facebook developers

### Il-plattini li ma riedu jinkisru b'xejn!

Ġino Gauci, it-tifel l-ieħor ta' Ninu, aktar ħareġ dilettant tas-senter milli tax-xbiek, avolja xorta kien jonsob xi ftit. Darba minnhom, wara ġurnata jonsbu d-Dahar, kienu tilgħin lura lejn il-Mellieħa bil-vann aħdar Transit ta' missieru u hekk kif waslu Tas-Sellum, li dak iż-żmien kien għadu raba' tinħadem u mhux flettijiet, feġġew tliet gamimiet fil-għoli. Ġino, li kien fil-kaxxa tal-vann, qabad is-senter, spara u qatel tnejn minnhom. It-tielet waħda marret qagħdet fix-xifer u Ġino niżel għaliha. Sadanittant ix-xufiera tal-linja li kellhom il-venda fejn is-Santwarju ħarġu kollha jaraw kif kien se jispiċċa dak it-teledramm bla ħsieb. Il-gamiema tax-xifer taret fit-tul u Ġino taha żewġ tiri oħra u din telgħet 'il fuq lejn il-Wied tal-Madonna. Imbagħad ix-xufiera fetħulha ħanġra daqshiex, bi mħatra min jgħajjat l-aktar, biex jgħidulu li l-gamiema rawha toqgħod ġo ħarruba. Ġino tela' jfittixha u sabha mejta taħt is-siġra fejn kienu qalulu t-telespettaturi.[35]

Qabel, ħafna xufiera tal-linja dilettanti tal-kaċċa kienu jżommu s-senter fit-trakk ħalli fil-brejk kienu jieqfu xi mkien fil-kampanja u jmorru dawra forsi jaqbdu xi ħaġa. Kif inbidlu ż-żminijiet![36]

Ġino kellu ħabib, li kien jaħdem miegħu Farsons, li kien sparatur tal-għaġeb għall-plattini. Rari kienet tfallilu waħda. Meta kien jiġri hekk, kien ikun irid jaf kif u x'fatta! Issa Tat-Tomna kien hemm range tal-plattini u Ġino stieden lil sħabu biex jagħmlu kompetizzjoni bejniethom hemm. Sieħeb Ġino messu biex jispara u l-ewwel plattina marritlu. Dan mill-ewwel beda jonfoħ u jinnervja. Kulħadd beda jħokk rasu hekk kif dan beda jispara għal plattina wara l-oħra u kollha kienu jibqgħu sejrin qishom mhux huma! Bdiet tiela' t-tempra u kellu aptit ikisser is-senter. Bilkemm ma riedx jiftaħ skartoċċ ħa jara kienx fih ċomb. Imbagħad Ġino qallu biex ma joqgħodx jinkwieta, għax kien qed itajjarlu plattini tal-lastiku minflok plattini normali, u kien għalhekk li ma setax ikisser waħda![37]

### Terremot!

Missieri, Dwardu, Tat-Tabbu kien ħobża u sikkina ma' Ninu Fonz u kien jonsob miegħu għal tal-għana. Allura jien, ta' tfal li kont, kien l-hena tiegħi mmur magħhom. Fuq il-mansab kont nixba għax ma kellix kwiet fil-warrani. Allura kont dejjem bit-tama li jfiġġ Ġino biex joħodni dawra miegħu għall-kaċċa, niġbor li jkun qabad. Ġurnata minnhom tlaqna nduru għall-imlievez, u Ġino spara għal xi erbgħa u ma qatilx wieħed. Issa jien lil Ġino dejjem kont narah idaħħan kulma jispara għalih, allura ta' fidil li kont saqsejtu, "Dak kif ma qbadt xejn?" u l-ieħor weġibni, "Dik għax tgħawġet il-kanna. Issa nħallu s-senter ftit fix-xemx ħalli tiddritta." U morna fejn Fonz fid-dura, telaq is-senter fix-xemx, u jien qgħadt inħares lejh, nistenna l-kanna tieħu lura l-forma oriġinali. Wara xi siegħa qalli, "Tlaqna nduru dawra." Jien hekk ridt u veru, kulma spara għalih qatlu. U l-għada, kif wasalt l-iskola tgħidx kemm spjegajt lil sħabi dak li kont tgħallimt fuq l-inġinerija tal-kanen tas-snieter!

Imma x-xorti mhux dejjem kienet tidħakli; allura ġieli kelli noqgħod nitqanna ġurnata fid-dura. Meta kienu jaqilbu kienet tkun skuża tajba biex noħroġ niġri ġirja sakemm jeħilsu l-għasafar. U hawn kienu jibdew id-diżastri. Daqqa nkaxkar xi lanza ta' xi ġoga u naqtagħha, jew neħel ġox-xibka u nagħmel xi toqba, nintaħan ġo xi wajer jew naqleb xi xbiek bi żball. Ma kellix tort sa barra għax kull fejn kien joqgħod għasfur kienu jagħmlu mansab! Imbagħad xebgħa għajjat u jkolli nerġa' ndawwar denbi lejn id-dura, nittawwal bi tromba antika lejn iċ-Ċirkewwa, għalkemm dejjem kelli suspett li b'għajnejja kont nara aħjar milli b'dik l-imbierka tromba li kienet tiftakar iż-żewġ gwerer.

Niftakar darba Ninu bagħatni nġib id-demel ta' barra mill-beachpost li kellu fix-xagħra. Issa jien dan id-demel ta' barra ma kellix idea x'inhu; allura kif ftaħt il-bieb u tfixkilt ġo barmil isfar mimli b'dak li kien jidher melħ magħqud anqas biss erġajt ħarist lejh. Wara ħafna tiftix intensiv kelli nċedi u mmur lura ngħidlu li ma sibtux. Wara lezzjoni dwar id-demel ta' barra u l-karatteristiċi tiegħu, mixja oħra sal-beachpost, ħtaft il-barmil u tlaqt lura lejn id-dura. Hekk kif kont kważi wasalt ħabtu l-vrieden u jien, li kont naf li jekk jikxfuni, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt, intfajt mal-art u ma ċċaqlaqtx, forsi l-għasafar jaħsbuni xi ħatba jew xitla stramba. Feġġew żewġ teftifiet vrieden li tferrxu ma' kullimkien. Min qagħad ġos-sigar, min fejn ix-xbiek u min ġewwa. U jien mkaħħal mal-blat qisni statwa, ngħid ir-rużarju. Xħin dehrilhom li hemm biżżejjed għasafar ġewwa, nisma' minn taħt l-ilsien, "Wieħed, tnejn, tlieta" u xebgħa ċekċik ta' lasti. Ninu u missieri qalbu t-tlitt imnasab f'salt! Kemm qabdu vrieden ma niftakarx imma niftakar li għal darba qlajt prosit talli użajt moħħi u staħbejt kif stajt hekk kif ħabtu l-għasafar!

Xi drabi, meta ma kien ikun hawn xejn, kienu jaqilbu l-mansab il-wieqaf fuq l-għasafar tal-bejt. Imbagħad kienu joħorġu xi nofs tużżana gabjetti oħra, uħud minnhom vojta u jferrxuhom mal-mansab. Kienu jagħmlu hekk apposta biex in-nassaba tal-madwar, xħin jisimgħu l-lasti jċekċku ma' xulxin u jaraw lilna niġru neħilsu 'l-għasafar tal-għana u nqassmu aktar għasafar max-xbiek, jikkonkludu li ċċaqalqu l-vrieden. Imbagħad tara lil kulħadd ħiereġ idendel aktar gabjetti fil-għoli fil-qasab, bit-tama li jaqilbu xi qalba huma wkoll. Mur għidilhom!

Kien il-bidu ta' Marzu u jien u Ġino morna nonsbu għall-ġojjini fuq il-mansab tas-Sur Ġuż. Armajna malajr imma kellna problema. Kienet xemx taqli l-ankri u d-dura ma kellhiex tinda. Allura Ġino sab żewġ serrattizzi ħoxnin u żewġ bibien tal-injam daqsiex, waqqafhom kif seta' fuq il-ġebel tad-dura u dħalna taħthom qisna żewġ summiniet lebtin ġo ħafura. U bdew ġejjin il-ġojjini, kollha sidirhom aħmar qishom pitirossi. U Ġino jaqleb qalba wara qalba, noħorġu neħilsu u bilkemm tilħaq tidħol fid-dura li ma jerġgħux jiġu. Fl-aħħar Ġino qalli "Ejja ħa taqleb qalba," u qalbi għamlet tikk! Minkejja li pprotestajt kemm flaħt u għedt li ma ridtx, Ġino ntefa' bilqiegħda fuq il-kaxxa tal-injam li kelli jien u ħalla t-tron f'idejja. Bdejt nitlob 'l Alla u 'l-Madonna biex ma jiġi xejn aktar imma m'għaddewx ħames minuti li l-ġojjin li kellna fuq il-kamra ma fetħilhiex jgħanni, javża lil sħabu fejn għandhom jiġu. Fis-sema dehru tmien għasafar żgħar. Ġino ġibed il-lanza tal-ġojjina (għax lili ma fdanix inħarrek!) u dawn daru dawra tond fuq ix-xbiek u qagħdu kollha ħdejha jammirawha. Jien, hekk kif kont se naqleb, xegħlet bozza f'moħħi! Ftakart li kienu qaluli mitt darba biex ma niġbidx il-ħabel tal-ġbid lura imma ngħollih ftit 'il fuq ukoll biex ngħin il-lasti jitilgħu. Allura, biex ngħinhom żgur, tajt is-salt inqum bilwieqfa ħalli aktar naqleb malajr.

Jien u nqum, rasi ltaqgħet ma' wieħed mis-serratizzi li kien qed iżomm is-saqaf temporanju tad-dura f'postu u f'daqqa waħda terremot sħiħ! Billi kollox kien qed iżomm bil-biex, sfronda l-ilqugħ għax-xemx li kien għamel Ġino u spiċċajna mirdumin taħt żewġ bibien daqs dinja. Wara li Ġino irnexxielu joħroġ minn qalb it-tifrik u jsalva lili wkoll, morna naraw x'kont qbadt. Għallinqas ix-xbiek kien inqaleb imma ġojjini tnejn biss kont qbadt, aktarx għax kienu torox u għomja! Imbagħad reġa' poġġa Ġino, waqt li jien qgħadt kwiet nogħrok il-gundalla li kienet tfaċċat f'nofs il-qurriegħa. Imma mid-dehra, it-talb tiegħi issa kien instema', għalkemm ftit tard, għax ma dehritx rixa oħra. Il-ġojjini li naffart xandru l-aħbar biex ħadd aktar ma jersaq lejn il-mansab tat-terremoti. Mhux ta' b'xejn li lili kienu jaħsbuni aġent sigriet tal-M.O.S.![38]

## "Titlaq minn hawn kexxun u tiġi lura kaċċatur!"

Meta Ġamri Sciberras, il-Blackie siefer l-Awstralja, sab ruħu fil-ġenna tal-art għax hemm seta' jispara kemm irid fuq pappagalli, ħamiem, fniek u ħnieżer. Sewwa qallu kuġinuh Peppi, il-Basli, li minn Malta se jitlaq kexxun, jiġifieri jispara ħażin, u jiġi lura kaċċatur, għax hemm seta' jitħarreġ fuq xiex irid. Mhux talli hekk, saħansitra l-bdiewa kienu jmorru jitkarrbulu biex imur jispara fl-art tagħhom peress li l-għasafar u l-fniek kienu qishom flaġell fuq il-prodotti.

Imma Ġamri, il-passa tal-gamiem ta' Malta ma kien jibdilha ma' xejn, tant li kull sena kien jiġi lura biex iqatta' April u Mejju hawn. Ġamri kien joqgħod f'kamra d-Dahar. Għodwa minnhom stenbaħ, ittawwal mill-bieb u ħares lejn il-Lvant biex jara kemm kien baqagħlu biex jisbaħ, peress li ma kellux arloġġ. Induna li kien se jitħajjar ibexbex għax fuq l-Għadira kien jidher id-dawl. Allura libes malajr u ħareġ fil-bieb jistenna lil Toni Caruana, id-Dott biex imorru bis-senter flimkien. Imma d-Dott ma kien jidher imkien u lanqas ix-xemx ma tħajret tittawwal minn wara x-xefaq dakinhar. Wara li dam igerger ma nafx kemm dwar kemm kien ittardja Toni u kemm kien se jdum ma jisbaħ, Ġamri ntebaħ li dak id-dawl li kien qed jara fuq l-orizzont ma kienx ġej miż-żerniq tax-xemx imma mill-Mellieħa Bay Hotel. Din kienet waslet biex tiftaħ il-bibien, allura kienu xegħluha mal-lejl għall-ewwel darba !

Meta ġie lura għalkollox mill-Awstralja, Ġamri għamel xi ħames snin jgħix fil-kamra tad-Dahar, tant li missieru qallu, "Int stajt bqajt l-Awstralja, għax xorta ma narawk qatt!"

L-aħħar gallina li qabad il-Blackie ġiet biċ-ċajt. Mela kien sejjer għat-taraġ maqtugħ fil-blat li jagħti għal Irdum il-Qammieħ meta din il-gallina ħarġet minn ġo saqajh qisha xitan u telqet isserrep lejn id-Dahar. Ġamri kien pront immira, taha tir u qatilha. Mal-PUMM sema' xebgħa għajjat bl-Ingliż. Ċomba minnhom kienet laqtet turist li kien miexi fix-xagħra f'riġlu! Ġamri mar ħdejh u minkejja li l-Ingliż qallu li ma kellu xejn, insista li jdewwih. Allura kaxkru lejn il-kamra, ħasillu sieq


u bid-duwa safra u ma ħallihx joħroġ minn hemm ġew qabel tah żewġ tazzi inbid minħabba l-qatgħa! L-Ingliż ħareġ mill-kamra b'sieqU qisha lelluxa u jserrep 'l hemm u 'l hawn qisu dgħajsa fil-maltemp![39]

## 'Total ta' Sitt Mija – Sena Batuta'

Is-Sur Ġuż Buġeja, magħruf bħala Ta' Turi, barra li kien sid it-Tunnara tal-Mellieħa, kien dilettant ferm tal-insib tal-gamiem. Kellu xi kmamar fil-Wied ta' Għajn Tuta, li kien isejħilhom 'Josie's Lodge'.[40] Fuq il-kamra kien hemm pinnur imma s-Sur Ġuż kien ikun jaf x'inhu r-riħ mingħajr ma joqgħod joħroġ għar-reżħa ta' filgħodu biex jittawwal barra. Dan għaliex ix-xaft tal-pinnur kien jibqa' nieżel fil-kamra u jimmarka ġewwa wkoll.[41] Saħansitra kellu kappella, fejn kull nhar ta' Ħadd, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu, kien jiġi jqaddes Patri Bonell minn Ħ'Attard.[42] Is-Sur Ġuż kien jibqa' d-Dahar sa żmien il-bajtar, imbagħad kien imur il-Kamra tat-Tunnara, l-Għadira.[43]

L-imnasab tas-Sur Ġuż kien bil-mażżri. Kellhom spiera fonda xi disa' filati mħaffra fil-blat f'ras il-lasti tan-naħa tad-dura, mgħottija bi twavel u mgħammra b'tarjola. Mit-tarjola kien jgħaddi ħabel li f'tarf minnhom kien ikollu ganċ, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra, fl-ispiera, kien hemm marbut piż taċ-ċomb. Ridt tieħu rankjatura, tiġbed il-piż mill-ħabel ħalli ttellgħu mill-ispiera u tqabbad il-ganċ ma' ħolqa fil-lasta. Meta taqleb, iċ-ċomb kien jinżel fl-ispiera u jiġbed il-lasta lejh u b'hekk ix-xbiek jinqaleb malajr.[44]

Darba John, is-Sigarett ġie f'idejh id-djarju tal-insib li kien iżomm is-Sur Ġuż dwar il-qbid tal-gamiem. Dan kien iniżżel kemm kien jaqbad kuljum u fl-aħħar tal-passa, it-total. Sena minnhom, ftit wara l-gwerra, kien hemm miktub: 'Total ta' 600 – sena batuta.'[45]

Is-Sur Ġuż ma kienx iżarma l-imnasab. Allura filgħaxija kien jiġi wieħed ġuvni minn Ħal Lija jonsob forsi jlaqqat xi ħaġa. Darba minnhom, John u zijuh Toni semgħu ħafna għajjat ġej mill-mansab u marru jaraw x'ġara. Hemm sabu lil dan it-tali bid-demm ħiereġ gelgul minn idejh. Kien ġibed il-ħabel biex iwaħħal il-ganċ mal-lasta, żelaqlu minn idu, il-mażżra għamlet xogħolha u l-ganċ ċarratlu idejh minn subgħajh sal-polz. Ħaduh għand it-tabib u dakinhar, dan it-tali, minflok b'xi nofs tużżana gamiem, spiċċa b'xebgħa punti.

#### Immaxingjah

Meta Charlie Bartolo, l-Għarus kien għadu daqsxejn ta' tfajjel kien l-hena tiegħu jiġri ma' sħabu jaqbdu l-għasafar tal-bejt bil-kopp. Kienu jistennew l-għasfur jidħol ġol-ventilatur, jagħmlulu l-kopp quddiemu, iċekċku b'qasba ġot-toqba u kif joħroġ kien isib ruħu mkebbeb.[46] Ħafna drabi kienu jerġgħu jitilquh, għalkemm ġieli kienu jaqilgħulu xi tliet rixiet minn denbu biex jiġi qisu ħuttafa.[47] Imma mhux dejjem kienet tiġihom żewġ. Xi kultant, tal-bejt kien ikun ġurdien xiħ u ta' xejn iċekċkulu għax



*Charlie Bartolo, l-Għarus b'gamiema tat-taħrik, id-Dahar.*

ma kien ikun irid joħroġ b'xejn! Agħar minn hekk, kien jitfaċċa xi pulizija u t-tfal kienu jgħosfru biex ma jispiċċawx fil-gaġġa huma![48]

Charlie jiftakar kif fil-gwerra kien waħdu d-dar meta ħin minnhom daqq air raid. Dan, minflok niżel fix-xelter, iddeċieda li jmur ifittex lil ommu li kienet il-Miżieb taqta' l-ħaxix għall-bhejjem. Hekk kif qabad il-passaġġ li jagħti għall-ħotba Ta' Psiepes, għadda ajruplan tal-għadu u beda jimmaxingjah! Charlie għandu stampat f'moħħu x-xena tat-trab tal-blat itir hekk kif il-balal bdew jaħbtu quddiemu. Dak il-ħin ħareġ bidwi li kien moħbi taħt ħarruba u kaxru miegħu għall-kenn.[49]

Jiftakar passa summien mill-kbar f'Ottubru. Is-summien bdew itajruh tużżana tużżana. Telaq idur ma' wieħed, b'senter ta' kanna, it-tnejn li huma tfalijiet, allura bla liċenzja. Kif waslu x-Xquq tajru xi tliet summiniet u l-iskartoċċ ma ħax. Indunaw li kienu tilfu l-firing pin. Allura marru fejn bidwi li sabilhom musmar, irranġawh kif setgħu u deffsuh flok il-firing pin. Is-senter daqqa beda jieħu u daqqa le imma kif qalli l-Għarus, "Xorta laqqatna erbgħa għax kien hawn xi tlaqqat!"[50]

Missieru ma kienx dilettant; allura ntefa' jonsob ma' Salvu, Tal-Ħadra u Wiġi, Ta' Boroż. Dan Wiġi kien għamel żmien l-isptar għax kien weġġa' siequ sew. Meta ħareġ, talab lil Charlie jmur jarmalu fuq il-Wied ta' Rdum,[51] ħalli jsib kollox lest sakemm hu jasal tlikki tlikki bil-gamiem tat-taħrik. Kif tħajjar ibexbex, imtela kullimkien bqaraq, jissieħu fuq ix-xgħir. Charlie ddejjaq jistenna; allura beda jara l-bqaraq joqogħdu, jersaq lejhom u jwaddbilhom ġebla. Sakemm wasal Wiġi bit-taħrik kien qabad tlieta.

Sadanittant il-gamiem kien beda tiela'. Ħin minnhom feġġet teftifa kbira li kif Wiġi wrieha t-taħrik, għodsot fil-wied u ma baqgħux jarawha f'dak in-nofs dawl. F'daqqa waħda feġġet ġo wiċċhom għaddejja minn ġox-xbiek. Sakemm Wiġi qaleb, ħafna minnha laħqet għaddiet u laħaq żamm 23 waħda. Wiġi, li kif għedna, kien fuq sieq waħda, ma setax joħroġ jeħles u l-Għarus spiċċa jagħmel kollox waħdu, jintef, irodd u jdaħħal il-gamiem. Dakinhar qabdu 96 u l-ġurnata ta' qabel, ħu Wiġi, mill-istess mansab, kien qabad 117 f'nofstanhar.[52]

Imbagħad Charlie telaq lejn l-Awstralja. Kien hemm li qalgħuhielu l-Għarus. Peress li dejjem kien jilbes pulit bl-ingravata, sħabu kienu jgħidulu "Qisek għarus!" u baqa' l-Għarus s'issa, avolja ilu miżżewweġ 58 sena! Meta ġie lura fis-snin sebgħin, l-ewwel beda joħroġ ftit bis-senter imma aktarx kien jispiċċa bilqiegħda fejn xi nassab. Imbagħad rama d-Dahar għall-gamiem. Imma malajr induna li dak li kien ipassi qabel ma telaq lejn l-Awstralja kien sparixxa. Qabad xi darbtejn għaxra f'qalba imma l-bqija l-festa kien ilha li spiċċat. Imma hu qatt ma ddejjaq għax kif qalli, "Jien kont nonsob għall-gost."[53]

### Imnasab mitluqin

Illum ix-xagħra tad-Dahar għadha hemm toħlom li xi darba għad terġa' tara l-gamiem tal-intorn tiela' jħakkek magħha, it-taħrik fir-ruffjana jurih it-triq u l-lasti jaħbtu fuq il-blat samm. Tittama li terġa' tisma' t-tokki tal-qanpiena tal-kappella tas-Sur Ġuż issejjaħ lin-nassaba u l-kaċċaturi għall-quddies, lil xi nassab jgħajjat "Ħarrek, ħarrek!" u t-tfaqqigħ tal-ixkubetti fuq il-qtajja' tal-gamiem. Imma jkollha tikkuntenta biss bl-imnasab mitluqin, bir-rażżi u l-imrabat imsadda fil-blat u xi ċagħkija tal-gamiem imqallba ta' taħt fuq għall-bebbux.

**Dan l-artiklu qatt ma seta' jkun possibbli mingħajr dawn in-nies:**

David Bartolo, Charlie Fenech, Carmelina Fenech, John Vella, Mary Vella, Paul Vella, Eugenio Gauci, Catherine Gauci, John Gauci, Agnes Gauci, Ġamri Sciberras, Mary Sciberras, Charlie Bartolo, Josephine Bartolo, John Baptist Gauci, Grazio Barbara, l-Arċipriet Fr. Joe Caruana, Ruben Vella u l-istaff tal-Arkivji Nazzjonali.

### Riferenzi

[1] Il-kelma Dahar tfisser 'sarġ' bejn żewġ tlajja' u tissemma' għall-ewwel darba f'kuntratt tan-nutar L. Hajus fl-1525. Is-sarġ, bl-Ingliż saddle, jitpoġġa fuq il-bhima biex ir-rikkieb ikun jista' jsuqha. Informazzjoni meħuda minn Wettinger G. (2000), Place-Names of the Maltese Islands, Peg Ltd.
[2] Okkorrenzi tal-Pulizija 1902.
[3] Okkorrenzi tal-Pulizija 1905.
[4] ibid.
[5] Okkorrenzi tal-Pulizija 1908.
[6] ibid.
[7] Okkorrenzi tal-Pulizija 1918.
[8] Okkorrenzi tal-Pulizija 1912.
[9] Prodotti li jifilħu n-nixfa bħall-basal.
[10] Intervista ma' Charlie Fenech.
[11] Okkorrenzi tal-Pulizja 1906 – *reported that while he was catching birds with a pitfall, Salvatore Bartolo… stole him* (sic*) a bird called taz-zebbug*.
[12] Intervista ma' Charlie Fenech.
[13] Isem korrott tal-kelma *Exchange*, għax fil-viċin kien hemm *Exchange* tat-Telefon.
[14] Intervista ma' Charlie Fenech.
[15] Intervista ma' John Vella, is-Sigarett.
[16] ibid.
[17] ibid.
[18] ibid.
[19] ibid.
[20] Spiċċa bil-laqam Fonz għax lil kull min jara kien jgħidlu "Haw Fonz, kif aħna!' Ninu ħalla din id-dinja fit-30 ta' Ottubru, 2001. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.
[21] Intervista ma' Eugenio Gauci.
[22] ibid.
[23] Intervista ma' John Gauci.
[24] Intervista ma' Eugenio Gauci.
[25] Intervista ma' John Gauci.
[26] ibid.
[27] Kien magħruf bħala tat-Talkies għax kellu ċinema l-Mosta. Ara wkoll il-ktieb ta' Natalino Fenech (2015) 'Kif Dieb il-Gemiem', pġ 36-39.
[28] ibid.
[29] ibid.
[30] Intervista ma' Eugenio Gauci.
[31] ibid.
[32] Ħafna kaċċaturi kienu jħalltu ftit cordite mal-porvli normali, biex it-tir jiġi aktar qawwi. Tir bil-porvli mħallat mal-cordite kien jintgħaraf mit-tvenvin li kien jagħmel. Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn John Vella, is-Sigarett.
[33] Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Ninu Gauci.
[34] Okkorrenzi tal-Pulizija 1919.
[35] ibid.
[36] ibid.
[37] ibid.
[38] Il-Malta Ornithological Society, illum Birdife Malta.
[39] Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Ġamri Sciberras, il-Blackie.
[40] Intervista ma' John Vella, is-Sigarett.
[41] Intervista ma' Charlie Fenech.
[42] Fenech Natalino (2015) Kif Dieb il-Gemiem, Klabb Kotba Maltin.
[43] Intervista ma' John Vella, is-Sigarett.
[44] ibid.
[45] ibid.
[46] Intervista ma' Charlie Bartolo, l-Għarus.
[47] Intervista ma' John Vella, is-Sigarett.
[48] Intervista ma' Charlie Bartolo, l-Għarus.
[49] ibid.
[50] ibid.
[51] Charlie isejjaħlu wkoll il-Wied tal-Masklu.
[52] Intervista ma' Charlie Bartolo, l-Għarus.
[53] ibid.





# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni

120 Bar....54
A. Vella Borg & Sons Ltd....95
A.J.M. Service Station....14
Aalayah's Stop & Shop....7
Agalaya Beauty Clinic....100
Al Ponte....54
Alkova....57
All Needs The D.I.Y. Store....63
Angela's Flower Shop....52
Art in Beauty....62
Bayleaves....7
Billy's....4
Bottles & Bottles....15
Carmel Vella Limited....10
Cash & Carry....14
CLD....8
Dainty....17
Dingli Butcher....3
Drifter....50
Drivewell Motoring School....6
Eight24....21
EPC Computer Centre....50
Evergreen....19
Eyetech....58
Farmer's Fresh Green Grocer....39
Fieldsports....11
FotoCreative....111
Gason Mamo Insurance....outside back
George's Bakery....64
Green Valley....35
HB Motors....49
Herbies....62
Horace Enterprises Ltd....93
Imperial Bar....70
Ir-Razzett Fruit Shop....28
J. Attard....13
J. Vella....28
J&G Discount....13
JDS....inside back
Jevon's Fruit Shop....3
Joe Gauci Metal Works....37
John Bray & Family....75
John Buttigieg (Ċikkies)....67
Joseph Debono Mapfre....58
Julie's Lifestyle....115
Kafè Borg....35
Manuel Bezzina Co Ltd....70
Manuel's Garage....88
Marianna Stationery....88
Mario Gauci....83
Mark Taliana Gardening....110
Mġarr United Bar & Restaurant....28
Mosta Bacon....78
Nella's....19
One 80....44
P&C Cauchi....71
Paradise Bay Resort Hotel....74
Paws 'n' Claws....17
Perfumes&more....inside front
Pergola Hotel and Spa....55
Ph Borg Ltd....6
Reflections....78
ROCS....59
Sala Imperial....66
Santa Maria Service Station....100
Solana Hotel and Spa....55
Square Gastro Bar....48
Stardust....16
Stephen Deguara....69
Suiga Snack Bar....41
Ta' Dronk....20
Ta' Peter....73
Ta' Titta Confectionery....83
Tal-Puzzu....73
Thai Thai....15
The Beach at Paradise Bay....79
The Caterer....63
The Core....2
The Hilltop Restaurant....20
The Veggie Truck....36
Tony's Bakery....28
Tower Ladder Services....61
V. Debono Ironmongery....100
Villager by Munchies....24
Welbee's....51
Zammit Concrete....11

*Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.*

# AT JDS WE OFFER:



A variety of custom made kitchens , bedrooms and bespoke furniture, both modern and traditional to suit your needs.

A variety of custom designs and local manufacture that can provide you with a range of materials and colour schemes of your choice.

All are manufactured locally in Marsa.





We also have a wide range of gifts and accessories. These include tableware, to cushions, runners, crystal vases, lamps and occasional furniture.



Visit our showroom in Mellieha to view our Himolla sofa collection. Carrying a 5 year guarantee, Himolla can bring more comfort to home.

Visit the Himolla website:
www.himolla.com











Ask us for any assistance, you may require.

SAVE MONEY WITH JDS DIY MADE TO MEASURE SERVICES.

JDS Furniture Ltd

Main Street, Mellieha | Garibaldi Street, Marsa | t: +356 2152 2390
e: info@jdsfurniture.com | s: www.jdsfurniture.com | fb: JDS Furniture

# NO MATTER WHAT LIFE THROWS AT YOU,

# IT'S HOW YOU DEAL WITH IT THAT MATTERS!

GasanMamo
INSURANCE
we're always there





**Birkirkara** T: (+356) 2149 6235 | **Gżira** T: (+356) 2134 5123 | **Mellieħa** T: (+356) 2152 3672
**Mosta** T: (+356) 2713 5297 | **Paola** T: (+356) 2166 2815 | **Rabat** T: (+356) 2145 5523 | **Sliema** T: (+356) 2134 2211
**Qormi** T: (+356) 2148 7118 | **Mrieħel** T: (+356) 2778 8277 | **Valletta** T: (+356) 2123 2666

GASANMAMO INSURANCE LIMITED IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT AND REGULATED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM